PARLAMENT TA' MALTA

# KAMRA TAD-DEPUTATI

# Rapport Annwali

# 2015

# 1. XOGĦOL TAL-KAMRA

## *1.1 Ħarsa Ġenerali*

Is-sena 2015 kienet sena importanti għall-Parlament Malti. Matul l-ewwel erba' xhur, il-Parlament kien għaddej bil-preparamenti għall-migrazzjoni mill-Palazz tal-Gran Mastri għall-bini ġdid fid-daħla tal-Belt Valletta ddisinjat mill-Perit Renzo Piano. Din il-migrazzjoni seħħet f'Mejju u b'riżultat ta' dan, il-Parlament Malti għall-ewwel darba fl-istorja ta' Malta, beda jiffunzjona mill-bini tiegħu stess.

### *1.1.1 Inizjattivi ġodda fil-Parlament matul l-2015*

Diversi inizjattivi li ġew imnedija fl-ewwel sentejn tat-12-il Leġiżlatura tkomplew fl-2015, fosthom il-pubblikazzjoni ta' kull tliet xhur *mill-Parlament* li tiġbor l-attivitajiet li seħħew fil-Parlament f'dak il-perjodu, u l-ħarġa ta' volum ieħor tal-pubblikazzjoni *Is-Sedja Titkellem*, li hija ġabra tad-deċiżjonijiet tas-Sedja fuq kwistjonijiet proċedurali varji.

Il-mixja għall-bini l-ġdid ġabet magħha x-xandir b'mod dirett tas-seduti parlamentari u l-laqgħat tal-kumitati. Saħansitra, f'Ottubru tal-2015, dan is-servizz sar *free-to-air* u għaldaqstant il-pubbliku jista' jsegwi b'mod viżwali d-dibattiti tal-Kamra u tal-kumitati tagħha mingħajr limitu.

Fil-bidu tal-2015, il-Parlament impjega ħames *research analysts* ġodda bil-għan li jtejjeb l-assistenza lill-Membri Parlamentari fil-qadi ta' dmirijiethom. Fil-fatt, dawn ir-*research analysts*, minbarra li jinformaw lill-Membri bil-proposti ta' leġiżlazzjoni mill-Unjoni Ewropea, jipprovdulhom assistenza fit-tħejjija tagħhom għal parteċipazzjoni f'fora interparlamentari u f'laqgħat ta' kumitati parlamentari permezz ta' rapporti u riċerka.

F'Ġunju tal-2015, il-Parlament Malti, flimkien mal-fergħa tar-Renju Unit tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth (CPA), ospita l-Ħames *Workshop* tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-*Commonwealth*. Din kienet l-ewwel darba li dan il-*Workshop* ġie organizzat barra r-Renju Unit. Il-parteċipanti qablu fuq Kostituzzjoni li twaqqaf il-*Commonwealth Association of Public Accounts Committees* (CAPAC), filwaqt li eleġġew b'mod unanimu lill-Onor. Tonio Fenech bħala l-ewwel President tal-Kumitat Eżekuttiv ta' din l-Assoċjazzjoni.

F'Novembru tal-2015, bħala parti mill-attivitajiet taċ-CHOGM 2015, il-Parlament ospita għall-ewwel darba fl-istorja tal-Commonwealth dibattitu bejn il-kandidati għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Comonwealth u s-soċjetà ċivili.

Diversi attivitajiet oħra ġew organizzati minn jew b'kollaborazzjoni mal-Parlament Malti matul is-sena. Aktar dettalji fuq dawn l-attivitajiet jinsabu f'Kapitlu 6 ta' dan ir-rapport.

### *1.1.2 Il-kompożizzjoni tal-Parlament*

Fl-2015, il-kompożizzjoni tal-Kamra jew tal-gruppi parlamentari nbidlet tliet darbiet:

- Fil-5 ta' Mejju, l-Onor. Giovanna Debono rriżenjat mill-Oppożizzjoni tal-Partit Nazzjonalista u ddikjarat ruħha bħala Membru Parlamentari Indipendenti.

- Fit-3 ta' Novembru, il-Membru tal-Opożizzjoni l-Onor. Joe Cassar ippreżenta l-ittra tar-riżenja tiegħu minn Membru tal-Kamra tad-Deputati lill-Ispeaker. Din ir-riżenja rriżultat f'post vakanti fis-Seba' Distrett Elettorali bl-elezzjoni każwali f'dan id-Distrett

tinżamm fis-16 ta' Novembru. Fl-elezzjoni każwali ġie elett in-Nutar Anthony Abela li ħa l-ġurament ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati dakinhar stess.

- Fis-17 ta' Novembru, l-Onor. Marlene Farrugia ddikjarat ruħha bħala Membru Parlamentari Indipendenti wara li rriżenjat mill-Gvern tal-Partit Laburista. L-Onor. Farrugia rriżenjat ukoll minn President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

## 1.2 Programm Leġiżlattiv

Matul l-2015, il-Parlament għadda 44 Att tal-Parlament, 16 minnhom kienu Atti prinċipali waqt li s-28 l-oħra kienu Atti li jemendaw liġijiet prinċipali diġà fis-seħħ.

### 1.2.1 Leġiżlazzjoni ġdida u l-għanijiet u raġunijiet wara l-Abbozzi ta' Liġi

**Att I tal-2015 – Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija)**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma l-introduzzjoni ta' numru ta' miżuri li jiffaċilitaw u jħaffu l-proċeduri fir-rigward tal-pussess ta' kwantitajiet żgħar ta' droga projbita għall-użu personali, għat-teħid ta' miżuri għar-rijabilitazzjoni ta' persuni akkużati bit-twettiq ta' ċerti reati kriminali, li jsofru minn dipendenza fuq id-droga, għat-titjib tal-amministrazzjoni tar-riżorsi fil-Qrati tal-Ġustizzja u fil-ġlieda kontra l-kummerċ tas-sustanzi narkotiċi illegali.

**Att II tal-2015 – Att dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz li Liġi huma sabiex jiġu mħassra ċertu liġijiet li għalaq iż-żmien tagħhom, jew li jkun spiċċa l-iskop tagħhom jew li kellhom l-effett tagħhom.

**Att IV tal-2015 – Att dwar Diversi Liġijiet fil-qasam tas-Sħubija fi *Trade Union* ta' Forzi Dixxiplinati**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex membri ta' forza dixxiplinata u ta' forzi simili jkunu jistgħu jissieħbu fi *trade union* reġistrata tal-għażla tagħhom.

**Att V tal-2015 – Att dwar il-Professjoni tal-*Counselling***

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biex tiġi regolata l-professjoni tal-*counselling*, kif ukoll materji li għandhom x'jaqsmu magħha.

**Att IX tal-2015 – Att dwar Vittmi tal-Kriminalità**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu biex jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi *standards* minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, l-imsemmija Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, u d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI.

**Att XI tal-2015 – Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma li jipprovdi għar-rikonoxximent u reġistrazzjoni tal-ġeneru ta' persuna u sabiex jirregola l-effett ta' din il-bidla, u r-rikonoxximent u l-protezzjoni xierqa tal-karatteristiċi tas-sess tal-persuna. L-identità tal-ġeneru hija kkunsidrata bħala parti minn persuna li tista' jkollha jew ma jkollhiex bżonn ta' trattament kirurġiku jew ormonali jew terapija u l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi għall-proċedura simplifikata li tirrispetta l-privatezza tal-persuna li qed titlob li d-dokumenti uffiċjali tagħha jinbidlu sabiex jirriflettu l-ġeneru tagħha. Bl-istess mod, il-karatteristiċi tas-sess ta' persuna jvarjaw fin-natura u l-persuni kollha għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom li jaffettwaw l-integrità tal-persuna u l-awtonomija fiżika tagħhom.

**Att XIII tal-2015 – Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġu implimentati l-Miżuri tal-Estimi Finanzjarji għall-2015 u miżuri amministrattivi oħra.

**Att XV tal-2015 – Att dwar il-Kunsill Malti għall-Arti**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu għat-twaqqif tal-Kunsill Malti għall-Arti biex jinkoraġġixxi u jippromwovi s-setturi tal-kultura u tal-kreattività fi ħdan perspettiva wiesa' ta' attività soċjoekonomika, biex jipprovdi għall-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet tiegħu, u biex jipprovdi għall-kompożizzjoni tiegħu kif ukoll għall-persunal li għandu jiġi impjegat għat-twettiq effiċjenti tal-funzjonijiet tiegħu.

**Att XVII tal-2015 – Att fuq Azzjoni dwar il-Klima**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex jistabbilixxi qafas legali u amministrattiv għal Azzjoni dwar il-Klima f'Malta.

**Att XXIV tal-2015 – Att dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma biex jirregolaw il-mod kif partiti politiċi jiġu ffurmati, il-mod kif jaħdmu u jiġu ffinanzjati u l-mod kif jipparteċipaw fl-elezzjonijiet. L-Abbozz jintroduċi wkoll obbligi u limiti speċifiċi rigward il-finanzjament tal-partiti politiċi. Dan iżid l-infiq permissibbli fuq kampanji elettorali tal-kandidati, jimponi kontrolli aktar stretti fuq dan l-infiq u jintroduċi sanzjonijiet aktar effettivi kontra infiq żejjed.

**Att XXV tal-2015 – Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jipprovdu għat-twaqqif ta' Regolatur li jkun magħruf bħala r-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u għall-eżerċizzju minn jew f'isem dak ir-Regolatur ta' funzjonijiet regolatorji li jirrigwardaw servizzi relattivi għall-enerġija u l-ilma, sabiex jipprovdi għall-kompożizzjoni, il-funzjonijiet u t-tmexxija tar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, għall-ħatra ta' uffiċjali u impjegati tiegħu, u biex jipprovdi għal proċedura ta' appell minn deċiżjonijiet tar-Regolatur.

**Att XXIX tal-2015 – Att dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku u d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/37/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li temenda d-Direttiva 2003/98/KE dwar l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku.

**Att XXXIV tal-2015 – Att dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni**

Ir-raġunijiet u l-għanijiet ta'dan l-Abbozz ta' Liġi huma biex jipprovdu għall-parteċipazzjoni tal-Gvern ta'Malta fil-ftehim dwar it-trasferiment u l-mutwalizzazzjoni ta'kontribuzzjonijiet għall-Fond Uniku ta'Riżoluzzjoni matul il-perjodu tranżitorju qabel id-dħul fis-seħħ tal-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u sabiex jipprovdu għad-dħul fi ftehim finanzjarji jew oħra jew f'arranġamenti mal-parteċipanti fil-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni.

**Att XLI tal-2015 – Att dwar l-Approprjazzjoni (2016)**

Dan l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn €2,599,705,338 għas-servizz tas-sena finanzjarja 2016 għall-infiq taħt il-Voti li jidhru fl-Iskeda li tinsab ma' dan l-Abbozz.

**Att XLII tal-2015 – Att dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2015)**

Dan l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi għall-approprjazzjoni ta' somma ta' mhux iżjed minn €336,363,987 għas-servizz tas-sena finanzjarja 2015 għall-infiq taħt il-Voti li jidhru fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Abbozz minbarra s-somma ta' €2,539,983,333 approprjata bl-Att Nru XXXIX tal-2014 u għall-approprjazzjoni ta' somma oħra ta' €13 għas-servizz tas-sena finanzjarja 2015 bi ħlas lura ta' somma ekwivalenti rtirata mill-Fond ta' Kontinġenzi matul is-sena finanzjarja 2015 taħt il-Voti speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Abbozz.

**Att XLIV tal-2015 – Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala membru fl-Asian Infrastructure Investment Bank**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex jipprovdi l-mekkaniżmu neċessarju sabiex Malta tkun tista' ssir membru fundatur fl-Asian Infrastructure Investment Bank. L-għan tal-Bank huwa primarjament li jkattar żvilupp ekonomiku sostenibbli, jikkrea l-ġid u jtejjeb il-konnettività infrastrutturali fl-Asja billi jinvesti fl-infrastruttura u setturi oħra ta' produzzjoni u sabiex jippromwovi kooperazzjoni reġjonali u sħubija sabiex jiġu indirizzati l-isfidi permezz ta' kollaborazzjoni ma' istituzzjonijiet ta' żvilupp multilaterali u bilaterali.

### *1.2.2 Atti li jemendaw liġijiet prinċipali u l-għanijiet u raġunijiet wara l-Abbozzi ta' Liġi*

**Att III tal-2015 – Att li jemenda Diversi Liġijiet kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex jemenda diversi liġijiet li jirrigwardaw il-prevenzjoni ta' *laundering* ta' flus u finanzjar ta' terroriżmu.

**Att VI tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati**

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/95/EU dwar *standards* għall-kwalifika ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni apolidi bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali għal status ta' rifuġjati jew ta' persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.

**Att VII tal-2015 – Att li jemenda Diversi Liġijiet (Persuni b'Diżabilità) (Sħubija f'Diversi Entitajiet)**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex jippermetti persuni b'diżabilità jsiru membri ta' entitajiet speċifiċi għal skopijiet ta' rappreżentanza.

**Att VIII tal-2015 – Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jimplimentaw aktar id-Direttiva 2013/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Awwissu 2013 dwar attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni, sabiex tiżdied il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati u sabiex jiġi stabbilit l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Dan l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi wkoll emendi konsegwenzjali għal-liġijiet oħra.

**Att X tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biex jittrasponi d-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif ukoll li jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew inċidentali għalihom.

**Att XII tal-2015 – Att li jemenda l-Kodiċi Ċivili**

L-emenda għall-artikolu 4(3) hi estensjoni tal-Formula T li kienet ġiet introdotta fl-24 ta' Lulju 2012 u li kienet valida għal sena. Sottomissjoni tal-Formula T kienet tippermetti persuni li jiddikjaraw li kienu żiedu l-kunjom ta' xbubit ommhom ma' dak ta' missierhom sabiex ikollhom dak il-kunjom *double barrell* reġistrat fir-Reġistru Pubbliku. L-emenda tipprovdi għal estensjoni ta' żmien mhux limitat għal dawk il-persuni li ma kinux issottomettew il-Formula T mitluba fil-ħin sad-data tal-għeluq tat-23 ta' Lulju 2013. Fiż-żmien tal-iskadenza tal-formula, ir-Reġistru Pubbliku kien u għadu qed jirċievi ammont konsiderevoli ta' talbiet u għalhekk inħass li l-estensjoni tkun milqugħa tajjeb ħafna miċ-ċittadini u li r-reġistrazzjonijiet imsemmija ser jikkonsolidaw il-kunjomijiet fuq is-sistemi tal-gvern.

L-emendi proposti għall-artikolu 92(1) tal-Kodiċi jagħmlu referenza għal tfal li twieldu barra miż-żwieġ. L-emendi jipprovdu għal drittijiet ugwali għal dawk it-tfal sabiex iżidu kunjom xbubit ommhom wara dak ta' missierhom kif bħalissa jistgħu jagħmlu tfal li twieldu fiż-żwieġ permezz tal-Formuli T u U meta l-estensjoni rakkomandata hawn qabel tiġi approvata. Il-formuli tal-applikazzjoni W u X ġew maħluqa b'mod xieraq sabiex jilqgħu dawk l-applikazzjonijiet. L-emendi jagħmlu ugwali d-drittijiet tat-tfal li twieldu barra miż-żwieġ sabiex jagħmilha possibbli għalihom li jadottaw il-kunjom preżenti ta' ommhom kif hu bħalissa permissibbli fl-istess artikolu għal tfal rikonoxxuti mill-missier. Din l-emenda tal-aħħar hi maħsuba sabiex tikkontribwixxi għall-għaqda fil-familja.

L-għan tal-emenda għall-artikolu 247 u l-introduzzjoni tal-artikolu 285A tal-Kodiċi jipprovdu soluzzjoni għal dawk l-immigranti li twieldu fuq il-baħar fuq bastiment li ma jkunx reġistrat taħt l-ebda ġurisdizzjoni, u dan biss meta Malta tkun l-ewwel port fejn ikun żbarka dak il-bastiment. Qed ikun propost li twelid bħal dak jista' jiġi reġistrat fir-Reġistri Pubbliċi ta' Malta u Għawdex u li l-limitu ta' żmien għal reġistrazzjoni jkun estiż sakemm isiru l-verifiki meħtieġa.

**Att XIV tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum***

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu li jittrasponi fil-liġi nazzjonali d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar is-sigurtà tal-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass *offshore* u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE.

**Att XVI tal-2015 – Att li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Suċċessjoni**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 650/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012

dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' deċiżjonijiet u l-aċċettazzjoni u l-infurzar ta' strumenti awtentiċi fil-qasam tas-suċċessjonijiet u dwar il-ħolqien ta' Ċertifikat Ewropew tas-Suċċessjonijiet.

**Att XVIII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Intrapriżi Żgħar**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-obbligi li kienu jappartjenu mal-Ministeru preċedenti tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, liema obbligi issa jaqgħu taħt il-Ministeru għall-Ekonomija u b'mod ġenerali biex jingħata isem ġdid lid-Direttorat għall-Politika dwar l-Intrapriża.

**Att XIX tal-2015 – Att li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

L-għan prinċipali ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu li joħloq elenku ta' kustodji sabiex id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IIIA – Fuq il-Kustodja – tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jkunu jistgħu jitwettqu b'mod aktar effiċjenti.

**Att XX tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u Karatteristiċi tas-Sess u liġijiet oħra**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex jipprovdi lil persuni adottati bil-fakultà li jbiddlu l-identità tal-ġeneru tagħhom kif ukoll sabiex jipproteġi l-privatezza ta' persuni li jkunu biddlu l-identità tal-ġeneru tagħhom. Dawn l-emendi jipprovdu wkoll għall-proċedura li għandha tiġi adoperata u segwita sabiex issir il-korrezzjoni fid-Digriet tal-Adozzjoni kif ukoll ir-reġistrazzjoni tal-korrezzjoni fir-Reġistru tal-Persuni Adottati. L-abbozz jaħseb ukoll għall-annotazzjonijiet li għandhom isiru fuq l-atti ċivili kollha tal-persuni li jbiddlu l-identità tal-ġeneru kif ukoll fuq il-ħruġ ta' kopji tal-atti.

**Att XXI tal-2015 – Att li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biex jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u risolviment tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, billi jiġi emendat l-Att dwar Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u emendi oħra konsegwenzjali għall-Att dwar Servizzi ta' Investiment u l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju.

**Att XXII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex jimponi kontribuzzjoni li għandha titħallas minn persuni li jonqsu milli josservaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità.

**Att XXIII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar Sigurtà fl-Ajruportijiet u fl-Avjazzjoni Ċivili**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu biex jagħti s-setgħat neċessarji lill-Ministru biex jipprovdi għal penali għall-ksur tal-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu.

**Att XXVI tal-2015 – Att li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru 2)**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex isiru emendi lill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bil-għan li tiġi ffaċilitata l-proċedura għall-iżgumbrament f'ċerti każi li jirrigwardaw art tal-Gvern u meta r-raġunijiet għal żgumbrament ikunu ċari.

**Att XXVII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex tiġi emendata l-liġi dwar l-edukazzjoni fejn tidħol l-età obbligatorja għall-iskola u l-eliġibbiltà għal *warrant* min ikollu grad ta' Baċċellerat fl-Edukazzjoni fi Trobbija Bikrija u Kura li jipprattikaw fil-livell ta' *Kindergarten*.

**Att XXVIII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa sabiex ikunu introdotti dispożizzjonijiet relatati mal-għoti ta' pensjoni ta' servizz lil dawk il-persuni li servew fil-Forza ta' Għajnuna u Salvataġġ stabbilita fl-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili.

**Att XXX tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur**

L-għan ewlieni ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa li jipprovdi għal dispożizzjonijiet dwar soluzzjoni alternattiva għat-tilwim fi ħdan l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Dan l-Abbozz ta' Liġi jipprovdi wkoll għal emendi konsegwenzjali li għandhom isiru fl-Att dwar l-Arbitraġġ, fl-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur u fil-Kodiċi Ċivili.

**Att XXXI tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji sabiex jinġieb konformi mad-Direttiva 2013/24/UE.

**Att XXXII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu sabiex jestendi l-benefiċjarji taħt l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozji.

**Att XXXIII – Att li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 2)**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huwa biex jittrasponi d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tal-kummerċ tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (*recast*) (id-"Direttiva Solvibbiltà II") u tad-Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li temenda d-Direttivi 2003/71/KE u 2009/138/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 dwar is-setgħat tal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), (id-"Direttiva Omnibus II"), billi temenda l-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403), u kif ukoll biex tipprovdi dwar affarijiet inċidentali u anċillari għalihom. L-emendi proposti fl-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni (Kap. 487) u fl-Att dwar il-Kumpanniji (Kap. 386) huma konsegwenzjali għall-emendi proposti għall-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni, u jitqiesu meħtieġa biex jiżguraw konsistenza fil-liġijiet.

**Att XXXV tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu li l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u l-Ministru responsabbli għat-trasport jirregolaw u jagħmlu dispożizzjonijiet fir-rigward tal-ferroviji u dwar vaguni tal-ferrovija għall-ġarr ta' merkanzija.

**Att XXXVI tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni**

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex tiġi introdotta l-inklużjoni ta' terminoloġija konsistenti mad-Direttiva tal-Kunsill 2008/115/UE dwar *standards* u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-implimentazzjoni tas-Sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Att XXXVII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika sabiex jipprovdi għat-twessigħ tat-tifsira ta' "forzi dixxiplinati" għall-finijiet tal-Att.

**Att XXXVIII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Ħabs**

L-għanijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma sabiex jiġi stabbilit il-Bord ta' Moniteraġġ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

**Att XXXIX tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali**

L-għan prinċipali ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali biex titneħħa l-inugwaljanza bejn is-sessi minn diversi artikoli li jinsabu fl-Att, biex jagħti d-dritt lil persuni li jfittxu riparazzjoni legali fil-kamp tas-sigurtà soċjali jekk dawk il-persuni jidhrilhom li tkun saret diskriminazzjoni fil-konfront tagħhom fuq il-bażi tal-ġeneru, u biex titneħħa l-inugwaljanza ta' bejn is-sessi mid-diversi skedi li jinsabu fl-Att.

**Att XL tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali**

L-għanijiet u raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma biex jemendaw id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Kunsilli Lokali, sabiex jipprovdu għall-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali u tal-Kumitati Amministrattivi li jsiru wara l-11 ta' April 2015 sabiex isiru kemm jista' jkun flimkien mal-elezzjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew u sabiex isiru dispożizzjonijiet relatati u anċillari fir-rigward tal-imsemmija miżura. L-abbozz jinkludi wkoll dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-onorarju ta' Sindki u l-pożizzjoni tagħhom skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

**Att XLIII tal-2015 – Att li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta**

L-għan ta' dan l-Abbozz ta' Liġi hu li jippermetti l-parteċipazzjoni tal-Forza ta' Riżerva ta' Voluntieri f'missjonijiet nazzjonali u kompiti oħra u sabiex jemenda s-sistema tat-taħriġ tagħhom.

## *1.3 Mistoqsijiet Parlamentari*

Matul l-2015 ġew sottomessi 8,871 mistoqsija parlamentari. Minnhom, 8,823 mistoqsija kienu jeħtieġu tweġiba orali u kollha ġew imwieġba filwaqt li 48 mistoqsija kienu jeħtieġu tweġiba bil-miktub. Minn dawn, ġew imwieġba 44 fis-sena 2015.

### 1.4 Stqarrijiet Ministerjali

Matul l-2015 saru dawn l-20 stqarrija ministerjali lill-Kamra:

| | |
|---|---|
| *Seduta Nru 225 – 12 ta' Jannar* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar ir-referendum abrogattiv rigward il-kaċċa fir-rebbiegħa li kellu jsir is-Sibt, 11 ta' April |
| *Seduta Nru 233 – 28 ta' Jannar* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, u replika mill-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, dwar is-sitwazzjoni fil-Libja wara l-attakk terroristiku li seħħ fuq il-Corinthia Hotel fi Tripli fis-27 ta' Jannar |
| *Seduta Nru 239 – 17 ta' Frar* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar is-sitwazzjoni fil-Libja u dwar is-*summit* informali tal-Mexxejja Ewropej li sar fi Brussell fit-12 ta' Frar dwar is-sigurtà fiż-Żona Schengen u l-ġlieda kontra t-terroriżmu, u dwar id-dejn tal-Greċja |
| *Seduta Nru 241 – 23 ta' Frar* | Stqarrija mill-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Edward Scicluna, dwar is-sitwazzjoni tal-Greċja fiż-Żona Ewro |
| *Seduta Nru 246 – 4 ta' Marzu* | Stqarrija mill-Ministru għall-Finanzi, l-Onor. Edward Scicluna, dwar l-estensjoni tal-Programm ta' Aġġustament Ekonomiku għall-Greċja |
| *Seduta Nru 254 – 24 ta' Marzu* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Marzu |
| *Seduta Nru 257 – 24 ta' April* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-Kunsill Ewropew dwar il-pressjoni tal-immigrazzjoni fuq il-Mediterran li sar fit-23 ta' April |
| *Seduta Nru 270 – 1 ta' Ġunju* | Stqarrija mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, l-Onor. Konrad Mizzi, dwar ir-rapport tal-inkjesta b'rabta mal-konkos dgħajjef fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei |
| *Seduta Nru 276 – 15 ta' Ġunju* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar l-*Eastern Partnership Summit* li sar f'Riga fil-21 u t-22 ta' Mejju u s-*summit* bejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi tal-Amerika Latina, imsejjaħ CELAC, li sar fi Brussell fl-10 u l-11 ta' Ġunju |
| *Seduta Nru 280 – 23 ta' Ġunju* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar is-*summit* urġenti tal-Mexxejja tal-pajjiżi fiż-Żona Ewro dwar id-dejn tal-Greċja li sar fi Brussell fit-22 ta' Ġunju |
| *Seduta Nru 282 – 30 ta' Ġunju* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju |
| *Seduta Nru 287 – 8 ta' Lulju* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar is-*summit* urġenti tal-Mexxejja tal-pajjiżi fiż-Żona Ewro dwar id-dejn tal-Greċja li sar fis-7 ta' Lulju konsegwentement għal dak li sar fil-5 ta' Lulju |

| | |
|---|---|
| *Seduta Nru 289 – 14 ta' Lulju* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-laqgħa straordinarja tal-Mexxejja tal-pajjiżi fiż-Żona Ewro dwar id-dejn tal-Greċja u fuq il-ftehim nukleari Iranjan li ntlaħaq minn grupp ta' Mexxejja dinjija mmexxija mill-Istati Uniti u l-Iran fit-12 ta' Lulju |
| *Seduta Nru 296 – 5 ta' Ottubru* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-laqgħa straordinarja tal-Kunsill Ewropew tal-24 ta' Settembru u dwar is-70 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda li saret bejn it-28 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru |
| *Seduta Nru 318 – 28 ta' Ottubru* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar il-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Ottubru |
| *Seduta Nru 325 – 16 ta' Novembru* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar l-attakki terroristiċi f'Pariġi, il-Ġimgħa, 13 ta' Novembru |
| | Stqarrija mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela, dwar l-inċident li seħħ ġewwa Paceville fil-lejl tal-15 ta' Novembru |
| *Seduta Nru 330 – 23 ta' Novembru* | Stqarrija mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela, dwar is-sospensjoni taż-Żona Schengen u l-estensjoni tal-kontrolli fil-fruntiera bħala miżuri ta' prekawzjoni għal Valletta Summit u ċ-CHOGM li nżammu ftit ġranet wara |
| *Seduta Nru 336 – 2 ta' Diċembru* | Stqarrija mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, dwar is-*summit* bejn l-Unjoni Ewropea u t-Turkija li sar fid-29 ta' Novembru u dwar il-laqgħa tal-COP21 li saret f'Pariġi fit-30 ta' Novembru |
| *Seduta Nru 339 – 14 ta' Diċembru* | Stqarrija mill-Ministru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima, l-Onor. Leo Brincat, dwar il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Magħquda dwar it-Tibdil fil-Klima (COP21) li saret f'Pariġi f'Diċembru. |

## *1.5 Mozzjonijiet*

Matul l-2015, l-Uffiċċju tal-Iskrivan tal-Kamra rċieva 101 mozzjoni li 47 minnhom kienu mozzjonijiet għall-Ewwel Qari ta' Abbozzi ta' Liġi. Mill-mozzjonijiet kollha ppreżentati, 10 kienu xogħol privat ta' Membri:

L-għaxar mozzjonijiet ta' xogħol privat ta' membri kienu dawn:

| | |
|---|---|
| Mozzjoni Nru 211 | Mozzjoni sabiex il-Gvern irażżas minnufih il-prezz tal-*petrol* u d-*diesel*, ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Marthese Portelli |
| Mozzjoni Nru 228 | Mozzjoni tal-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili, ippreżentata mill-Onor. Jason Azzopardi, l-Onor. Marthese Portelli u l-Onor. Ryan Callus |
| Mozzjoni Nru 243 | Mozzjoni sabiex jiġi emendat l-Avviż Legali Nru 140 tal-2015 li jipprovdi għat-twaqqif tal-Istitut għall-Edukazzjoni taħt l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. George Pullicino |

| | |
|---|---|
| Mozzjoni Nru 246 | Mozzjoni sabiex jiġi emendat l-Avviż Legali Nru 150 tal-2015 – Regolament biex jiġu emendati r-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla, ippreżentata mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil u l-Onor. George Pullicino |
| Mozzjoni Nru 247 | Mozzjoni għar-revoka tal-Avviż Legali Nru 153 tal-2015 dwar it-Twaqqif tal-Aġenzija għas-Sistema ta' Infurzar Lokali, ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco, l-Onor. David Agius u l-Onor. Jason Azzopardi |
| Mozzjoni Nru 252 | Mozzjoni sabiex jiġi ppubblikat l-inkartament kollu marbut mal-garanzija bankarja maħruġa mill-Gvern lill-kumpanija Electrogas Ltd biex tibni *power station* tal-gass ġdida, ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco, l-Onor. Marthese Portelli u l-Onor. Claudio Grech |
| Mozzjoni Nru 266 | Mozzjoni sabiex isir dibattitu dwar is-sitwazzjoni preżenti tat-traffiku, ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Marthese Portelli |
| Mozzjoni Nru 281 | Mozzjoni għar-revoka tal-Avviżi Legali 262 u 263 tal-2015 li temenda l-Ordni dwar in-Notifikazzjoni dwar Żvilupp, u li jemenda r-Regolamenti dwar l-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali, rispettivament, ippreżentata mill-Onor. Marthese Portelli u l-Onor. Ryan Callus |
| Mozzjoni Nru 285 | Mozzjoni li tipproponi li l-Onor. Marlene Farrugia tinħatar *Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, ippreżentata mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil |
| Mozzjoni Nru 286 | Mozzjoni li tikkontesta Deċiżjoni tas-Sedja (*Ruling*), ippreżentata mill-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil. |

Matul l-2015 ġew ippreżentati lill-Kamra numru ta' mozzjonijiet importanti oħra, fosthom:

– numru ta' mozzjonijiet biex jiġu approvati l-estimi finanzjarji għas-sena 2016 ta' entitajiet governattivi u korporazzjonijiet;
– numru ta' mozzjonijiet dwar l-approvazzjoni parlamentari tal-baġit u l-estimi finanzjarji għas-sena 2016 u għall-estimi supplimentari għas-sena 2015;
– mozzjoni li temenda l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra sabiex jipprovdu għax-xandir televiżiv tad-dibattiti parlamentari;
– mozzjoni li temenda l-Iskeda tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap. 268);
– mozzjoni għal dibattitu dwar il-ftehim bejn l-Enemalta u Shangai Electric Power;
– riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' art f'Pembroke lill-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;
– mozzjoni sabiex il-Kamra tirriżolvi li tapprova l-ġbid mir-Riżerva ta' Kontinġenza;
– mozzjoni għat-twaqqif ta' Kumitat Permanenti Aġġunt għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi u xogħol ieħor; u
– mozzjoni dwar it-trasferiment ta' art tal-Gvern lill-Provinċja Maltija tal-Agostinjani fil-Marsa.

## *1.6 Tqegħid ta' Karti fuq il-Mejda tal-Kamra*

Fl-2015 tqiegħdu total ta' 2,062 dokument fuq il-Mejda tal-Kamra li l-maġġoranza tagħhom kienu tweġibiet mogħtija għal mistoqsijiet parlamentari magħmula mill-Membri Parlamentari

lid-diversi Ministri, avviżi legali u rapporti annwali u estimi finanzjarji ta' entitajiet u korporazzjonijiet tal-Gvern.

Numru ta' dokumenti ġew imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mis-Sedja. Dawn id-dokumenti jinkludu rapporti mill-Uffiċċju tal-Ombudsman u mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, rapporti magħmula minn Membri Parlamentari dwar il-parteċipazzjoni tagħhom f'laqgħat barra minn Malta, u tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lis-Sedja.

## 1.7 Deċiżjonijiet tas-Sedja (*Rulings*)

Fl-2015, l-Ispeaker ta 24 *ruling* dwar kwestjonijiet li tqajmu kemm fis-seduti plenarji kif ukoll waqt il-laqgħat tal-kumitati. Ir-*rulings* mogħtija mis-Sedja kienu kif ġej:

*Seduta Nru 235 – 3 ta' Frar*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker fuq talba tal-Onor. David Agius biex tiġi allokata ġurnata li fiha l-Kamra tiddiskuti xogħol privat ta' Membri, jiġifieri l-Mozzjoni Nru 211 ippreżentata mill-Onor. Mario de Marco u l-Onor. Marthese Portelli, dwar il-prezz tal-*petrol* u d-*diesel*

*Seduta Nru 239 – 17 ta' Frar*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar punt imqajjem fil-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi rigward xhieda mill-Avukat Ġenerali quddiem il-kumitati tal-Kamra

*Seduta Nru 244 – 2 ta' Marzu*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker għat-talba tal-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar l-applikazzjoni tar-*ruling* mogħti fis-Seduta Nru 150 tad-19 ta' Mejju 2014 dwar id-dritt tal-Kumitat Permanenti li jitlob il-produzzjoni ta' dokumenti relatati mal-kuntratt bejn il-Gvern u Henley and Partners dwar l-*Individual Investor Programme*

*Seduta Nru 267 – 25 ta' Mejju*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar il-proċedura segwita fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u dwar il-mansjoni tal-Awditur Ġenerali għar-rigward ta' kuntratt bejn id-Dipartiment tal-Artijiet u l-General Workers Union iffirmat fit-12 ta' Diċembru 1997

*Seduta Nru 270 – 1 ta' Ġunju*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker fuq talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, dwar it-tqegħid ta' dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra msemmija mill-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa waqt stqarrija ministerjali li kien qed jagħmel, b'rabta mal-inkjesta dwar l-istat tal-konkos fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei

*Seduta Nru 277 – 16 ta' Ġunju*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar każ ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Marthese Portelli fil-konfront tal-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Onor. Joe Mizzi, dwar allegazzjonijiet li l-Ministru għamel b'rabta ma' ħlas li l-Onor. Portelli kienet tirċievi meta kienet membru tal-Bord tad-Diretturi tal-WasteServ

*Ruling* mogħti mill-Ispeaker rigward l-ilment li ressaq l-Onor. Toni Bezzina fil-konfront ta' ġurnalista u *cameraman* ta' One TV li allegatament ostakolawh hekk kif hu kien dieħel fil-bini tal-Parlament biex jattendi għas-seduta

*Seduta Nru 279 – 22 ta' Ġunju*
*Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar lingwaġġ mhux parlamentari użat waqt il-ħin tal-mistoqsijiet parlamentari tas-seduta tas-17 ta' Ġunju

| | |
|---|---|
| *Seduta Nru 284 – 6 ta' Lulju* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar tlaqqigħ ta' kumitati tal-Kamra |
| *Seduta Nru 285 – 7 ta' Lulju* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar jekk il-qari tal-aġġornament tal-Kamra setax jiġi interrott<br><br>*Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar l-aġġornament tal-Kamra |
| *Seduta Nru 292 – 17 ta' Lulju* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar l-ilment imressaq mill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, l-Onor. Carmelo Abela, dwar l-*area* assenjata għall-ġurnalisti barra l-istess bini |
| *Seduta Nru 294 – 20 ta' Lulju* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar l-ilment li ressaq l-Onor. Clyde Puli għal rimarki li l-Onor. Joe Farrugia allegatament għadda fil-konfront tiegħu meta l-Kamra kienet sospiża wara li ntalbet votazzjoni |
| *Seduta Nru 301 – 14 ta' Ottubru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar irtirar ta' dokumenti mqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra wara li l-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra d-dokument "Dokument tal-Baġit 2016" li ġabar fih miżuri differenti minn dawk moqrija mid-dokument "Diskors tal-Baġit 2016" |
| *Seduta Nru 318 – 28 ta' Ottubru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar il-punt imqajjem mill-Onor. Ryan Callus dwar allegata imġiba mhux xierqa fil-konfront tiegħu minn persuna li kienet fl-i*Strangers Gallery* |
| *Seduta Nru 325 – 16 ta' Novembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari magħmula mill-Onor. Robert Cutajar dwar *hub* għal persuni b'diżabilità fin-Naxxar |
| *Seduta Nru 326 – 17 ta' Novembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar tweġibiet għall-mistoqsijiet parlamentari magħmula mill-Onor. Ryan Callus dwar *encroachment permits* |
| *Seduta Nru 329 – 20 ta' Novembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari magħmula mill-Onor. Ċensu Galea dwar *clamping zones* u dwar toroq li ġew imdejqa |
| *Seduta Nru 330 – 23 ta' Novembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar kummenti li għaddew bejn l-Onor. Marlene Farrugia u l-Onor. Joe Debono Grech |
| *Seduta Nru 331 – 24 ta' Novembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar jekk il-President tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi mexiex skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra meta ħassar laqgħa tal-istess kumitat, laqgħa li għaliha l-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali kien imsejjaħ bħala xhud |
| *Seduta Nru 338 – 9 ta' Diċembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari magħmula mill-Onor. Ċensu Galea dwar it-tqegħid fuq il-Mejda tal-Kamra ta' dokument imsemmi fit-tweġiba mogħtija mill-Ministru għat-Trasport u l-Infrastruttura, u dwar liema Ministeru kien responsabbli minn *clamping* fit-toroq |

| | |
|---|---|
| *Seduta Nru 339 – 14 ta' Diċembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar punt imqajjem mill-Onor. Ċensu Galea b'rabta ma' artiklu li deher fil-ġurnal *l-orizzont* |
| | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker dwar punt imqajjem mill-Onor. Godfrey Farrugia fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika dwar id-diskussjoni fuq il-mozzjoni ta' trasferiment ta' art f'Bormla u Marsaskala lil Sadeen Education Investment Ltd |
| *Seduta Nru 340 – 15 ta' Diċembru* | *Ruling* mogħti mill-Ispeaker fuq il-punt imqajjem mill-Kap tal-Oppożizzjoni dwar jekk ir-riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' art f'Bormla u Marsaskala lil Sadeen Education Investment Ltd kenitx legalment *in order*. |

### *1.8 'Whips' Parlamentari*

Il-*Whips* huma Membri Parlamentari appuntati mill-gruppi parlamentari rappreżentati fil-Kamra tad-Deputati sabiex jiffaċilitaw il-kontribuzzjoni tal-grupp parlamentari tagħhom fil-ħidma parlamentari biex din tkun tista' tipproċedi mingħajr problemi. Iż-żewġ *Whips* huma Membri tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra proprju fil-qadi ta' dan ir-rwol.

Responsabbiltà oħra tal-*Whips* Parlamentari hi li jiżguraw l-attendenza regolari tal-Membri Parlamentari, partikolarment meta jittieħdu voti u meta jissejħu *divisions*.

Il-*Whips* huma wkoll responsabbli milli jżommu l-Membri fil-gruppi parlamentari rispettivi tagħhom aġġornati dwar ix-xogħol tal-Kamra, milli jipproponu Membri biex iservu fuq il-kumitati permanenti u dawk magħżula, u milli jinnominaw Membri biex jipparteċipaw f'laqgħat u konferenzi barra l-pajjiż.

Fl-aħħar tas-sena 2015, l-Onor. Godfrey Farrugia kien il-*Whip* tal-Gvern filwaqt li l-Onor. David Agius kien il-*Whip* tal-Oppożizzjoni.

### *1.9 Kap tal-Kamra*

Skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-Kap tal-Kamra għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Parlamentari. Fil-qadi ta' dmirijietu, il-Kap tal-Kamra hu primarjament responsabbli għall-iskedar tax-xogħol tal-Gvern fil-Kamra u għall-iskedar ta' xogħol parlamentari ieħor. Dan isir flimkien mal-*Whip* tal-Gvern u mal-*Whip* tal-Oppożizzjoni fil-qafas tal-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ppresedut mill-Ispeaker.

Matul l-2015, il-kariga ta' Kap tal-Kamra kienet okkupata mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropew u Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech.

## 2. KUMITATI PERMANENTI

Il-kumitati permanenti tal-Kamra, imwaqqfa bil-koperazzjoni u l-approvazzjoni taż-żewġ naħat tal-Kamra fl-1995, huma ta' importanza kbira għax-xogħol tal-Parlament. Il-kumitati permanenti, li huma estensjoni tal-Kamra nnifisha, jipprovdu livell professjonali fid-diskussjoni fuq diversi temi.

Barra minn hekk, il-kumitati permanenti introduċew element ta' konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili. Esperti tekniċi u rappreżentanti minn diversi organizzazzjonijiet jiġu mistiedna jiddiskutu u jaqsmu l-għarfien tagħhom dwar suġġetti partikolari bil-laqgħat ikunu miftuħin għall-pubbliku u l-mezzi tax-xandir. Il-laqgħat tal-kumitati jiġu mxandra kemm permezz tal-*audio* kif ukoll permezz tal-*video*, dan tal-aħħar mill-2012, fuq is-sit elettroniku tal-Parlament. Dan jgħin sabiex ikun hemm relazzjoni aktar mill-qrib bejn il-poplu u r-rappreżentanti eletti tagħhom fil-Parlament.

Il-kumitati għandhom is-setgħa li jissottomettu rakkomandazzjonijiet għall-konsiderazzjoni tal-Kamra.

Matul l-2015, l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra pprovdew għat-twaqqif ta' dawn id-disa' kumitati permanenti:

- Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra
- Il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi
- Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi
- Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej
- Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali
- Il-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi
- Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja
- Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
- Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa.

L-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504) u l-Att dwar l-Awditur Ġenerali u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (Kap. 396) jipprovdu għat-twaqqif ta' żewġ kumitati permanenti oħra kif ġej:

- Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; u
- Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-artikolu 60 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, li għadda mit-Tielet Qari fid-9 ta' Diċembru 2015, se jkun il-bażi legali l-ġdid għall-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ladarba dan l-Att jidħol fis-seħħ.

### *2.1 Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra*

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra ġie mwaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 18 approvata fit-22 ta' April 2013 u l-kompożizzjoni tiegħu ġiet emendata permezz tal-Mozzjoni Nru 40 approvata fit-28 ta' Mejju 2013 u emendata permezz tal-Mozzjoni Nru 199 approvata fid-19 ta' Jannar 2015. Dan il-kumitat permanenti huwa magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Anġlu Farrugia,<br>Speaker tal-Kamra tad-Deputati |
| **Membri** | Onor. Godfrey Farrugia<br>Onor. David Agius<br>Onor. Mario de Marco<br>Onor. Louis Grech<br>Onor. Deborah Schembri |

L-Ordni Permanenti 120C jelenka s-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Pemanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra:

'120C. (1) Kemm-il darba ma jiġix stabbilit xort'oħra mill-Kamra, il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra jkollu setgħa li:

(a) jqassam Abbozzi ta' Liġi u xogħol ieħor fost il-Kumitati Permanenti maħtura skont id-dispożizzjonijiet tal-Ordnijiet Permanenti 96, 120A u 120B;

(b) (i) jiddeċiedi dwar l-għadd ta' seduti li għandhom jiġu allokati għad-diskussjoni fuq abbozz ta' liġi minn Kumitat Permanenti;
(ii) jalloka x-xogħol għal kull seduta ta' Kumitat Permanenti;
(iii) jiddeċiedi dwar iż-żmien li fih xi xogħol, kemm-il darba ma jkunx tlesta qabel, ikollu jitlesta fih minn Kumitat Permanenti; u

(ċ) jikkunsidra kull ħaġa li tolqot il-proċedura u x-xogħol tal-Kamra, u minn żmien għal żmien jgħaddi l-fehma tiegħu dwar dan lill-Kamra.

(2) Għandu jsir rapport lill-Kamra dwar ir-riżoluzzjonijiet kollha mgħoddija mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra fl-ewwel seduta li tiġi wara dik meta r-riżoluzzjoni tkun għaddiet, minnufih wara l-Interpellanzi, u dan għandu jitniżżel fil-Minuti dwar il-proċedimenti tal-Kamra.

(3) (a) Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra għandu jkun magħmul mill-Kap tal-Kamra, żewġ membri nominati mill-Prim Ministru u żewġ membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni.

(b) Tliet membri għall-Kumitat li jattendu jikkostitwixxu *quorum*.

(4) Għandhom ukoll jinħatru membri li jidħlu minflok membri oħra għal kull membru li jkun hemm fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (4) tal-Ordni Permanenti 120B għandhom ukoll ikunu japplikaw.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra għandu jkun ippresedut mill-Ispeaker li ma għandux jivvota ħlief meta l-voti jkunu ndaqs fuq xi kwistjoni, f'liema każ huwa jkollu u juża vot deċiżiv.'

Il-funzjoni prinċipali ta' dan il-Kumitat hija li jorganizza x-xogħol tal-Kamra billi jqassam abbozzi ta' liġi u xogħol ieħor lill-Kumitati Permanenti u lill-Kamra, li jistabbilixxi u jiskeda n-numru ta' seduti li għandhom jiġu allokati għad-dibattiti parlamentari u li jikkonsidra materji oħra ta' proċedura. Il-korrispondenza mibgħuta lill-Ispeaker tinġieb ukoll għall-attenzjoni ta' dan il-Kumitat.

Il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra għandu wkoll ir-responsabbiltà li jiltaqa' biex jiddiskuti l-pjan tal-Uffiċċju tal-Ombudsman għas-sena segwenti, l-*Ombudsplan*, u f'dik il-laqgħa l-Ombudsman jagħti spjegazzjoni ta' dak il-pjan.

Matul l-2015, il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tlaqqa' tmien darbiet.

Minbarra xogħol proċedurali tal-Kamra, il-Kumitat iddiskuta wkoll dwar:

- iċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-binja l-ġdida tal-Parlament;
- is-sigurtà tal-bini l-ġdid tal-Parlament,;
- ix-xandir fuq it-televiżjoni *free-to-air* u x-xandir tas-seduti parlamentari fil-binja l-ġdida permezz tal-*audio* u tal-*video*;
- it-teħid ta' votazzjonijiet b'mod elettroniku fil-Parlament;
- l-*open days* u l-wirjiet organizzati fil-bini l-ġdid tal-Parlament; u
- l-Abbozz ta' Liġi dwar l-awtonomija amministrattiva tal-Parlament ta' Malta.

## 2.2 Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi stabbilit permezz tal-Mozzjoni Nru 19 approvata fil-Parlament fit-22 April 2013, hu magħmul kif ġej:

**President** Onor. Anġlu Farrugia,
Speaker tal-Kamra tad-Deputati

**Membri** Onor. David Agius
Onor. Godfrey Farrugia
Onor. Louis Grech
Onor. Chris Said
Onor. Deborah Schembri

L-Ordni Permanenti 120D jelenka s-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi:

'120D. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi jkollu setgħa li jikkunsidra dawk il-każi li jiġu lilu riferuti mill-Ispeaker jew mill-Kamra u li jieħu dawk id-deċiżjonijiet u li jagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet kif provdut f'dawn l-Ordnijiet Permanenti u fl-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati jew f'kull liġi li minn żmien għal żmien tista' tissostitwixxi lil dik l-Ordinanza.

(2) Il-Kumitat Permanenti jkun magħmul mill-Kap tal-Kamra, żewġ membri nominati mill-Prim Ministru u żewġ membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3), (4) u (5) tal-Ordni Permanenti 120C għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi.

(4) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi għandu jkollu s-setgħa u l-awtorità, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Ordni Permanenti 164, li jħarrek xhieda u li jordna li jinġiebu dokumenti quddiemu. Il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi jista' jitlob li l-Avukat Ġenerali jew ir-rappreżentant tiegħu jattendu quddiemu, u dan jista' jiġi wkoll awtorizzat li jipparteċipa fil-proċedimenti, iżda li f'ebda każ ma jkollu l-jedd ta' vot f'dak il-kumitat.'

Matul l-2015, il-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi ltaqa' erba' darbiet.

### *2.2.1 Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Prim Ministru kontra l-Kap tal-Oppożizzjoni*

Il-Kumitat kompla jiddiskuti l-ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Prim Ministru, l-Onor. Joseph Muscat, kontra l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Simon Busuttil, fis-Seduta Nru 55 tat-30 ta' Settembru 2013.

Matul l-2015 il-Kumitat interroga żewġ xhieda: l-Ispettur Angelo Gafà fl-14 ta' Jannar u l-ex Kummissarju tal-Pulizija Ray Zammit fil-11 ta' Mejju.

Il-Kumitat sejjaħ ukoll lill-Avukat Ġenerali Dr Peter Grech u lid-Deputat Avukat Ġenerali Dr Donatella Frendo Dimech biex jidhru quddiemu fil-11 ta' Frar. L-Avukat Ġenerali sostna li huwa marbut bis-sigriet professjonali fir-rigward ta' pariri mogħtija lill-Gvern bħala klijent tiegħu u għaldaqstant ma setax iwieġeb mistoqsijiet f'dan ir-rigward. Fuq talba tal-Oppożizzjoni, is-Sedja tat *ruling* u kkonfermat li ġaladarba l-Gvern ma kienx qed jeżenta lill-Avukat Ġenerali mis-sigriet professjonali, l-Avukat Ġenerali ma setax jiġi mitlub jixhed quddiem il-Kumitat.

Il-Kumitat sejjaħ ukoll lis-Sur Giovanni Kessler, Direttur Ġenerali tal-OLAF, biex jixhed quddiemu bħala wieħed mix-xhieda indikati mill-Oppożizzjoni għal dan il-każ, madanakollu, minn skambju ta' korrispondenza bejn il-Parlament u l-Kummissjoni Ewropea, liema korrispondenza ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat tas-17 ta' Marzu, irriżulta li l-Kummissjoni Ewropea m'awtorizzatx lis-Sur Kessler biex jidher quddiem il-Kumitat.

Il-każ se jkompli jiġi kkonsidrat fl-2016.

### *2.2.2 Ksur ta' Privileġġ imqajjem mill-Onor. George Pullicino kontra l-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa*

Fl-2015 il-Kumitat kellu wkoll fuq l-aġenda tiegħu l-każ tal-Ministru għall-Enerġija u s-Saħħa, l-Onor. Konrad Mizzi, li nstab *prima facie* ħati ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. George Pullicino fir-*ruling* mogħti mill-Ispeaker fis-Seduta 190 tat-22 ta' Ottubru 2014.

F'dan ir-rigward, fil-11 ta' Mejju l-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi ħa nota tal-ittra mibgħuta mill-Onor. George Pullicino li fiha ddikjara li mhux se jkompli jsostni l-każ tiegħu ta' ksur ta' privileġġ u għaldaqstant l-Ispeaker iddikjara l-każ magħluq.

## *2.3 Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi*

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ġie mwaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 17 approvata fis-16 ta' April 2013 u emendata permezz tal-Mozzjonijiet Nri 129 u 187 approvati fis-7 ta' Mejju u t-18 ta' Novembru 2014, rispettivament, u tal-Mozzjoni Nru 202 tad-19 ta' Jannar 2015. F'Diċembru 2015 il-Kumitat kien kompost kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Tonio Fenech |
| **Membri** | Onor. Chris Agius<br>Onor. Owen Bonnici<br>Onor. Joe Farrugia<br>Onor. Mario de Marco<br>Onor. Claudio Grech<br>Onor. Charles Mangion |

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi hu ppresedut minn Membru nominat mill-Oppożizzjoni, l-istess kif isir fis-sistema tal-House of Commons fl-Ingilterra.

L-Ordni Permanenti 120E jelenka s-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi:

‘120E. (1) Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jkollu s-setgħa li:

(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferuti mill-Kamra, minn Ministru jew mid-Direttur tal-Verifika;

(b) jifli kull spiża bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) tal-artikolu 103 u fl-artikolu 104 tal-Kostituzzjoni;

(ċ) jeżamina l-kontijiet ta’ awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;

(d) jitlob lid-Direttur tal-Verifika li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;

(e) jikkunsidra memoranda preżentati mid-Direttur tal-Verifika, li jkunu ġew preżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tal-paragrafu (d) ta’ dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;

(f) jeżamina rapporti u dokumenti li għandhom x’jaqsmu magħhom, li jsiru mid-Direttur tal-Verifika;

(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta’ qabel dan il-paragrafu; u

(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus.

(2) Il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn seba’ membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum*. Il-membri għandhom jintgħażlu b’dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b’mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta’ membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b’mod partikolari.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permanenti 120B għandhom ikunu japplikaw għall-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

(4) Wieħed minn dawk il-membri nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni u hekk desinjat minnu wara li jkun ikkonsulta lill-Kap tal-Kamra għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Il-President ikollu vot oriġinali iżda ma jkollux vot deċiżiv.’

Peress li f’Awwissu tal-2013 il-President tal-Kumitat, l-Onor. Tonio Fenech, u l-Membri l-Onor. Claudio Grech u l-Onor. Konrad Mizzi kienu ġew indikati bħala xhieda li jistgħu jidhru quddiem il-Kumitat meta jkun qed jiddiskuti r-rapport tal-Awditur Ġenerali intitolat *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation’s Fuel Procurement*, il-kompożizzjoni u l-presidenza tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi meta kien qed jiddiskuti din il-kwestjoni ġiet mibdula kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Jason Azzopardi |
| **Membri** | Onor. Chris Agius<br>Onor. Owen Bonnici<br>Onor. Michael Falzon<br>Onor. Justyne Caruana<br>Onor. Kristy Debono<br>Onor. Beppe Fenech Adami |

Fl-2015, il-Kumitat iltaqa' 15-il darba f'din il-formazzjoni biex jiddiskuti dan ir-rapport u sema' seba' xhieda. Il-Kumitat ħarrek erba' xhieda oħra però dawn qed jallegaw li għandhom id-dritt li jibqgħu siekta u li ma jistgħux jixhdu quddiem il-Kumitat sakemm il-każ tagħhom qiegħed quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Id-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali kienet għadha pendenti sal-aħħar tas-sena.

Fl-2015, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, fiż-żewġ formazzjonijiet, iltaqa' 26 darba u ddiskuta dawn is-suġġetti:

| | |
|---|---|
| 14 ta' Jannar | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 23 ta' Jannar | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 27 ta' Jannar | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Investigation into the Procurement of Legal Services by the Privatisation Unit between 2008 and 2013*, datat Ġunju 2014 |
| 9 ta' Frar | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 18 ta' Frar | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali |
| 25 ta' Frar | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 11 ta' Marzu | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 16 ta' Marzu | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 13 ta' Mejju | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| 19 ta' Mejju | Approvazzjoni tal-abbozz tal-Kostituzzjoni tal-Commonwealth Association of Public Accounts Committees (CAPAC) |
| 25 ta' Mejju | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 10 ta' Ġunju | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 22 ta' Ġunju | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 30 ta' Ġunju | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 8 ta' Lulju | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 13 ta' Lulju | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 7 ta' Ottubru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 13 ta' Ottubru | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 22 ta' Ottubru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 5 ta' Novembru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 9 ta' Novembru | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 16 ta' Novembru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |
| 30 ta' Novembru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| 7 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar ir-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 u l-ħidma tal-Membru Malti ta' din il-Qorti. |
| 14 ta' Diċembru | Skrutinju dettaljat tal-kuntratt iffirmat bejn il-Gvern ta' Malta u Henley and Partners dwar il-Programm ta' Investitur Individwali (Kontinwazzjoni) |
| 15 ta' Diċembru | Rapport tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika – *An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*, datat Lulju 2013 (Kontinwazzjoni). |

## *2.4 Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej*

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej ġie mwaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 20 approvata fit-18 ta' April 2013 u l-kompożizzjoni tiegħu ġiet emendata permezz tal-Mozzjoni Nru 41 tat-28 ta' Mejju 2013, tal-Mozzjoni Nru 126 tas-7 ta' Mejju 2014 u tal-Mozzjoni Nru 201 tad-19 ta' Jannar 2015. F'Diċembru 2015, il-Kumitat kien kompost kif ġej:

**President** Onor. Luciano Busuttil

**Membri** Onor. Frederick Azzopardi
Onor. Toni Bezzina
Onor. Michael Falzon
Onor. Tonio Fenech
Onor. Franco Mercieca
Onor. Joseph M. Sammut
Onor. George Vella, Ministru għall-Affarijiet Barranin
Onor. Francis Zammit Dimech

L-Ordni Permanenti 120F jelenka s-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej:

'120F. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn disa' membri li minnhom ħamsa jikkostitwixxu *quorum*. Il-Membri għandhom jintgħażlu hekk li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali u l-proporzjon tal-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b'mod partikolari:

Iżda l-membri magħżula min-naħa tal-Gvern biex joqogħdu fil-Kumitat Permanenti għandhom jinkludu lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin li jkollu d-dritt li jipparteċipa u li jivvota:

Iżda wkoll illi dawk il-membri tal-Parlament Ewropew eletti minn Malta għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fix-xogħol tal-Kumitat Permanenti, iżda ma jkollhomx id-dritt jivvotaw jew id-dritt li jressqu mozzjonijiet u emendi.

(2) Il-President tal-Kumitat Permanenti għandu jkun nominat mill-Kap tal-Kamra minn fost dawk il-membri li jirrappreżentaw in-naħa tal-Gvern, iżda kull membru

tal-Kumitat jista’, f’kull waqt, jiġi appuntat mill-Kap tal-Kamra bħala president f’każ ta’ assenza inevitabbli tal-president.

(3) Il-Kumitat Permanenti għandu s-setgħa li jaħtar sottokumitati magħżula kif ukoll li jiddelega lil dawk is-sottokumitati funzjonijiet li jispettaw lill-istess Kumitat:

Iżda l-kompożizzjoni ta’ kull sottokumitat appuntat mill-Kumitat Permanenti għandha tkun deċiża mill-Kumitat Permanenti hekk li din tkun ġustament tirrappreżenta lill-Kamra b’mod ġenerali, u l-proporzjon ta’ membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b’mod partikolari.

(4) Bla ħsara għal dak imsemmi f’din l-ordni permanenti, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permanenti 120B, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej.

(5) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jittratta dawk il-kwistjonijiet li jkollhom x’jaqsmu mal-affarijiet barranin u Ewropej li jistgħu jiġu lilu riferiti mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra;

(b) fil-kuntest ta’ kwistjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-Unjoni Ewropea u miżuri li ser jittieħdu mill-Kunsill tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea, fuq inizjattiva tal-Kumitat stess, li jifli:

(i) kull proposta magħmula taħt it-trattati tal-Komunità dwar leġiżlazzjoni mill-Kunsill jew mill-Kunsill flimkien mal-Parlament Ewropew;

(ii) kull dokument li jkun ġie ppubblikat biex ikun ippreżentat lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill jew lill-Bank Ċentrali Ewropew;

(iii) kull proposta għal strateġija komuni, azzjoni konġunta jew pożizzjoni komuni taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tkun ġiet imħejjija biex tkun ippreżentata lill-Kunsill jew lill-Kunsill Ewropew;

(iv) kull proposta dwar pożizzjoni komuni, qafas ta’ azzjoni, deċiżjoni jew konvenzjoni taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li tkun ġiet imħejjija biex tiġi ppreżentata lill-Kunsill;

(v) kull dokument (mhux kopert mis-subparagrafi (ii), (iii) jew (iv) hawn qabel imsemmija) li jkun ġie ppubblikat minn xi istituzzjoni tal-Unjoni u li ma jkollux x’jaqsam esklussivament mal-konsiderazzjoni ta’ xi proposta ta’ leġiżlazzjoni; u

(vi) kull dokument ieħor relatat ma’ affarijiet tal-Unjoni Ewropea li jkun tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra minn xi Ministru; u

(ċ) li jirrappreżenta lill-Kamra tad-Deputati ta’ Malta fil-Konferenza tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Ewropej (COSAC).’

Matul l-2015, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej iltaqa’ 14-il darba. Id-dettalji tal-laqgħat huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| 14 ta' Jannar | Laqgħa mal-ET Artis Bertulis, Ambaxxatur tal-Latvja għal Malta, dwar il-Programm u l-Prijoritajiet tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Latvja għall-perjodu Jannar-Ġunju 2015 |
| 28 ta' Jannar | Preżentazzjoni mill-Onor. Ian Borg, Segretarju Parlamentari għall-Presidenza UE2017 u Fondi Ewropej, dwar il-preparamenti għall-Presidenza Maltija tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu Jannar-Ġunju 2017 |
| 1 ta' April | Laqgħa mal-ET Bruno Macaes, Segretarju tal-Istat għall-Affarijiet Ewropej tal-Portugall |
| 8 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mas-Sur Valdis Dombrovskis, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Ewro u d-Djalogu Soċjali, dwar is-Semestru Ewropew |
| 19 ta' Mejju | Laqgħa ma' delegazzjoni mill-Parlament tal-Georgia mmexxija mill-ET David Usupashvili, President tal-Parlament tal-Georgia |
| 1 ta' Ġunju | Diskussjoni dwar ir-Rapport Annwali tal-Kunsill għall-Maltin li jgħixu Barra minn Malta għas-sena 2014, skont is-subartikolu (2) tal-artikolu 7 tal-Att dwar il-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515) |
| 12 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, mas-Sur Karmenu Vella, Kummissarju għall-Ambjent, Affarijiet Marittimi u Sajd, dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015 (KUM (2014) 910) |
| 7 ta' Lulju | Preżentazzjoni mill-ET Janine Finck, Ambaxxatriċi tal-Lussemburgu għal Malta, dwar il-Prijoritajiet tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Lussemburgu għall-perjodu Lulju-Diċembru 2015 |
| | Diskussjoni skont it-termini tal-artikolu 4 (2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460) dwar id-Deċizjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea (2014/335/UE) tas-26 ta' Mejju 2014 |
| | Konsiderazzjoni ta' proposta għall-introduzzjoni ta' "karta ħadra" mill-parlamenti nazzjonali; proċedura li tippermetti lil grupp ta' parlamenti nazzjonali li jagħmlu politika kostruttiva jew suġġerimenti leġiżlattivi |
| 9 ta' Lulju | Laqgħa mal-Onor. Sandro Gozi, Ministru tal-Istat Taljan għall-Affarijiet Ewropej, dwar kwestjonijiet importanti li jinsabu fuq l-aġenda tal-Unjoni Ewropea |
| 4 ta' Settembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mas-Sur Jyrki Katainen, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Impjiegi, Tkabbir, Investiment u Kompetittività, dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi |
| 18 ta' Settembru | Laqgħa ma' delegazzjoni Ċiniża tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu magħmula minn Wang Xiaochu, Viċi President tal-Kumitat |

| | |
|---|---|
| | għall-Affarijiet Barranin tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu, Shao Ning, Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Sun Jiaguang, Membru tal-Kumitat dwar l-Edukazzjoni, il-Kultura u s-Saħħa Pubblika, Conorg Quan, Membru tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, u You Wenze, Yang Fan, Han Lei u Lei Min, uffiċjali tal-Kungress Nazzjonali tal-Poplu |
| 14 ta' Ottubru | Konsiderazzjoni ta' Abbozz ta' Regolament dwar il-Europol (DS/1532/15) datat 29 ta' Settembru 2015 li jittratta proċeduri sabiex isir skrutinju tal-attivitajiet tal-Europol mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali<br><br>Konsiderazzjoni tal-invit mis-Sinjura Federica Mogherini, Rappreżentant Għoli u Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, sabiex il-Konferenza Interparlamentari dwar il-Politika Komuni dwar l-Affarijiet Barranin u Sigurtà (CFSP) u l-Politika Komuni dwar is-Sigurtà u d-Difiża (CSDP) tagħmel suġġerimenti speċifiċi fuq il-Politika Ewropea dwar Affarijiet Barranin u Difiża<br><br>Konsiderazzjoni tal-pakkett leġiżlattiv dwar il-migrazzjoni maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fid-9 ta' Settembru 2015<br><br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jwaqqaf mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (KUM (2015) 450);<br><br>Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja, tal-Greċja u tal-Ungerija (KUM (2015) 451);<br><br>Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu għall-finijiet tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali, u li jemenda d-Direttiva 2013/32/UE (KUM (2015) 452);<br><br>Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar ir-ritorn (KUM (2015) 453); u Komunikazzjoni konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – L-indirizzar tal-Kriżi tar-Rifuġjati fl-Ewropa: Ir-Rwol tal-Azzjoni Esterna tal-UE (JOIN (2015) 40) |
| 9 ta' Novembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji mas-Sur Maroš Šefčovič, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-*Energy Union* |
| 7 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 u l-ħidma ta' Membru Malti ta' din il-Qorti. |

### *2.4.1 Sussidjarjetà u djalogu politiku mal-Kummissjoni Ewropea*

Matul l-2015, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej ikkonsidra 17-il proposta leġiżlattiva tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità kif stabbilit fil-Protokoll Nru 2 fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Skont il-kumitat, id-dokumenti kollha kienu konformi mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u proporzjonalità u għaldaqstant, fl-2015 il-Parlament ma adotta ebda opinjoni motivata u lanqas ma bagħat opinjonijiet fil-kuntest ta' qafas ta' djalogu politiku lill-Kummissjoni.

### *2.4.2 Laqgħat Informali*

Matul l-2015, il-President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej kellu wkoll dawn il-laqgħat:

| | |
|---|---|
| 13 ta' Frar | Laqgħa mal-ET Janine Finck, Ambaxxatriċi mhux residenti tal-Lussemburgu għal Malta |
| 6 ta' Lulju | Laqgħa mal-ET Vladimir Malygin, Ambaxxatur tal-Federazzjoni Russa għal Malta |
| 15 ta' Settembru | Laqgħa mal-ET Vladimir Malygin, Ambaxxatur tal-Federazzjoni Russa għal Malta |
| 10 ta' Settembru | Laqgħa mal-ET Alexander Pejovic, Segretarju tal-Istat għall-Integrazzjoni Ewropea u Kap Negozjatur tal-Montenegro għal negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u l-Montenegro, u mas-Sinjura Jelena Burzan, Kap tal-Kabinett tal-ET is-Sur Pejovic. |

### *2.4.3 Sottokumitati*

Skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 tal-Ordni Permanenti 120F, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej waqqaf tliet gruppi ta' ħidma biex jassistuh fix-xogħol tiegħu. Il-kompożizzjoni u l-kompetenzi tagħhom huma kif ġej:

*Grupp ta' Ħidma 1*

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Luciano Busuttil |
| **Membri** | Onor. Deo Debattista<br>Onor. Marlene Farrugia<br>Onor. Carmelo Mifsud Bonnici<br>Onor. Francis Zammit Dimech |

L-għan ta' dan il-Grupp ta' Ħidma hu li janalizza proposti leġiżlattivi fir-rigward tal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif ukoll li janalizza l-*pipeline acquis* tal-Unjoni Ewropea fl-istadju ta' skrutinju preliminari, jiġifieri jidentifika dawk id-dokumenti li jista' jkollhom importanza politika u/jew legali u jiddeċiedi dwar jekk id-dokument jistax jiġi approvat mingħajr riserva jew jiġi riferut għal dibattitu jew fil-plenarja, jew fil-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, jew f'wieħed mill-Gruppi ta' Ħidma, jew għal dibattitu f'xi kumitat permanenti ieħor.

(i) *Grupp ta' Ħidma 2* jittratta l-oqsma tal-intern, il-ġustizzja, l-edukazzjoni, iż-żgħażagħ, il-kultura u l-isport u huwa presedut mill-Onor. Marlene Farrugia. Il-membri l-oħra tal-grupp ta' ħidma jiġu maħtura skont il-materja li tkun se tiġi diskussa.

(ii) *Grupp ta' Ħidma 3* jittratta l-oqsma tal-kompetittività (jiġifieri s-suq uniku, l-industrija, ir-riċerka u l-ispazju), it-trasport, it-telekomunikazzjoni, l-enerġija, l-agrikoltura, is-sajd u l-ambjent u huwa ppresedut mill-Onor. Luciano Busuttil filwaqt li l-membri l-oħra jiġu maħtura skont il-materja li tkun se tiġi diskussa.

(iii) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali huwa responsabbli mill-oqsma li jikkonċernaw ix-xogħol, il-politika soċjali, is-saħħa u l-affarijiet tal-konsumatur.

(iv) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jittratta oqsma li jikkonċernaw l-ekonomija u l-affarijiet finanzjarji.

### *2.4.4 Laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma*

Matul l-2015, il-Grupp ta' Ħidma 1 iltaqa' sitt darbiet u minbarra li ttratta xi proposti leġiżlattivi mil-lat tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, għamel ukoll skrutinju ta' 285 proposta leġiżlattiva u mhux leġiżlattiva li jinkludu rapporti, *staff working documents*, *Green Papers* u *White Papers*.

## *2.5 Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali*

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali twaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 21 approvata fit-18 ta' April 2013 u sussegwentement emendata bil-Mozzjoni Nru 43 tat-3 ta' Ġunju 2013, bil-Mozzjoni Nru 128 tas-7 ta' Mejju 2014 u bil-Mozzjoni Nru 203 tad-19 ta' Jannar 2015. Fl-aħħar ta' Diċembru 2015, il-kompożizzjoni tal-kumitat kienet:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Deborah Schembri |
| **Membri** | Onor. Anthony Agius Decelis |
| | Onor. Robert Cutajar |
| | Onor. Godfrey Farrugia |
| | Onor. Paula Mifsud Bonnici |
| | Onor. Silvio Parnis |
| | Onor. Stephen Spiteri |

L-Ordni Permanenti 120G jelenka s-setgħat u l-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali:

'120G. (1) Il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali għandu jittratta kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-politika soċjali, inklużi l-assistenza soċjali u kwistjonijiet fuq il-familja, li jistgħu lilu jiġu riferuti mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (2) u (3) tal-Ordni Permanenti 120E għandhom ikunu japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali.'

Minbarra l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali hekk kif imwaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 21, il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, fil-laqgħa tas-17 ta' Ottubru 2013, qabel dwar it-termini ta' referenza u l-kompożizzjoni tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali meta jiltaqa' biex jiddiskuti l-immigrazzjoni illegali, ċjoè:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Deborah Schembri |
| **Membri** | Onor. Jason Azzopardi<br>Onor. Luciano Busuttil<br>Onor. Michael Falzon<br>Onor. Marlene Farrugia<br>Onor. Beppe Fenech Adami<br>Onor. Francis Zammit Dimech |

Skont qbil li ntlaħaq fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, il-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali (Immigrazzjoni Illegali) għandu jiddiskuti:

- il-problema tal-immigrazzjoni illegali f'Malta fil-kuntest tas-sigurtà nazzjonali, inkluż kif dawn l-immigranti jaslu Malta, ir-responsabbilitajiet tal-awtoritajiet Maltin fil-qasam tat-tfittxija u ż-żona ta' salvataġġ, u l-organizzazzjoni kriminali li twassal lil dawn l-immigranti lejn Malta;
- il-politika ta' detenzjoni f'Malta, inkluż il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni u fiċ-ċentri miftuħa u kif dawn jistgħu jitjiebu sabiex jagħtu lill-immigranti trattament aħjar;
- garanziji li jiżguraw li tingħata protezzjoni malajr kemm jista' jkun lil kull min għandu dritt għaliha;
- ir-ripatrijazzjoni ta' persuni li mhumiex intitolati għal protezzjoni u li jkunu daħlu Malta illegalment; u
- miżuri li jiżguraw solidarjetà akbar mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kemm fuq termini ta' assistenza finanzjarja kif ukoll fuq ir-rilokazzjoni ta' immigranti.

Matul l-2015, il-Kumitat tlaqqa' 20 darba fil-formazzjoni prinċipali tiegħu u ddiskuta diversi suġġetti ta' natura soċjali:

| | |
|---|---|
| 28 ta' Jannar | Diskussjoni dwar il-materji li għandu jiddiskuti l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali |
| 4 ta' Frar | Preżentazzjoni mill-Anti-Poverty Forum Malta tar-rapport ta' studju ta' riċerka magħmul mill-European Minimum Income Network f'Malta – *Analysis and Roadmap for Adequate and Accessible Minimum Income Schemes in EU Member States*<br><br>Preżentazzjoni mill-Prof. Kenneth Wain, Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, dwar ir-Rapport Annwali għas-sena 2013 tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji |
| 11 ta' Frar | Diskussjoni dwar il-materji li għandu jiddiskuti l-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali (Kontinwazzjoni) |
| 18 ta' Frar | Implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa Sesswali – Diskussjoni ma' rappreżentanti mid-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard |
| 4 ta' Marzu | Implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa Sesswali – Diskussjoni ma' rappreżentanti mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni |
| 11 ta' Marzu | Implimentazzjoni tal-Politika dwar is-Saħħa Sesswali – Diskussjoni ma' rappreżentanti minn Skejjel Indipendenti |

| | |
|---|---|
| 18 ta' Marzu | Preżentazzjoni mill-Imħallef Franco Depasquale, President tal-Bord tal-Pulizija, tar-Rapport Annwali tal-Bord tal-Pulizija għas-sena 2013 |
| 13 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa fejn ġie diskuss ir-rapport magħmul mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u mill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa dwar it-trapjant ta' organi u tessuti |
| 27 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali |
| 3 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 10 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 12 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp mas-Sur Karmenu Vella, Kummissarju għall-Ambjent, Affarijiet Marittimi u Sajd, dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015 (KUM (2014) 910) |
| 8 ta' Lulju | Laqgħa dwar ir-rapport mill-*President's Foundation for the Wellbeing of Society* |
| 8 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 15 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 28 ta' Ottubru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja – Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, dwar ir-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014 |
| 4 ta' Novembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja dwar l-età tal-kunsens sesswali u l-approvazzjoni tar-rapport fuq dan is-suġġett |
| 9 ta' Novembru | Dibattitu *in camera* dwar il-persuna nominata għall-kariga ta' Kummissarju għat-Tfal |
| 17 ta' Novembru | Dibattitu *in camera* dwar il-persuna nominata għall-kariga ta' Kummissarju għat-Tfal (Kontinwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| 16 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja:<br><br>Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, dwar ir-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014 (Kontinwazzjoni); u<br><br>Approvazzjoni tar-Rapport dwar l-Età tal-Kunsens Sesswali (Kontinwazzjoni). |

Il-Kumitat iltaqa' darbtejn oħra biex jiddiskuti kwestjonijiet relatati mal-immigrazzjoni illegali kif ġej:

| | |
|---|---|
| 9 ta' Frar | Preżentazzjoni mis-Sur Jon Hoisaeter, Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Magħquda għar-Rifuġati fl-uffiċċju tal-UNHCR f'Malta<br><br>Diskussjoni ma' numru ta' immigranti irregolari residenti fiċ-ċentri miftuħa u magħluqa dwar l-esperjenza tagħhom f'dawn iċ-ċentri |
| 24 ta' Ġunju | Diskussjoni ma' rappreżentanti tal-Grupp ta' Ħidma tan-Nazzojnijiet Magħquda dwar id-detenzjoni arbitrarja. |

## *2.6 Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja*

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja twaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 23 approvata fit-22 ta' April 2013 u l-kompożizzjoni tiegħu ġiet emendata permezz tal-Mozzjoni Nru 204 tad-19 ta' Jannar 2015. Il-Kumitat kien magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Anthony Agius Decelis |
| **Membri** | Onor. Robert Cutajar<br>Onor. Etienne Grech<br>Onor. Paula Mifsud Bonnici<br>Onor. Deborah Schembri |

Ir-rwol ewlieni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja hu li jiddiskuti kwestjonijiet u liġijiet relatati mal-affarijiet tal-familja. Il-ħidma tal-Kumitat hija regolata mill-Ordni Permanenti 120H:

'120H. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja jkollu l-funzjoni li jittratta l-materji kollha marbuta mal-familja, inkluża l-evalwazzjoni, analiżi u verifika tal-leġiżlazzjoni u politika preżenti u futura dwar il-familja, u kull materja oħra li tiġi riferita lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja jkun magħmul minn ħames membri, tlieta jiġu maħtura min-naħa tal-Gvern, fosthom il-President tal-Kumitat, u tnejn min-naħa tal-Oppożizzjoni.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (3) tal-Ordni Permanenti 120E japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja.'

Fl-2015, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja ltaqa' disa' darbiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| 23 ta' Frar | Preżentazzjoni minn rappreżentanti tal-Istitut għat-Terapija tal-Familja dwar il-forom varji ta' familji li jeżistu f'Malta |
| 27 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali |
| 3 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 10 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 8 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 15 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 28 ta' Ottubru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali – Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, tar-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014 |
| 4 ta' Novembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali u l-approvazzjoni tar-rapport fuq dan is-suġġett |
| 16 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali:<br><br>Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, tar-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014 (Kontinwazzjoni)<br><br>Approvazzjoni tar-Rapport dwar l-Età tal-Kunsens Sesswali (Kontinwazzjoni). |

## *2.7 Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji*

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ġiet stabbilita permezz tal-Mozzjoni Nru 25 approvata fit-23 ta' April 2013 u sussegwentement emendata bil-Mozzjoni Nru 47 tal-11 ta' Ġunju 2013 u l-Mozzjoni Nru 205 tad-19 ta' Jannar 2015. Il-Kumitat kien magħmul kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Silvio Schembri |
| **Membri** | Onor. Charles Buhagiar<br>Onor. Mario de Marco<br>Onor. Kristy Debono<br>Onor. Michael Falzon<br>Onor. Claudio Grech<br>Onor. Edward Scicluna |

Il-ħidma tal-Kumitat hija regolata mill-Ordni Permanenti 120I:

'120I. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jikkonsidra minn perspettiva ekonomika u finanzjarja, kull deċiżjoni, rakkomandazzjoni jew rapport ippubblikat lokalment, mill-Istituzzjonijiet Ewropej jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, li jista' jkollhom impatt fuq l-ekonomija Maltija;

(b) jitlob persuni appuntati mill-Gvern ta' Malta fuq l-organi governattivi u amministrattivi tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilità (MES), kif provdut fl-artikolu 7 tal-Att dwar il-Parteċipazzjoni u l-Għoti ta' Appoġġ għall-Istabbiltà, jidhru quddiem il-kumitat sabiex jagħtu rendikont tal-ħidma tal-MES u tal-Faċilità għall-Istabbiltà Finanzjarja Ewropea (EFSF);

(ċ) jitlob lill-Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta jidher quddiem il-kumitat kif provdut fl-artikolu 8(6) tal-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta;

(d) jikkonsidra kull materja jew rapport li jista' jiġi riferut lilu mill-Kamra jew mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra; u

(e) jikkonsidra kull materja jew rapport li jista' jiġi riferut lilu minn xi kumitat tal-Kamra.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn seba' membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum.* Il-membri għandhom jintgħażlu b'dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b'mod partikolari.

(3) Wieħed minn dawk il-membri nominati mill-Gvern għandu jinħatar bħala President tal-kumitat.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-ordni permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.'

Fl-2015, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ltaqa' disa' darbiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| 11 ta' Frar | Diskussjoni dwar id-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew b'rabta mal-*Quantitative Easing* u l-effetti tagħha fuq Malta, mal-Prof. Josef Bonnici, Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta |

| | |
|---|---|
| 8 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej mas-Sur Valdis Dombrovskis, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Ewro u d-Djalogu Soċjali, dwar il-Semestru Ewropew |
| 25 ta' Mejju | Diskussjoni mas-Sur Mario Vella, President tal-Malta Enterprise, dwar is-sitwazzjoni fil-Libja |
| 12 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp mas-Sur Karmenu Vella, Kummissarju għall-Ambjent, Affarijiet Marittimi u Sajd, dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015 (KUM (2014) 910) |
| 4 ta' Settembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej mas-Sur Jyrki Katainen, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Impjiegi, Tkabbir, Investiment u Kompetittività, dwar il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi |
| 28 ta' Ottubru | Preżentazzjoni minn rappreżentanti tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali dwar ir-rapport *A strategy for an adequate and sustainable Maltese pension system* magħmul mill-*Pensions Working Group,* datat 17 ta' Ġunju 2015 |
| 9 ta' Novembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej mas-Sur Maroš Šefčovič, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-*Energy Union* |
| 2 ta' Diċembru | Preżentazzjoni mill-Prof. Joseph Bannister, President tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, dwar miżati u ħlasijiet imposti mill-banek f'Malta |
| 7 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej u mal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar ir-Rapport Annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Baġit tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 u l-ħidma ta' Membru Malti ta' din il-Qorti. |

## *2.8 Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa*

Dan il-Kumitat twaqqaf wara li l-Kamra approvat b'mod unanimu l-mozzjoni tal-Membru tal-Oppożizzjoni l-Onor. Claudio Grech, ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2013. Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa twaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 106 approvata fit-12 ta' Marzu 2014, u sussegwentement emendata bil-Mozzjoni Nru 127 tas-7 ta' Mejju 2014 u bil-Mozzjoni Nru 206 tad-19 ta' Jannar 2015, u huwa kompost kif ġej:

**President** Onor. Etienne Grech

**Membri** Onor. Claudette Buttigieg
Onor. Deo Debattista
Onor. Chris Fearne
Onor. Michael Gonzi

Il-ħidma tal-Kumitat hija regolata mill-Ordni Permanenti 120J:

120J. (1) Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti *policy* u materji fil-qasam tas-saħħa li jkollhom importanza strateġika u ta' interess materjali għall-pazjenti u jirrapporta fuqhom lill-Kamra;

(b) jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll *policy* riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;

(ċ) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-infiq kapitali u rikorrenti ta' dawk id-dipartimenti, awtoritajiet statutorji u organizzazzjonijiet pubbliċi li joperaw fil-qasam tas-saħħa pubblika;

(d) jifli materji u ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa pubblika u d-drittijiet tal-pazjent;

(e) jiddiskuti u janalizza l-impatt tad-deċiżjonijiet tal-gvern u l-Unjoni Ewropea fil-qasam tas-saħħa;

(f) jeżamina u jirrapporta lill-Kamra dwar rapporti u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali jew mill-Kummissarju għas-Saħħa;

(g) jitlob lill-Kummissarju għas-Saħħa biex jidher quddiem il-Kumitat dwar materji relatati mal-ħidma tiegħu; u

(h) jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat.

(2) Il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa għandu jkun magħmul minn mhux aktar minn ħames membri li minnhom tlieta jikkostitwixxu *quorum*. Il-Membri għandhom jintgħażlu b'dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' Membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni, b'mod partikolari.

(3) Wieħed minn dawk il-Membri nominati mill-Gvern għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat.

(4) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (3) u (4) tal-Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa.

Fl-2015, il-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa ltaqa' għaxar darbiet kif ġej:

| | |
|---|---|
| 11 ta' Marzu | Diskussjoni dwar it-tisħiħ tal-kura primarja |
| 13 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali fejn ġie diskuss ir-rapport magħmul mill-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali u mill-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa dwar it-trapjant ta' organi u tessuti |
| 27 ta' Mejju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali |

| | |
|---|---|
| 3 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 10 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 8 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 15 ta' Lulju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali (Kontinwazzjoni) |
| 28 ta' Ottubru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali – Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, tar-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014 |
| 4 ta' Novembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali dwar l-età tal-kunsens sesswali u l-approvazzjoni tar-rapport fuq dan is-suġġett |
| 16 ta' Diċembru | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet tal-Familja u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali:<br><br>Preżentazzjoni minn Dr John Cachia, Kummissarju għas-Saħħa Mentali, dwar ir-rapport annwali tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżordni Mentali għas-sena 2014<br><br>Approvazzjoni tar-Rapport dwar l-Età tal-Kunsens Sesswali (Kontinwazzjoni). |

## *2.9 Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi*

Il-kompożizzjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi ġiet stabbilita permezz tal-Mozzjoni Nru 22 approvata fit-18 ta' April 2013 u sussegwentement emendata bil-Mozzjoni Nru 132 tas-7 ta' Mejju 2014 kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Silvio Parnis |
| **Membri** | Seba' membri: erbgħa min-naħa tal-Gvern inkluż il-President, u tlieta min-naħa tal-Oppożizzjoni, appuntati skont l-Abbozz ta' Liġi għad-diskussjoni |

Ir-rwol ewlieni tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi hu li jikkonsidra abbozzi ta' liġi riferuti lilu mill-Kamra wara li jkunu ġew diskussi fl-istadju tat-Tieni Qari jew inkella riferuti mill-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra. Ix-xogħol tal-Kumitat hu regolat mill-Ordni Permanenti 120B:

'120B. (1) B'żieda mal-Kumitati Permanenti elenkati fl-Ordni Permanenti 120A, il-Kamra tista' taħtar, b'mozzjoni li ssir wara li jingħata avviż, dawk il-Kumitati Permanenti li jistgħu

jinħtieġu sabiex jikkunsidraw Abbozzi ta’ Liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem kumitat permanenti jew lilu riferut mill-Kamra.

(2) Mozzjoni bħal dik imsemmija fil-paragrafu (1) ta’ dan l-Ordni Permanenti, għandha:

(a) tistabbilixxi l-għadd ta’ membri li joqogħdu fil-kumitat permanenti, li għandu hekk jintgħamel b’dak il-mod li jidher li jkun prattikabbli għall-Kamra b’hekk li jkun rappreżentattiv b’mod ġust tal-Kamra b’mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta’ membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b’mod partikolari; u

(b) tinnomina l-President li għandu jippresiedi l-kumitat permanenti.

(3) Kull naħa tal-Kamra għandha tinnomina lil dawk il-membri li jkunu se jirrappreżentawha f’kumitat permanenti, u għandha wkoll tinnomina membri oħra li jidħlu minflok il-membri maħtura. Il-membri u dawk li jidħlu minflokhom li jkunu jirrappreżentaw lill-Gvern għandhom jiġu nominati mill-Kap tal-Kamra, filwaqt li l-membri u dawk li jidħlu minflokhom li jirrappreżentaw lill-Oppożizzjoni għandhom jiġu nominati mill-Kap tal-Oppożizzjoni. L-ismijiet tal-membri u ta’ dawk li jidħlu minflokhom li jkunu ġew hekk nominati u maħtura mill-Kamra għandhom jitniżżlu fil-minuti tas-seduta.

(4) Kull naħa tal-Kamra tista’ tissostitwixxi lil kull membru jew wieħed li jidħol floku minnha nominat skont il-paragrafu (3) ta’ dan l-Ordni sabiex jirrappreżentaha f’kumitat permanenti. Dik is-sostituzzjoni jkollha biss effett wara li l-Ispeaker ikun ġie notifikat b’dan. L-Ispeaker għandu, fl-ewwel okkażjoni li jkun hemm, jinnotifika lill-Kamra, jew, jekk il-Kamra ma tkunx qed tiltaqa’, lill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

(5) Abbozzi ta’ liġi tal-Gvern li jintbagħtu quddiem kumitat permanenti, għandhom jiġu qabel ix-xogħol l-ieħor tal-kumitat permanenti u għandhom ikunu kkunsidrati, kemm-il darba ma jiġix ordnat mod ieħor mill-Kamra, f’dak l-ordni li l-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra jista’ jistabbilixxi.’

Fl-2015, il-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta’ Abbozzi ta’ Liġi ltaqa’ 46 darba. 39 abbozzi ta’ liġi ġew diskussi, approvati u riferuti lura lill-Kamra għat-Tielet Qari.
Dettalji tal-laqgħat li nżammu matul l-2015 huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| 27 ta’ Jannar | Abbozz 48 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Professjoni tal-*Counselling* |
| 28 ta’ Jannar | Abbozz 67 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta’ Terroriżmu |
| 2 ta’ Frar | Abbozz 76 – Abbozz ta’ Liġi dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) |
| | Abbozz 71 – Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet |
| 3 ta’ Frar | Abbozz 48 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Professjoni tal-*Counselling* (Kontinwazzjoni) |
| 4 ta’ Frar | Abbozz 67 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta’ Terroriżmu (Kontinwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| | Abbozz 55 - Abbozz ta’ Liġi dwar Diversi Liġijiet fil-Qasam tas-Sħubija fi *Trade Union* ta’ Forzi Dixxiplinati |
| 23 ta’ Frar | Abbozz 56 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar ir-Rifuġjati |
| 25 ta’ Frar | Abbozz 82 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet (Persuni b’Diżabilità) (Sbuħija f’Diversi Entitajiet) |
| 2 ta’ Marzu | Abbozz 85 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali |
| 17 ta’ Marzu | Abbozz 66 – Abbozz ta’ Liġi dwar Vittmi ta’ Kriminalità |
| 23 ta’ Marzu | Abbozz 68 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili |
| 24 ta’ Marzu | Abbozz 70 – Abbozz ta’ Liġi dwar l-Identità tal-Ġeneru, l-Espressjoni tal-Ġeneru u l-Karatteristiċi tas-Sess |
| 1 ta’ April | Abbozz 87 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju |
| 11 ta’ Mejju | Abbozz 81 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Kunsill Malti għall-Arti |
| 19 ta’ Mejju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi |
| 20 ta’ Mejju | Abbozz 90 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum* |
| | Abbozz 91 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Suċċessjoni |
| 1 ta’ Ġunju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 9 ta’ Ġunju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 15 ta’ Ġunju | Abbozz 72 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Intrapriżi Żgħar |
| 16 ta’ Ġunju | Abbozz 94 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili |
| 17 ta’ Ġunju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 18 ta’ Ġunju | Abbozz 93 – Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima |
| 23 ta’ Ġunju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 24 ta’ Ġunju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 2 ta’ Lulju | Abbozz 59 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Finanzjament ta’ Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |

| | |
|---|---|
| 6 ta' Lilju | Abbozz 96 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Impieg ta' Persuni b'Diżabilità |
| 7 ta' Lulju | Abbozz 59 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 8 ta' Lulju | Abbozz 99 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji |
| 13 ta' Lulju | Abbozz 73 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili |
| 14 ta' Lulju | Abbozz 59 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Finanzjament ta' Partiti Politiċi (Kontinwazzjoni) |
| 17 ta' Lulju | Abbozz 105 – Abbozz ta' Liġi dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma |
| 20 ta' Lulju | Abbozz 98 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni |
| 21 ta' Lulju | Abbozz 83 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Ċivili |
| 6 ta' Ottubru | Abbozz 106 – Abbozz ta' Liġi dwar l-Użu mill-Ġdid tal-Informazzjoni tas-Settur Pubbliku |
| 14 ta' Ottubru | Abbozz 116 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur |
| 23 ta' Ottubru | Abbozz 121 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kumpanniji |
| 23 ta' Ottubru | Abbozz 117 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar is-Servizzi Finanzjarji (Emenda Nru 2) |
| 26 ta' Ottubru | Abbozz 86 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji |
| 30 ta' Ottubru | Abbozz 84 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsilli Lokali |
| 19 ta' Novembru | Abbozz 114 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Parteċipazzjoni fil-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni u l-għoti ta' appoġġ finanzjarju taħt il-Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni |
| 20 ta' Novembru | Abbozz 97 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali |
| 23 ta' Novembru | Abbozz 110 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni |
| | Abbozz 125 – Abbozz ta Liġi li jemenda l-Att dwar Ġieħ ir-Repubblika |
| 24 ta' Novembru | Abbozz 112 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Ħabs |
| 25 ta' Novembru | Abbozz 88 – Abbozz ta' Liġi dwar ir-Rikonoxximent tal-Lingwa Maltija tas-Sinjali |
| 2 ta' Diċembru | Abbozz 102 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta |

| | |
|---|---|
| 7 ta' Diċembru | Abbozz 62 – Abbozz ta' Liġi dwar Stili ta' Ħajja Sana (Biex Titnaqqas l-Obeżità) |
| 16 ta' Diċembru | Abbozz 62 – Abbozz ta' Liġi dwar Stili ta' Ħajja Sana (Biex Titnaqqas l-Obeżità) (Kontinwazzjoni) |

### *2.9.1. Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt*

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt twaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 293 approvata fil-15 ta' Diċembru 2015:

> 'Billi l-Ordni Permanenti 120B jipprovdi li l-Kamra tista' taħtar, b'mozzjoni li ssir wara li jingħata avviż, dawk il-Kumitati Permanenti li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex jikkonsidraw abbozzi ta' Liġi jew xogħol ieħor miġjub quddiem kumitat permanenti jew lilu riferut mill-Kamra;
>
> U billi bis-saħħa tal-Mozzjoni 22 li ġiet addottata mill-Kamra fit-18 ta' April 2013 ġie maħtur Kumitat Permanenti sabiex jikkonsidra Abbozzi ta' Liġi;
>
> U billi l-Kamra ħadet nota tal-volum ta' xogħol li l-imsemmi Kumitat qed ikollu quddiemu, liema volum ta' xogħol jiġġustifika l-ħolqien ta' struttura ġdida biex tħaffef dak ix-xogħol u tassigura li ma jaqax lura;
>
> Għalhekk, skont l-istess Ordni Permanenti 120B:
>
> Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni taħtar Kumitat Permanenti Aġġunt sabiex jikkonsidra Abbozzi ta' Liġi u Xogħol Ieħor, hawn aktar l-isfel f'din il-Mozzjoni msejjaħ "il-Kumitat Permanenti Aġġunt";
>
> Illi l-istess xogħol ieħor, apparti l-kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi, għandu jikkonsisti f'xogħol miġjub quddiem il-Kumitat Permanenti Aġġunt jew lilu riferut mill-Kamra;
>
> Il-Kamra qiegħda b'din il-Mozzjoni tistabbilixxi li l-għadd ta' membri li għandhom joqogħdu fuq il-Kumitat Permanenti Aġġunt għandu jkun rappreżentattiv b'mod ġust tal-kompożizzjoni tal-Kamra b'mod ġenerali u proporzjonali skont l-għadd ta' membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni u li għandu jkun ta' seba' (7), b'dan li 4 minnhom ikunu min-naħa tal-Gvern, inkluż il-President tal-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, u 3 minnhom ikunu min-naħa tal-Oppożizzjoni.
>
> Il-Kamra tinnomina bħala President li għandha tippresjedi l-istess Kumitat Permanenti Aġġunt, lill-Onorevoli Deborah Schembri, filwaqt li l-membri l-oħra tal-Kumitat jiġu nominati skont kif jipprovdi l-Ordni Permanenti 120B(3);
>
> B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri nominati kif provdut fl-Ordni Permanenti 120B(4).'

Il-Kumitat Permanenti Aġġunt huwa kompost kif ġej

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Deborah Schembri |
| **Membri** | Seba' membri: erbgħa min-naħa tal-Gvern inkluż il-President, u tlieta min-naħa tal-Oppożizzjoni, appuntati skont l-Abbozz ta' Liġi għad-diskussjoni |

Matul l-2015, dan il-Kumitat iltaqa' darba fis-16 ta' Diċembru u ddiskuta l-Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet (Riforma tal-Ġustizzja) (Proċedura Ċivili) (Abbozz 124).

## *2.10 Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika*

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika twaqqaf permezz tal-Mozzjoni Nru 31 approvata fid-29 ta' April 2013 skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (Kap. 396). Il-kompożizzjoni tal-Kumitat kienet emendata permezz tal-Mozzjoni Nru 208 approvata fid-19 ta' Jannar 2015.

L-Att dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jistipula li:

> '13. Għandu jkun hemm Kumitat li jkun magħruf bħala l-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ 'il-Kumitat') li jkun kompost kif ġej:
>
> (i) dak il-membru tal-Kamra tad-Deputati li għal dak iż-żmien ikun President tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Kamra tad-Deputati jew ta' xi kumitat ieħor bħal dak tal-Kamra li minn żmien għal żmien jissostitwixxi lil dak il-Kumitat;
>
> (ii) il-Ministru responsabbli għall-affarijiet tal-Parlament (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ '*Leader* tal-Kamra tad-Deputati');
>
> (iii) tliet membri tal-Kamra tad-Deputati li jinħatru mill-imsemmija Kamra fuq mozzjoni tal-*Leader* tal-Kamra tad-Deputati, għal dawk li huma żewġ membri minn fost deputati li jappoġġjaw lill-Gvern u l-membru l-ieħor minn fost il-membri tal-Oppożizzjoni.
>
> 14. Il-Kumitat għandu minn żmien għal żmien mhux inqas minn darba fis-sena jippreżenta lill-Kamra tad-Deputati (permezz tal-*Leader* tal-Kamra tad-Deputati) rapport dwar l-attivitajiet tiegħu u r-rapport tal-eżami li jkun għamel ta' xi estimi li jkunu tħejjew mill-Awditur Ġenerali.
>
> 15. Il-Kumitat għandu jeleġġi President minn fost il-membri tiegħu, u jista' jirregola l-proċedimenti tiegħu nnifsu.
>
> 16. Max-xoljiment tal-Kamra tad-Deputati, għandu jitqies li l-Kumitat ikun ġie xolt sakemm jiġi kostitwit għal darb'oħra wara li l-Kamra terġa' tiltaqa' għall-ewwel darba. Meta max-xoljiment tal-Kamra tad-Deputati s-somma li jkollha tiġi stabbilita għall-għanijiet tal-paragrafu 8 tat-Taqsima III ma tkunx ġiet hekk stabbilita jew il-Kamra ma tkunx wara t-tmiem ta' sena finanzjarja stabbiliet dik is-somma, l-Awditur Ġenerali jkollu l-jedd jonfoq kull xahar somma li tkun ekwivalenti għal wieħed minn tnax tas-somma jew somom stabbiliti għas-sena finanzjarja ta' qabel, sakemm dik is-somma tiġi hekk stabbilita.

17. M'għandhiex tintlaqat il-validità ta' kull proċediment tal-Kumitat meta jkun hemm xi vakanza fost il-membri tiegħu jew xi difett fil-ħatra jew nomina ta' xi wieħed mill-membri tiegħu.'

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika hu magħmul kif ġej:

**President** Onor. Louis Grech, Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali

**Membri** Onor. Chris Agius
Onor. Mario de Marco
Onor. Tonio Fenech
Onor. Silvio Schembri

Matul l-2015, il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika ltaqa' sitt darbiet u ddiskuta dan li ġej:

| | |
|---|---|
| 4 ta' Frar | Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà f'Pembroke lill-Ambaxxata Ċiniża f'Malta |
| 1 ta' Ġunju | Riżoluzzjoni dwar it-trasferiment tas-Suq tal-Belt lil Arkadia Group |
| 30 ta' Ġunju | Riżoluzzjoni dwar it-trasferiment tas-Suq tal-Belt lil Arkadia Group (Kontinwazzjoni) |
| 10 ta' Diċembru | Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2014 u Estimi Finanzjarji tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għas-sena 2016<br><br>Riżoluzzjonijiet dwar it-trasferiment ta':<br><br>proprjetà fi Gwardamanġa lill-Provinċa Maltija tal-Agostinjani; u<br>proprjetà f'Bormla u Marsaskala lil Sadeen Education Investment Limited (American University of Malta) |
| 14 ta' Diċembru | Riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' proprjetà f'Bormla u Marsaskala lil Sadeen Education Investment Limited (American University of Malta) (Kontinwazzjoni) |
| 14 ta' Diċembru | Riżoluzzjoni dwar it-trasferiment ta' proprjetà f'Bormla u Marsaskala lil Sadeen Education Investment Limited (American University of Malta) (Kontinwazzjoni). |

## *2.11 Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp*

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp ġie maħtur permezz tal-Mozzjoni Nru 30 approvata fid-29 April 2013 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 34 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 504) li jgħid hekk:

'34. (1) Għandu jkun hemm Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp li għandu jkun magħmul minn ħames membri maħtura mill-Kamra, li minnhom tlieta jkunu membri li jappoġġjaw lill-Gvern, u li minn fosthom wieħed

jinħatar bħala President, u li t-tnejn l-oħra jkunu membri magħżula mill-Oppożizzjoni.

(2) Il-Kumitat Permanenti għandu:

(a) jagħmel reviżjoni ta' kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew riġettat;

(b) jiddiskuti kull rapport riferut lilu mill-Ministru li għandu x'jaqsam mal-pjan ta' struttura jew kull reviżjoni ta' dak il-pjan;

(ċ) jiddiskuti kull pjan jew *policies* oħra riferuta lilu mill-Ministru u jirrapporta fuqu lill-Parlament. Dan ir-rapport jista' jinkludi wkoll kull opinjoni li ma jaqblux dwar il-pjan jew *policies*. Il-Ministru għandu jieħu konjizzjoni tal-imsemmi rapport u għandu jibgħat ir-rapport lill-Awtorità għall-konsiderazzjoni tagħha fid-determinazzjoni mill-Awtorità tal-pjan jew *policy* jekk l-imsemmi pjan jew *policy* tkun għadha ma ġietx approvata mill-Awtorità:

Iżda meta l-imsemmi Kumitat Permanenti jonqos milli jirrapporta lill-Parlament fil-perjodu li għalih kien mitlub li jagħmel dan, il-Ministru jista' jitlob lill-Awtorità tiffinalizza l-imsemmi pjan jew *policy*, u l-Ministru jista' wkoll japprova l-imsemmi pjan jew *policy* kif mgħoddija lilu mill-Awtorità.

(3) Meta jingħata avviż ta' mozzjoni bħal dik imsemmija fl-artikolu 53(2) mill-Ministru, dik il-mozzjoni għandha tintbagħat quddiem il-Kumitat Permanenti tal-Kamra, u dak il-Kumitat Permanenti għandu jiddiskuti dik il-mozzjoni u jagħmel rapport dwarha lill-Kamra.

(4) Mhux aktar tard minn xahar wara li avviż kif hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jintbagħat lill-Kumitat Permanenti tal-Kamra, dan għandu jiddiskuti l-pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu, u għandu, mhux aktar tard minn xahar wara li l-imsemmi pjan ta' struttura jew reviżjoni tiegħu jkun intbagħat lilu, jagħmel rapport dwaru lill-Kamra:

Iżda fejn dak il-Kumitat Permanenti tal-Kamra ma jagħmilx rapport lill-Kamra fi żmien l-imsemmi perjodu ta' xahar, il-Kamra tkun tista' tgħaddi biex tiddiskuti l-mozzjoni.

(5) Meta r-rapport tal-Kumitat Permanenti tal-Kamra fuq xi mozzjoni jkun wieħed unanimu, il-Kamra għandha tgħaddi biex tivvota fuq dik il-mozzjoni u fuq kull emenda li tiġi proposta f'dak ir-rapport mingħajr ebda dibattitu.'

Il-Mozzjoni Nru 30 tipprovdi li l-Kumitat ikun magħmul minn tliet membri tal-Gvern, inkluż il-President, u żewġ membri tal-Oppożizzjoni. Il-kompożizzjoni tal-Kumitat ġiet mibdula permezz tal-Mozzjoni Nru 105 approvata fit-12 ta' Marzu 2014 u tal-Mozzjonijiet Nri 207 u 230 tad-19 ta' Jannar u l-4 ta' Mejju 2015, rispettivament, kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Marlene Farrugia |
| **Membri** | Onor. Charles Buhagiar |
| | Onor. Ryan Callus |
| | Onor. Franco Mercieca |
| | Onor. Marthese Portelli |

Fl-2015, il-Kumitat iltaqa' għaxar darbiet. Dettalji tal-laqgħat huma kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2 ta' Frar | Diskussjoni dwar il-*Cemeteries Policy and Design Guidance* kif approvata mill-MEPA |
| 23 ta' Frar | Diskussjoni dwar kwestjonijiet ambjentali u ta' saħħa li potenzjalment jista' jkun hemm b'konsegwenza ta' żvilupp fil-viċinanzi ta' Kordin Grain Terminal (Kontinwazzjoni) |
| 18 ta' Marzu | Preżentazzjoni minn UC LTD kif mitlub mill-Kumitat fil-laqgħa tas-26 ta' Novembru 2014 dwar kwestjonijiet ambjentali u ta' saħħa li potenzjalment jista' jkun hemm b'konsegwenza ta' żvilupp fil-viċinanzi ta' Kordin Grain Terminal |
| 18 ta' Mejju | Diskussjoni dwar il-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar kif maħruġ mill-MEPA u l-emendi proposti għalih |
| 20 ta' Mejju | Diskussjoni dwar il-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar kif maħruġ mill-MEPA u l-emendi proposti għalih (Kontinwazzjoni) |
| 2 ta' Ġunju | Diskussjoni dwar il-Pjan Strateġiku għall-Ambjent u l-Ippjanar kif maħruġ mill-MEPA u l-emendi proposti għalih (Kontinwazzjoni) |
| 12 ta' Ġunju | Laqgħa konġunta mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej u mal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali, mas-Sur Karmenu Vella, Kummissarju responsabbli mill-Ambjent, Affarijiet Marittimi u Sajd, dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2015 (KUM (2014) 910) |
| 15 ta' Ġunju | Diskussjoni dwar it-talba li saret mill-Onor. Marthese Portelli u l-Onor. Ryan Callus lill-President tal-Kumitat fil-25 ta' Mejju 2015 sabiex jiġi diskuss il-*Preliminary Site Evaluation Report*, datat Novembru 2014 dwar l-iżvilupp f'Żonqor li ġie ppreżentat lill-MEPA |
| 7 ta' Lulju | Diskussjoni fuq l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Abbozz 107), l-Abbozz ta' Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent (Abbozz 108) u l-Abbozz ta' Liġi dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Abbozz 109) |
| 2 ta' Novembru | Diskussjoni dwar l-istudji tas-siti *shortlisted* għall-American Univeristy of Malta<br><br>Diskussjoni dwar il-Politika għas-*solar farms* kif approvata mill-MEPA. |

## 2.12 Grupp Parlamentari dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018

Il-kompożizzjoni tal-Grupp Parlamentari dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura ġiet stabbilita fil-laqgħat tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra tal-25 ta' Ġunju u tat-8 ta' Lulju 2013 u hija kif ġej:

| | |
|---|---|
| **President** | Onor. Deo Debattista |
| **Membri** | Onor. Luciano Busuttil<br>Onor. David Agius<br>Onor. Clyde Puli |

Matul l-2015, il-Grupp Parlamentari dwar il-Kapitali Ewropea tal-Kultura ltaqa' darbtejn sabiex jiddiskuti materji li għandhom x'jaqsmu mal-proġett *Valletta 2018* kif ġej:

| | |
|---|---|
| 24 ta' Marzu | Laqgħa mal-Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; mal-Onor. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali; mas-Sur Jason Micallef, President tal-Fondazzjoni Valletta 2018; u ma' Dr Karsten Xuereb, *Project Coordinator*, dwar il-progress li sar b'rabta max-xogħlijiet kapitali u l-istruttura organizzattiva tal-proġett *Il-Belt Valletta Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018* |
| 3 ta' Novembru | Laqgħa mas-Sur Jason Micallef, President tal-Fondazzjoni Valletta 2018 u mal-Prof. Alexiei Dingli, Sindku tal-Belt Valletta, dwar il-*Monitoring and Advisory Panel Report* tal-Unjoni Ewropea datat Settembru 2015 Ingħata wkoll aġġornament tax-xogħlijiet u l-inizjattivi li saru b'rabta mal-proġett *Il-Belt Valletta Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018*. |

## 3. ATTIVITAJIET INTERNAZZJONALI

Matul is-sena, il-Kamra tad-Deputati kompliet tistabbilixxi kuntatti ma' parlamenti oħra madwar id-dinja.

L-Ispeaker, minbarra li laqa' viżitaturi barranin fil-Parlament Malti, mexxa wkoll diversi delegazzjonijiet magħmula minn membri miż-żewġ naħat tal-Kamra lejn parlamenti oħra u li pparteċipaw f'laqgħat interparlamentari barra l-pajjiż.

### *3.1 Żjarat barra minn Malta u parteċipazzjoni f'fora internazzjonali mill-Ispeaker*

#### *3.1.1 Ir-Raba' Forum Internazzjonali 'Let my People Live!', Praga, ir-Repubblika Ċeka*

Fis-26 u s-27 ta' Jannar, proprju fil-Jum Internazzjonali tat-Tifkira tal-Olokawst, l-Ispeaker Anġlu Farrugia pparteċipa fir-Raba' Forum Internazzjonali *'Let My People Live!'* li sar ġewwa Praga u Tereżin organizzat mill-Gvern tar-Repubblika Ċeka, il-Kungress Lhudi Ewropew u l-Parlament Ewropew. Dan il-forum internazzjonali ma jiġix organizzat biss biex jitfakkar il-passat iżda wkoll biex jiddiskuti l-isfidi tal-preżent u tal-futur, b'mod partikolari ż-żieda fil-mibgħeda, ir-razziżmu, l-Anti-Semitiżmu u x-xenofobija fl-Ewropa. It-temi tal-konferenza ffokaw fuq ir-rwoli li l-politiċi, il-media u min għandu r-responsabilità tal-infurzar tal-liġi, għandhom biex jitfakkar l-Olokwast. L-Ispeaker Farrugia ħa sehem fl-*Ispeakers' Round Table Conference* li kienet ippreseduta mill-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Martin Schulz, fejn ġiet diskussa d-dikjarazzjoni interparlamentari magħrufa bħala "Id-dikjarazzjoni ta' Tereżin".

Fl-intervent tiegħu l-Ispeaker Farrugia qal li għalkemm iċ-ċerimonja kienet maħsuba biex tikkommemora s-70 sena anniversarju tal-Olokawst, wieħed għandu jirrifletti fuq reati oħrajn, bħal Iżlamofobija, l-anti-Kristjaneżmu u l-anti-Roma. Irrefera wkoll għat-theddida tal-ISIS kif ukoll għall-attakk fuq il-Hotel Corinthia fi Tripli li seħħ dakinhar filgħodu. Proposta mill-Ispeaker Farrugia kienet li jittieħdu passi leġiżlattivi sabiex jiġu introdotti s-suġġetti tat-tolleranza u r-rispett reċiproku fis-sistema edukattiva. Matul iż-żjara, l-Ispeaker Farrugia kellu laqgħa bilaterali mal-President tas Senat tal-Parlament tar-Repubblika Ċeka, l-Onor. Milan Stech.

#### *3.1.2 Konferenza Parlamentari Internazzjonali 'Id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Commonwealth tal-lum: Mill-Magna Carta għall-Commonwealth Charter', Londra, ir-Renju Unit*

Delegazzjoni mill-Parlament Malti mmexxija mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, u li kienet tinkludi lill-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Toni Bezzina, ħadet sehem fil-konferenza bit-tema *'Id-Drittijiet tal-Bniedem fil-Commonwealth tal-Lum: Mill-Magna Carta għall-Commonwealth Charter'* li saret fil-bini tal-Parlament Ingliż, f'Londra, bejn l-4 u s-6 ta' Frar. Il-Konferenza kienet organizzata mill-fergħa tal-Parlament Ingliż tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth bil-għan li jiġi diskuss l-iżvilupp tad-drittijiet tal-bniedem f'dawn iż-żminijiet fil-Commonwealth sabiex jappoġġjaw ir-rwol tal-parlamentari fir-responsabilità tagħhom li jipproteġu l-libertajiet personali taċ-ċittadin.

Il-programm laqqa' flimkien kważi 50 Membru Parlamentari mill-pajjiżi tal-Commonwealth għal dibattitu dwar l-importanza fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp tal-protezzjoni ta' dawn id-drittijiet fil-liġi mill-1215 sal-2015. L-Ispeaker Farrugia indirizza s-sessjoni ppreseduta minn Sir Alan Haselhurst bit-tema *'Il-Commonwealth – Potenza Globali għal dejjem?'*, u tkellem dwar il-kumplessitajiet demografiċi li jeżistu

fil-Commonwealth u r-rwol li l-organizzazzjoni jista' jkollha fil-ġejjieni. Tkellem ukoll dwar il-potenzjal li l-organizzazzjoni għandha fil-qasam politiku u ekonomiku li jista' jservi biex il-Commonwealth tkun strumentali ħalli jiġu indirizzati ċerti problemi li jeżistu, bħal dawk fl-oqsma ambjentali u soċjali. L-Ispeaker Farrugia ħa wkoll sehem fid-dibattitu: *'Tista' tilleġiżla dwar kwistjoni morali?'*, li kien ippresedut mill-Ispeaker u d-Deputy Speaker tal-House of Lords, Baroness D'Souza u Baroness Hooper, rispettivament.

### *3.1.3 Konferenza Parlamentari Globali tan-Network Parlamentari dwar il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali, Washington, l-Istati Uniti*

Fit-12 u t-13 ta' April, l-Ispeaker Anġlu Farrugia pparteċipa fil-*Konferenza Parlamentari Globali tan-Network Parlamentari dwar il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali* li nżammet f'Washington. Il-konferenza pprovdiet pjattaforma fejn Membri Parlamentari setgħu jitkellmu ma' uffiċjali għolja mill-Grupp tal-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali filwaqt li enfasizzat ir-rwol tagħhom fit-titjib ta' oqsma ewlenin tal-iżvilupp domestiku u indirizzat kif dawn iż-żewġ istituzzjonijiet jistgħu joffru l-appoġġ tagħhom f'dan ir-rigward. Is-suġġetti ewlenin li ġew diskussi f'din il-Konferenza kienu l-finanzjament tal-iżvilupp, it-titjib tas-sistemi tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-qgħad, is-sostenibbiltà ambjentali u l-governanza tajba.

L-Onor. Farrugia fetaħ u ppreseda s-sessjoni dwar l-isfidi globali u reġjonali kurrenti, il-qgħad u l-inugwaljanza. Fid-diskors tiegħu, l-Onor. Farrugia għamel referenza għal numru ta' soluzzjonijiet prattiċi li jistgħu jindirizzaw il-qgħad u l-inugwaljanza, inkluż il-ġlieda kontinwa kontra l-korruzzjoni, il-kontroll tal-burokrazija u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem.

### *3.1.4 Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea, Ruma, l-Italja*

Fl-20 u l-21 ta' April, l-Ispeaker Anġlu Farrugia attenda l-*Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea* (EUSC) li nżammet f'Ruma. Din il-Konferenza tlaqqa' flimkien Speakers tal-Parlamenti tal-Unjoni Ewropea kif ukoll ta' numru ta' parlamenti osservaturi. Qabel il-ftuħ uffiċjali tal-Konferenza, l-Onor. Farrugia, flimkien mal-Presidenti tal-Parlament Olandiż u dak Slovakk, iffirma dikjarazzjoni ta' koperazzjoni bejn it-tliet parlamenti bi tħejjija għall-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' dawn it-tliet Stati Membri.

Matul is-sessjoni li ttrattat il-Kontinent tad-Drittijiet Fundamentali, l-Onor. Farrugia tkellem dwar il- ġenoċidju li qed iseħħ fil-Mediterran. Huwa rringrazzja lill-awtoritajiet Taljani u dawk Maltin għall-mod ta' kif qed jindirizzaw din il-problema waħedhom u saħaq li l-Unjoni Ewropea għandha tiddeċiedi jekk tridx drittijiet tal-bniedem tal-ewwel klassi għaċ-ċittadini Ewropej biss jew għal kull min jasal fil-kontinent.

Il-Presidenza Taljana tal-EUSC ipproponiet dikjarazzjoni dwar it-tisħiħ ta' operazzjonijiet ta' salvataġġ fil-Mediterran. L-Ispeaker Anġlu Farrugia enfasizza li t-Trattati ma jagħtux mandat lil Frontex biex twettaq operazzjonijiet ta' salvataġġ, għalkemm il-bastimenti kollha – inklużi bastimenti tal-Frontex – għandhom obbligu li jipprovdu l-għajnuna kif jirriżulta mil-liġi marittima internazzjonali. Huwa ppropona emenda għad-dikjarazzjoni sabiex din tirrifletti l-mandat attwali tal-Frontex – il-kontroll tal-fruntieri – filwaqt li ppropona li għandu jkun hemm finanzjament u riżorsi addizzjonali biex dan il-mandat ikun jista' jiġi mwettaq. Dawn l-emendi ġew aċċettati unanimament.

### *3.1.5 Forum Parlamentari dwar l-Intelliġenza u s-Sigurtà, Vjenna, l-Awstrija*

L-Ispeaker Anġlu Farrugia, l-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. Chris Said ħadu sehem fil-*Forum Parlamentari ta' Vjenna dwar l-Intelliġenza u s-Sigurtà* fis-6 u s-7 ta' Mejju. Il-Forum

ta ħarsa ġenerali lejn it-theddid attwali u futuri għall-interess nazzjonali, inkluż l-ispjunaġġ ekonomiku, il-bilanċ li għandu jkun hemm bejn id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u l-libertajiet ċivili, kif ukoll l-aħjar prattiċi dwar ir-rwol li jista' jkollhom il-parlamenti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu responsabbli.

Matul id-dibattitu, l-Onor. Farrugia wera l-appoġġ tiegħu għar-rwol ta' Malta fil-kriżi tal-immigranti fil-Mediterran, kif ukoll għall-bżonn li tiġi armonizzata l-informazzjoni fl-Unjoni Ewropea. Huwa semma kif il-gwadann mit-traffikar tal-bnedmin seta' rriżulta f'ħasil ta' flus, finanzjament ta' Iżlamisti radikali, kif ukoll depożiti fil-banek. Huwa ddiskuta l-possibilità illi banek Ewropej u Amerikani jikkollaboraw mat-traffikanti b'mod illeċitu u enfasizza l-ħtieġa ta' koperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Amerika sabiex jinkiser iċ-ċiklu ta' traffikar tal-bnedmin fuq ix-xtut Libjani. L-Onor. Godfrey Farrugia enfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà, il-bżonn li jinqasam il-piż u l-importanza li l-militar ikun taħt il-kontroll tal-parlamenti nazzjonali.

L-Onor. Said wera l-interess tiegħu fit-twaqqif ta' kummissjoni parlamentari maħsuba biex tiżgura rwol responsabbli fir-rigward tas-sorveljanza ta' ġbir ta' informazzjoni.

### *3.1.6 It-Tieni Summit ta' Speakers ta' pajjiżi membri tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran*

Fil-11 ta' Mejju, id-Deputy Speaker Ċensu Galea pparteċipa fit-*Tieni Summit ta' Speakers tal-pajjiżi membri tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran* (PA-UfM) f'Lisbona li ffoka fuq id-dimensjoni umana fir-rigward tat-temi tal-immigrazzjoni, l-ażil u d-drittijiet tal-bniedem fiż-Żona Ewro-Mediterranja. L-Onor. Galea tenna l-appell ta' Malta għal aktar koperazzjoni mill-Istati Membri Ewropej fir-rilokazzjoni ta' immigranti rikonoxxuti u l-possibilità ta' aktar kollaborazzjoni fil-qrib mal-pajjiżi ta' oriġini. F'dan is-*summit*, id-delegati qalu li l-Membri Parlamentari għandhom jagħtu sapport lill-inizjattivi tan-Nazzjonijiet Magħquda u l-komunità internazzjonali sabiex tinstab soluzzjoni għat-tul għall-kriżi Sirjana. Dan sabiex fost l-oħrajn jiġu evitati l-konsegwenzi ta' eluf ta' nies li jaħarbu minn pajjiżhom u jisfaw vittmi tat-traffikar tal-bnedmin fuq livell internazzjonali. Issemmew ukoll l-importanza li jkun hemm programm ta' investiment massiċċ għall-ħolqien ta' impjiegi, u l-iżvilupp ta' infrastruttura fin-Nofsinhar tal-Mediterran.

### *3.1.7 Kommemorazzjoni tal-massakru ta' Capaci, Sqallija*

Fit-23 ta' Mejju, l-Onor. Anġlu Farrugia, Speaker tal-Kamra tad-Deputati, fuq stedina tal-Prof. Maria Falcone, President tal-Fondazione Giovanni e Francesca Falcone, ipparteċipa fil-*kommemorazzjoni tat-23 anniversarju mill-masskru tal-Mafja f'Capaci*, fejn kien ġie maqtul l-Imħallef Giovanni Falcone, f'Palermo. Għal din il-kommemorazzjoni, l-Ispeaker kien akkumpanjat mill-Onor. Jason Azzopardi.

Waqt intervista li l-Ispeaker Farrugia kellu ma' Rainews24, huwa qal li l-ġlieda kontra l-Mafja ma tikkonċernax biss l-awtoritajiet Taljani u Sqallin iżda hija fenomenu reġjonali li tirrikjedi front magħqud. L-Ispeaker sostna li jekk verament irridu futur aħjar, kif ukoll politika aktar nadifa u aħjar milli għandna llum, dan il-messaġġ għandu jiġi mwassal u promoss fost il-ġenerazzjonijiet żagħżugħa.

### *3.1.8 Żjara Uffiċjali f'Ċipru*

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onor. Anġlu Farrugia, mexxa delegazzjoni magħmula mill-Onor. David Agius u mill-Onor. Joseph M. Sammut lejn Ċipru bejn it-13 u s-16 ta' Lulju sabiex jipparteċipaw fil-*kommemorazzjoni tal-41 anniversarju mill-kolp ta' stat ta' Lulju tal-1974*.

Nhar l-14 ta' Lulju, id-delegazzjoni għamlet żjara ta' korteżija lill-Arċisqof ta' Nova Justiniana u ta' Ċipru kollu, il-Qdusija Tiegħu Monsinjur Chrysostomos II. L-Ispeaker u l-bqija tad-delegazzjoni ltaqgħu wkoll mal-President tal-Kamra tad-Deputati ta' Ċipru l-ET Yiannakis L. Omirou, mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin ta' Ċipru l-ET Ioannis Kasoulides u mal-President tar-Repubblika ta' Ċipru l-ET Nicos Anastasiades. Is-suġġetti diskussi kienu jinkludu n-nuqqas ta' sigurtà fir-reġjun tal-Mediterran u l-impatt ta' dan fuq iż-żewġ stati, ir-riunifikazzjoni paċifika ta' Ċipru, kif ukoll suġġetti ta' interess komuni bħat-tfittxija għaż-żejt, it-telekomunikazzjonijiet u l-kummerċ bilaterali f'oqsma fejn għad hemm lok għal titjib.

Nhar il-15 ta' Lulju, l-Ispeaker indirizza sessjoni tal-plenarja tal-Kamra tad-Deputati. Matul id-diskors tiegħu huwa semma l-għajnuna li l-Arċisqof Makarios, il-mexxej tal-gżira Ċiprijotta fl-1974, kien ingħata mill-Gvernatur Ġenerali Anthony Mamo u l-Prim Ministru Dom Mintoff meta t-Torok invadew lil Ċipru. Wara, l-Ispeaker flimkien mal-Membri Parlamentari, attendew ċerimonja ta' tifkira tal-vittmi tal-kolp ta' stat fil-Knisja ta' Theou Sofia. Matul iż-żjara f'Ċipru, id-delegazzjoni Maltija żaret ukoll l-istazzjon tar-radju Radju Ħieles ta' Ċipru u attendiet funzjoni ta' tqegħid ta' fjuri fuq il-monument Makarios III Resistance Monument li jinsab f'Paphos.

### *3.1.9 Forum Parlamentari u t-Tmien Konferenza Ministerjali tal-Komunità tad-Demokraziji, San Salvador, El Salvador*

L-Ispeaker Anġlu Farrugia ppartеċipa fit-*Tmien Konferenza Ministerjali tal-Komunità tad-Demokraziji* li nżammet fil-belt ta' San Salvador, El Salvador, bejn it-22 u l-24 ta' Lulju, bit-tema 'Demokrazija u Żvilupp'. Matul l-ewwel jum tal-Konferenza ġew organizzati tliet fora:

- il-Forum taż-Żgħażagħ li ttratta kif tista' tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'dawk il-pajjiżi li jħaddnu d-demokrazija;

- il-Forum tas-Settur Privat li ddiskuta s-sħubijiet bejn is-settur pubbliku u s-settur privat sabiex jiżdied u jissaħħaħ l-iżvilupp sostenibbli, l-irwol tas-settur privat fl-implimentazzjoni tal-għanijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli, kif ukoll il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali; u

- il-Forum tas-Soċjetà Ċivili li fost is-suġġetti diskussi, kien hemm it-trasparenza u l-monitoraġġ soċjali f'soċjetajiet demokratiċi kif ukoll l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli.

Barra minn dawn it-tliet fora, inżammet ukoll laqgħa parlamentari dwar id-demokrazija u l-iżvilupp fejn l-Ispeaker Farrugia għamel intervent li fih stqarr illi l-aħjar mod ta' kif jissaħħu l-istituzzjonijiet u l-prinċipji demokratiċi huwa permezz ta' djalogu onest, skambju ta' esperjenzi u identifikazzjoni tal-aħjar prassi. L-Onor. Farrugia semma wkoll id-Dikjarazzjoni ta' Varsavja li għandha sservi bħala linja gwida għall-Komunità tad-Demokraziji. Huwa argumenta wkoll illi demokrazija ma tistax tiġi importata jew imposta minn barra imma għandu jkun il-poplu li jissielet għaliha u s-soċjetà ċivili li tħarisha u ssaħħaħha. Il-Parlamenti u l-Membri Parlamentari, kif ukoll iċ-ċittadini, għandu jkollhom rwol attiv sabiex jippreservaw u jkattru d-demokrazija. Semma kif il-Parlament Malti beda jxandar is-seduti parlamentari tiegħu kemm fuq it-televiżjoni kif ukoll permezz tal-*internet* però żied li hemm aktar xi jrid isir, fosthom li l-Parlament ikollu l-istazzjon tiegħu *free-to-air* fejn l-utent ma jkunx jiddependi fuq fornitur tas-servizz tat-televiżjoni sabiex ikollu s-servizz. Din l-inizjattiva kienet pass lejn it-twettiq tal-awtonomija amministrattiva tal-Parlament.

Dwar ir-rwol taċ-ċittadini, l-Ispeaker semma l-importanza li ċ-ċittadini jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-pajjiż u apparti dan, li jkunu parteċipi fid-deliberazzjonijiet dwar deċiżjonijiet li jkunu se jittieħdu.

Fit-23 ta' Lulju, ġew organizzati żewġ djalogi paralleli: wieħed dwar l-*Aġenda Demokratika fil-Kuntest Globali* u ieħor dwar l-*Għodod Innovattivi għat-Tisħiħ tad-Demokrazija*. Kwestjonijiet oħra li ġew diskussi f'din il-konferenza kienu d-demokrazija inklussiva u l-istadju li waslet fih id-demokrazija fil-kuntest globali tal-lum. Fi tmiem il-laqgħa ġiet adottata d-Dikjarazzjoni Ministerjali ta' San Salvador.

### *3.1.10 Ir-Raba' Konferenza Dinjija tal-Presidenti ta' Parlamenti organizzata mill-Unjoni Interparlamentari, New York, L-Istati Uniti tal-Amerka*

L-Ispeaker Farrugia mexxa delegazzjoni parlamentari magħmula mid-Deputy Speaker l-Onor. Ċensu Galea, l-Onor. David Agius, l-Onor. Deo Debattista u l-Onor. Deborah Schembri għar-Raba' Konferenza Dinjija tal-Presidenti ta' Parlamenti bejn il-31 ta' Awwissu u t-2 ta' Settembru. Din il-Konferenza hija organizzata kull ħames snin mill-Unjoni Interparlamentari (UIP) fi New York. It-tema ġenerali tal-Konferenza ffokat fuq il-paċi, id-demokrazija u l-iżvilupp minn lenti parlamentari. Il-Konferenza kienet parti minn serje ta' laqgħat ta' livell għoli li kellhom iwasslu għal *Summit* tan-Nazzjonijiet Magħquda f'Settembru tal-2015 fejn kellhom jitnedew l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (*Sustainable Development Goals-SDGs*) ġodda. Is-sessjonijiet iffukaw fuq id-demokrazji għas-servizz tal-paċi, l-involviment parlamentari fejn jidħlu l-SDGs, l-isfidi u l-opportunitajiet tas-sorveljanza parlamentari, u sessjoni fuq kif l-SDGs għandhom jiġu msarrfa f'azzjonijiet.

L-Ispeaker kien mistieden jindirizza l-ewwel sessjoni tal-konferenza u tkellem dwar it-tema '*Placing Democracy at the Service of Peace and Sustainable Development, building the world people want'*. Huwa rrefera għall-konċett tat-tibdil fil-klima u ħeġġeġ il-gvernijiet nazzjonali madwar id-dinja sabiex jikkollaboraw u jikkoordinaw sforzi konġunti sabiex jingħelbu l-isfidi relatati ma' dan is-suġġett. L-Ispeaker saħaq fuq il-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari fil-Mediterran u argumenta li dan is-suġġett għandu jiġi indirizzat b'mod ħolistiku u b'komunikazzjoni regolari mal-pajjiżi tal-oriġini, prinċipalment l-Afrika. F'dan ir-rigward, semma l-Valletta Summit dwar l-Immigrazzjoni li kellu jsir ġewwa Malta aktar tard fl-2015. Qal li din se tkun opportunità sabiex jiġu indirizzati l-isfidi fuq il-flussi migratorji ġewwa l-Ewropa. L-Ispeaker tal-Kamra kkonkluda l-indirizz tiegħu billi laqa' l-aġenda l-ġdida tal-iżvilupp, inkluż is-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli, u saħaq fuq ir-responsabilità strateġika li l-uffiċjali eletti għandhom sabiex jippromwovu dan il-progress.

### *3.1.11 Konferenza 'Committing to Openness: Parliamentary Action Plans, Standards, and Tools' organizzata mill-Parlament tal-Georgia*

Id-Deputy Speaker Ċensu Galea ħa sehem fil-konferenza bit-tema '*Committing to Openness: Parliamentary Action Plans, Standards and Tools'* li saret fl-14 u l-15 ta' Settembru f'Tbilisi, il-Georgia. Din il-konferenza kienet tikkonsisti f'numru ta' sessjonijiet fejn ġiet eżaminata t-trasparenza tal-parlamenti kif ukoll il-pjanijiet ta' azzjoni, l-i*standards* u l-għodod biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom. Il-Konferenza eżaminat ukoll l-istrateġiji li wieħed jista' jesegwixxi għall-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess leġiżlattiv. Il-ftuħ fil-proċess leġiżlattiv huwa komponent kritiku ta' demokrazija rappreżentattiva effettiva. L-involviment sinifikanti u l-parteċipazzjoni tal-pubbliku fil-proċess leġiżlattiv jistgħu jseħħu biss jekk il-pubbliku jifhem il-proċess leġiżlattiv u jkollu aċċess għall-informazzjoni neċessarja. Issemmiet ukoll l-irwol tal-parlamenti biex jippromwovu gvern miftuħ permezz ta' leġiżlazzjoni, sorveljanza u rappreżentazzjoni. Il-konferenza pprovdiet lill-parteċipanti b'eżempji komparattivi u strateġiji ta' suċċess għal aktar parlamenti miftuħa. Il-konferenza kienet organizzata mill-Open Government Partnership's Legislative Openness Working Group b'kollaborazzjoni mal-Parlament tal-Georgia.

### *3.1.12 Żjara lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, Brussell, il-Belġju*

Delegazzjoni parlamentari mmexxija mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati għamlet żjara ta' informazzjoni fl-istituzzjonijiet Ewropej ġewwa Brussell fl-24 u l-25 ta' Settembru, liema żjara kienet organizzata mir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea ġewwa Malta. Id-delegazzjoni kienet magħmula mill-Onor. David Agius, l-Onor. Anthony Agius Decelis, l-Onor. Frederick Azzopardi, l-Onor. Antoine Borg, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Joseph Cassar, l-Onor. Kristy Debono, l-Onor. Etienne Grech, l-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Clyde Puli. Tmien uffiċjali tal-Parlament ipparteċipaw ukoll f'din iż-żjara ta' informazzjoni. Matul din iż-żjara, id-delegazzjoni Maltija kellha laqgħat ma' rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea fuq kwistjonijiet relatati mar-rwol tal-Membri Parlamentari *vis-à-vis* l-istess Kummissjoni. Ġiet organizzata wkoll laqgħa mal-Kummissarju Ewropew Karmenu Vella, responsabbli mill-Ambjent, Affarijiet Marittimi u Sajd, fejn saret diskussjoni estensiva dwar kwistjonijiet relatati mal-portafoll tiegħu, inkluż il-governanza tal-oċeani.

Id-delegazzjoni kellha wkoll l-opportunità li żżur il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-Parlament Ewropew, u attendiet laqgħat informattivi dwar ir-rwoli differenti ta' dawn l-istituzzjonijiet. Matul iż-żjara l-Ispeaker saħaq fuq l-urġenza biex il-parlamenti nazzjonali jingħataw rwol aktar ċentrali fit-tfassil tal-politika Ewropea u l-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġi żgurat li jitjieb il-proċess demokratiku fi ħdan l-Unjoni u allura jingħata lok għal rappreżentanza aħjar. L-Ispeaker irrefera wkoll għall-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' Malta fl-2017 u qal li filwaqt li l-aġenda għadha ma ġietx iffinalizzata, il-preparamenti bdew u li bla dubju ta' xejn, l-aġenda hija mistennija li tirrefletti l-kwistjonijiet li se jkunu l-aktar relevanti fl-ewwel nofs tal-2017.

### *3.1.13 Osservazzjoni tal-Elezzjonijiet fl-Ażerbajġan*

Fuq stedina tal-*European Academy for Election Observation*, fid-29 u t-30 ta' Ottubru, l-Ispeaker Anġlu Farrugia mexxa delegazzjoni parlamentari magħmula mill-Onor. Frederick Azzopardi, l-Onor. Joe Debono Grech u l-Onor. Joseph M. Sammut fl-Ażerbajġan sabiex ikunu parti minn missjoni ta' monitoraġġ tal-elezzjonijiet u sabiex jissorveljaw l-andament tal-proċess li għandu jkun wieħed trasparenti u ġust.

L-osservazzjoni ta' elezzjoni hija għodda importanti li tikkumplimenta d-diplomazija parlamentari. Filwaqt li tippromwovi l-involviment dirett ta' Membri Parlamentari fil-proċess demokratiku ta' Stat ieħor, tafferma l-importanza li jiġi żgurat li tali proċess ikun ugwali, ġust, sigriet, liberu, trasparenti u responsabbli.

## *3.2 Żjarat barra minn Malta minn Delegazzjonijiet Parlamentari*

### *3.2.1 Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej*

Skont l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej jirrappreżenta lill-Kamra tad-Deputati fil-Konferenza tal-Kumitati Ewropej (COSAC) li hija konferenza biennali tal-Kumitati tal-Parlamenti Nazzjonali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li tlaqqa' flimkien Membri Parlamentari li jittrattaw ma' affarijiet tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll rappreżentanti tal-Parlament Ewropew. F'dan ir-rigwad, il-Membri Parlamentari attendew għal laqgħat tal-COSAC kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Frar | L-Onor. Luciano Busuttil attenda *laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC* li saret f'Riga, il-Latvja, fl-1 u t-2 ta' Frar |
| Ġunju | L-Onor. Luciano Busuttil u l-Onor. Francis Zammit Dimech ipparteċipaw fit-*LIII laqgħa tal-COSAC* li saret f'Riga, il-Latvja, bejn il-31 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju |

Lulju — L-Onor. Luciano Busuttil attenda *laqgħa tal-Presidenti tal-COSAC* fil-Lussemburgu fit-12 u t-13 ta’ Lulju

Novembru — L-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Francis Zammit Dimech attendew l-*LIV laqgħa tal-COSAC* li saret fil-Lussemburgu bejn id-29 ta’ Novembru u l-1 ta’ Diċembru.

### *3.2.2 Laqgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*

Il-Membri Parlamentari jipparteċipaw f’żewġ tipi ta’ laqgħat interparlamentari mal-Parlament Ewropew: laqgħat tal-Presidenti ta’ kumitati, organizzati mill-parlament tal-pajjiż li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea; u laqgħat interparlamentari organizzati minn kumitati tal-Parlament Ewropew.

Il-laqgħat interparlamentari organizzati minn kumitati tal-Parlament Ewropew jinżammu fuq inizjattiva tal-istess kumitati li jistiednu kollegi mill-kumitati korrispondenti fil-parlamenti nazzjonali tal-pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-laqgħat ikomplu jibnu fuq il-prassi eżistenti u primarjament ikopru dawk l-oqsma fejn l-Unjoni Ewropea għandha setgħat leġiżlattivi permezz tal-proċedura ta’ kodeċiżjoni. L-għan ta’ dawn il-laqgħat hu li jiġi promoss l-iskambju ta’ ideat u tal-aqwa prattiċi bejn Membri Parlamentari nazzjonali u dawk Ewropej bil-għan illi jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet leġiżlattivi tal-Parlament Ewropew filwaqt li jaraw li jkun hemm aktar trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Dawn il-laqgħat jiġu organizzati mid-Direttorat għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali flimkien mal-kumitat tal-Parlament Ewropew responsabbli mill-qasam inkwestjoni.

Matul is-sena, Membri Parlamentari Maltin ipparteċipaw f’dawn il-laqgħat organizzati mill-Parlament Ewropew, mill-Kummissjoni Ewropea u mill-pajjiżi li kellhom il-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

Frar — L-Onor. Antoine Borg ipparteċipa fil-*Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea*, bħala parti mill-Ġimgħa Parlamentari Ewropea tal-2015, li saret fit-3 u l-4 ta’ Frar fi Brussell

L-Onor. Deborah Schembri u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ppartecipaw f’laqgħa għall-*Presidenti tal-Kumitati dwar ix-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali* organizzata mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Latvja, fit-22 u t-23 ta’ Frar f’Riga

L-Onor. Francis Zammit Dimech ħa sehem fil-*laqgħa interparlamentari* ‘*Smart Borders Package: European challenges, national experiences, the way forward*’, organizzata mill-Parlament Ewropew fit-23 u l-24 ta’ Frar fi Brussell

L-Onor. Jason Azzopardi ppartecipa fil-*Workshop ‘Cross-border activities in the EU - Making life easier for citizens*’, organizzat mill-Parlament Ewropew bil-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali, fis-26 ta’ Frar fi Brussell

Marzu — L-Onor. Luciano Busuttil u l-Onor. Francis Zammit Dimech ipparteċipaw fil-*Konferenza Interparlamentari fuq il-Politika Esterna u ta’ Sigurtà Komuni u fuq il-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni* (CFSP/CSDP), organizzata mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Latvja fil-5 u s-6 ta’ Marzu f’Riga

L-Onor. Giovanna Debono u l-Onor. Marlene Farrugia ppartecipaw f’*laqgħa ta’ kumitat interparlamentari dwar it-tisħiħ tal-irwol tan-nisa (women’s*

*empowerment) u t-tfajliet permezz tal-edukazzjoni*, organizzat mill-Parlament Ewropew fil-5 ta' Marzu fi Brussell

L-Onor. Marlene Farrugia, l-Onor. Ċensu Galea u l-Onor. George Pullicino ppartеċipaw fil-*15-il Laqgħa Interparlamentari tal-EUFORES dwar l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija effiċjenti* fit-13 u l-14 ta' Marzu fi Vjenna

L-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Silvio Parnis attendew għal *laqgħa interparlamentari 'From COP21 Paris to 2050: a roadmap towards an innovative low-carbon, resource-efficient Europe',* organizzata mill-Parlament Ewropew fit-30 ta' Marzu fi Brussell

April — Fid-19 u l-20 ta' April, l-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Robert Cutajar ipparteċipaw fil-*Laqgħa tal-Presidenti tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Diġitali* li nżammet f'Riga

Mejju — L-Onor. Joseph M. Sammut u l-Onor. Tonio Fenech attendew għal-*Laqgħa tal-Kumitat Interparlamentari dwar ir-reviżjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u l-veduta tal-Kunsill Ewropew dwar id-Difiża ta' Ġunju 2015*, organizzata mill-Parlament Ewropew fil-5 ta' Mejju fi Brussell

Ġunju — L-Onor. Tonio Fenech attenda laqgħa tal-*Kumitat Speċjali tal-Parlament Ewropew dwar 'Tax Rulings and Other Measures Similar in Nature or Effect* (TAXE)' iffokata fuq *pjanar aggressiv ta' taxxa u kontroll demokratiku u l-irwol tal-Parlamenti f'dan ir-rigward*, li saret fis-17 ta' Ġunju fi Brussell

Settembru — L-Onor. Luciano Busuttil u l-Onor. Jason Azzopardi attendew il-*Konferenza Interparlamentari dwar il-Politika Esterna u ta' Sigurtà Komuni u fuq il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni* (CFSP/CSDP), organizzata mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Lussemburgu, fil-5 u s-6 ta' Settembru fil-Lussemburgu

L-Onor. Silvio Parnis u l-Onor. Francis Zammit Dimech ipparteċipaw fil-*laqgħa interparlamentari dwar is-sitwazzjoni fil-Mediterran u l-bżonn ta' approċċ ħolistiku għall-migrazzjoni*, organizzata mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Settembru fi Brussell

Ottubru — L-Onor. Deborah Schembri attendiet *laqgħa tal-Presidenti tal-Kumitati dwar l-Affarijiet Soċjali* organizzata mill-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-Lussemburgu fid-19 u l-20 ta' Ottubru fil-Lussemburgu

Novembru — Fid-9 u l-10 ta' Novembru, l-Onor. Antoine Borg ipparteċipa fil-*Konferenza Interparlamentari dwar l-Istabbiltà, il-Koordinazzjoni u l-Governanza fl-Unjoni Ewropea* li nżammet fil-Lussemburgu

L-Onor. Clyde Puli attenda *laqgħa interparlamentari dwar id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar is-Servizz tal-Media Awdjoviżiva: Tisħiħ tas-Suq Uniku jew Ħolqien ta' Vulnerabbiltajiet?*, organizzata mill-Presidenza tal-Latvja fis-16 ta' Novembru f'Riga.

### *3.2.3 L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa*

L-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa (PACE) tlaqqa' flimkien Membri Parlamentari eletti demokratikament mis-47 Stat Membru tal-Kunsill tal-Ewropa. Permezz tas-setgħat mogħtija lilha mill-Istatut tal-istess Assemblea, l-Assemblea tista':

- titlob azzjoni mis-47 gvern Ewropew, li għandhom iwieġbu b’mod konġunt;
- tmexxi missjonijiet biex tikseb infomazzjoni ġdida dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
- tagħmel mistoqsijiet lil Presidenti u Prim Ministri fuq kwalunkwe suġġett li tagħżel hi;
- tosserva elezzjonijiet u tibgħat delegazzjonijiet għal medjazzjoni f’żoni li jinsabu f’sitwazzjoni ta’ kriżi;
- tinnegozja t-termini li fuqhom stati jissieħbu mal-Kunsill tal-Ewropa;
- tispira liġijiet nazzjonali ġodda billi tipproponi u tagħti opinjonijiet dwar trattati;
- titlob opinjonijiet legali dwar il-liġijiet u kostituzzjonijiet tal-Istati Membri; u
- tirrakkomanda dwar is-sanzjonar ta’ Stat Membru permezz ta’ esklużjoni jew sospensjoni tiegħu.

Minkejja li l-PACE ma għandha l-ebda setgħa li tgħaddi liġijiet li jorbtu, din l-Assemblea żżomm djalogu kostanti mal-gvernijiet, parlamenti nazzjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u mas-soċjetà ċivili li “tistabbilixxi l-aġenda”. B’dan il-mod, id-dokumenti tagħha jgħaddu minn liġijiet u prattika sabiex iwasslu għal titjib fil-ħajja taċ-ċittadini Ewropej.

Permezz tar-rakkomandazzjonijiet tagħha, l-Assemblea titlob azzjoni f’isem it-800 miljun ċittadin Ewropew li tirrappreżenta u s-47 gvern tal-Kunsill tal-Ewropa, rappreżentati fil-Kumitat tal-Ministri, li huma obbligati li jwieġbu. Fil-prattika, l-Assemblea spiss taġixxi bħala l-ixprun tal-Kunsill tal-Ewropa billi tippromwovi ideat ġodda, tistabbilixxi d-direzzjoni strateġika u tniedi bosta mill-attivitajiet l-aktar importanti tal-Kunsill.

L-Assemblea tistabbilixxi l-aġenda tagħha stess li tkopri avvenimenti Ewropej u internazzjonali, kwestjonijiet relatati mad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, il-ħarsien tal-minoranzi u l-istat tad-dritt.

Permezz tal-Mozzjoni Nru 16 approvata fil-Parlament fil-15 ta’ April 2013 u l-Mozzjoni Nru 130 approvata fis-7 ta’ Mejju 2014, id-delegazzjoni Maltija għall-PACE kienet magħmula kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Membri** | Onor. Joe Debono Grech, Kap tad-Delegazzjoni<br>Onor. Beppe Fenech Adami<br>Onor. Deborah Schembri |
| **Membri Sostituti** | Onor. Charlò Bonnici<br>Onor. Deo Debattista<br>Onor. Joseph M. Sammut |

Id-delegati huma wkoll membri ta’ dawn il-kumitati:

| | |
|---|---|
| Onor. Joe Debono Grech | - Kumitat Permanenti tal-Assemblea<br>- Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija<br>- Kumitat dwar il-Qadi tal-Obbligi u l-Impenji tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa (Kumitat ta’ Monitoraġġ)<br>- Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem (sostitut) |
| Onor. Beppe Fenech Adami | - Kumitat dwar il-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Persuni Spostati<br>- Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija (sostitut) |
| Onor. Deborah Schembri | - Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Non-Diskriminazzjoni<br>- Kumitat dwar il-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Persuni Spostati (sostitut) |

| | | |
|---|---|---|
| Onor. Charlò Bonnici | - | Kumitat dwar il-Qadi tal-Obbligi u l-Impenji tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa (Kumitat ta’ Monitoraġġ) |
| | - | Kumitat dwar il-Kultura, ix-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-*Media* |
| | - | Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, is-Saħħa u l-Iżvilupp Sostenibbli (sostitut) |
| Onor. Deo Debattista | - | Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali, is-Saħħa u l-Iżvilupp Sostenibbli |
| | - | Kumitat dwar il-Kultura, ix-Xjenza, l-Edukazzjoni u l-*Media* (sostitut) |
| Onor. Joseph M. Sammut | - | Kumitat dwar l-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem |
| | - | Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Non-Diskriminazzjoni (sostitut). |

Il-Membri ħadu sehem f’numru ta’ laqgħat tal-Assemblea Plenarja u f’laqgħat tad-diversi kumitati fejn kellhom l-opportunità li jipparteċipaw f’diskussjonijiet dwar numru ta’ dokumenti li wħud minnhom ġew ukoll adottati mill-Assemblea. Il-Membri tad-delegazzjoni għall-PACE pparteċipaw fil-laqgħat kif muri hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Jannar | L-Onor. Joe Debono Grech, l-Onor. Charlò Bonnici u l-Onor. Deborah Schembri pparteċipaw fl-*Ewwel Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa* li nżammet fi Strasburgu bejn is-26 u t-30 ta’ Jannar |
| Marzu | L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat Permanenti* li saret f’Pariġi fis-6 ta’ Marzu u fil-laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija u fil-laqgħa tal-Kumitat ta’ Monitoraġġ li saru f’Pariġi fis-16 u s-17 ta’ Marzu |
| | L-Onor. Deborah Schembri pparteċipat fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Non-Diskriminazzjoni* fl-20 ta’ Marzu f’Pariġi |
| | L-Onor. Deborah Schembri pparteċipat fil-*Konferenza North-South Migration Dialogue* li saret f’Lagos, il-Portugall, fit-30 u l-31 ta’ Marzu |
| April | L-Onor. Joe Debono Grech, l-Onor. Charlò Bonnici, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Deborah Schembri pparteċipaw fit-*Tieni Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa* li nżammet fi Strasburgu bejn l-20 u l-24 ta’ April |
| Mejju | L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat Permanenti* li saret f’Sarajevo fit-22 ta’ Mejju |
| | L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat ta’ Monitoraġġ* li saret f’Pariġi fit-28 ta’ Mejju |
| Ġunju | L-Onor. Deborah Schembri pparteċipat fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Non-Diskriminazzjoni* fl-1 ta’ Ġunju f’Pariġi |
| | L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija* li saret f’Ruma fl-4 u l-5 ta’ Ġunju |

L-Onor. Deborah Schembri pparteċipat f'*laqgħa tal-Kumitat ad hoc tal-Bureau* dwar il-wasla ta' numru kbir ta' rifuġjati fit-Turkija, li saret f'Istanbul/Gaziantep, it-Turkija, bejn l-14 u s-16 ta' Ġunju

L-Onor. Joe Debono Grech, l-Onor. Charlò Bonnici u l-Onor. Beppe Fenech Adami pparteċipaw fit-*Tielet Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa* li nżammet fi Strasburgu bejn it-22 u s-26 ta' Ġunju

Settembru — L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija* li saret f'Pariġi fl-1 ta' Settembru

L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ* li saret f'Sarajevo fit-3 u l-4 ta' Settembru

L-Onor. Deborah Schembri pparteċipat fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar il-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Persuni Spostati* u fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Ugwaljanza u n-Non-Diskriminazzjoni* li saru f'Pariġi fid-9 u l-10 ta' Settembru

L-Onor. Joe Debono Grech, l-Onor. Charlò Bonnici, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Joseph M. Sammut ipparteċipaw fir-*Raba' Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa* li nżammet fi Strasburgu bejn it-28 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru

Novembru — L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat dwar l-Affarijiet Politiċi u d-Demokrazija* li saret f'Pariġi fl-4 ta' Novembru

L-Onor. Joe Debono Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat Permanenti* li nżammet f'Sofja fis-27 ta' Novembru

Diċembru — L-Onor. Joe Debono Grech Grech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat ta' Monitoraġġ* li saret f'Pariġi fid-9 ta' Diċembru.

Fit-Tieni Parti tas-Sessjoni Ordinarja tal-2015 tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa li saret f'April fi Strasburgu, l-Onor. Deborah Schembri ppreżentat ir-rapport tagħha dwar id-Diskriminazzjoni kontra l-persuni *transgender* fl-Ewropa. Dan ir-rapport u r-riżoluzzjoni relattiva ġew adottati mill-Assemblea. Barra minn hekk, f'din it-Tieni Parti tas-Sessjoni, l-Onor. Helena Dalli, Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Ċivili, fuq stedina tal-President tal-Assemblea, għamlet indirizz dwar kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-transesswali.

Għad-delegazzjoni Maltija, il-qofol tat-Tielet Parti tas-Sessjoni Ordinarja kienet il-kommemorazzjoni tal-50 anniversarju mid-dħul ta' Malta fil-Kunsill tal-Ewropa u l-Assmblea Parlamentari tiegħu fl-1965. Din il-kommemorazzjoni saret bil-parteċipazzjoni tal-President ta' Malta, l-ET Marie Louise Coleiro Preca, li indirizzat l-Assemblea Parlamentari.

Ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet adottati jew approvati mill-PACE matul l-2015 tpoġġew fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati.

### *3.2.4 L-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran*

Mill-proċess ta' Ħelsinki fl-1973 – li wassal għat-twaqqif tas-CSCE (Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa) – pajjiżi bħal Malta bdew jagħmlu enfasi qawwija fuq il-prinċipju tal-indiviżibilità tas-sigurtà u enfasizzaw bil-qawwa li l-paċi, is-sigurtà u l-istabilità

fl-Ewropa u fil-Mediterran kienu intrinsikament u indissolubbilment marbutin ma' xulxin. Id-'Dimensjoni Mediterranja' (magħrufa aħjar bħala s-CSCM – Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fil-Mediterran), fi ħdan il-Karta ta' Pariġi għal Ewropa Ġdida ffirmata f'Novembru 1990, hija sinonima għal Malta li sostniet sa mill-bidu nett tal-proċess ta' Ħelsinki li ma jistax ikun hemm sigurtà fl-Ewropa jekk ma jkunx hemm sigurtà fil-Mediterran. Sabiex tenfasizza l-importanza ta' din id-dimensjoni u l-impenn tagħha lejn ir-reġjun, Malta laqqgħet numru ta' seminars tas-CSCE/OSCE dwar il-Mediterran matul is-snin.

Wara seba' Konferenzi Interparlamentari dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa bejn l-1972 u l-1991, l-Unjoni Interparlamentari (UIP) iddeċidiet dwar proċess simili fil-Mediterran u nediet il-proċess tal-Konferenza dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fil-Mediterran (CSCM) taħt l-awspiċi tal-UIP u li tinkludi l-istati li jdawru l-Baħar Mediterran.

F'April tal-1990, waqt il-laqgħa tat-83 Konferenza tal-UIP f'Nikosija, riżoluzzjoni msejħa *The Promotion of Peace and Security in the Mediterranean region in the light of developments in Europe and the new spirit prevailing internationally* (Il-Promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà fir-reġjun tal-Mediterran fid-dawl tal-iżviluppi fl-Ewropa u l-ispirtu l-ġdid prevalenti fuq livell internazzjonali) irrakkomandat it-tlaqqigħ ta' Konferenza ta' Parlamentari mill-Istati kollha tal-Mediterran sabiex jiddiskutu miżuri li jindirizzaw diversi oqsma ta' kooperazzjoni. L-idea ta' CSCM Interparlamentari ntlaqgħet b'interess fost il-parlamentari minn madwar il-Mediterran li appoġġjawha. Għaldaqstant, l-UIP iddeċidiet li tniedi CSCM 'interparlamentari' u nżammu laqgħat f'Malaga (Spanja) f'Ġunju 1992, fil-Belt Valletta (Malta) f'Novembru 1995, u f'Marsilja (Franza) f'April 2000.

Il-Konferenza ta' Malaga kkonfermat il-prinċipji bażiċi tal-proċess u stabbilixxiet il-qafas ġenerali għall-kooperazzjoni bejn l-imsieħba Mediterranji; il-Konferenza tal-Belt Valletta affermat il-ħtieġa li l-proċess tas-CSCM jingħata bażi istituzzjonali solida, kemm fil-livell governattiv kif ukoll f'dak parlamentari, u rrakkomandat ukoll, fuq l-inizjattiva ta' Malta, it-twaqqif ta' Assoċjazzjoni ta' Stati Mediterranji. Il-Konferenza ta' Marsilja ħeġġet li 'għandha tkompli tittieħed azzjoni simultanja sabiex tiġi stabbilita struttura ta' kooperazzjoni interparlamentari kif propost fid-Dokument Finali tat-Tieni Konferenza Interparlamentari dwar is-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fil-Mediterran, bil-ħsieb li tinħoloq, fit-tul, Assemblea Parlamentari tal-Mediterran' u 'tiġi stabbilita struttura interparlamentari kif propost fid-dokument tal-Belt Valletta (1995)' li tgawdi minn status superjuri, biex b'hekk jiġi istituzzjonalizzat il-proċess tas-CSCM.

Fi Frar 2005 saret ir-Raba' u l-aħħar Konferenza tas-CSCM f'Nafplion, il-Greċja. Waqt dik il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali tal-Istati tal-Mediterran iffinalizzaw u adottaw l-Istatuti tal-Assemblea Parlamentari u ddeċidew li jagħmlu l-ewwel laqgħa tal-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran (APM) f'Amman, il-Ġordan, fl-2006.

Waqt l-inawgurazzjoni tal-APM fl-10 u l-11 ta' Settembru tal-2006 f'Amman, il-Ġordan, Malta ntgħażlet b'mod unanimu sabiex tospita s-Segretarjat tal-APM f'Palazzo Spinola ġewwa San Ġiljan.

L-għan tal-Assemblea Parlamentari huwa li tipprovdi lill-Mediterran b'forum parlamentari uniku għalih u li tlaqqa', fuq l-istess livell, il-parlamenti nazzjonali ta' pajjiżi mal-kosta tal-Mediterran. Billi tindirizza kwistjonijiet ta' tħassib komuni li jrawmu u jtejbu aktar il-fiduċja bejn l-Istati Membri sabiex jiżguraw is-sigurtà u l-istabilità reġjonali u jippromwovu l-paċi, l-Assemblea taħdem sabiex tiżviluppa l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri fl-oqsma ta' azzjoni tagħha billi tippromwovi d-djalogu politiku u l-ftehim fost il-parlamenti kkonċernati.

L-APM hija organizzazzjoni reġjonali interstatali u Osservatur fl-istrutturi tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Magħquda. Fi żmien qasir, l-APM saret l-attur prinċipali

fid-diplomazija parlamentari fir-reġjun, u bl-impenn tagħha lejn il-prinċipji bażiċi u l-Karta tagħha tgawdi mis-sapport kontinwu li jagħtuha l-parlamenti membri.

Il-ħidma tal-Assemblea titwettaq minn tliet Kumitati Permanenti li jfasslu opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet. It-tliet kumitati huma:

- L-Ewwel Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni relatata mal-Politika u s-Sigurtà
- It-Tieni Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Ekonomika, Soċjali u Ambjentali
- It-Tielet Kumitat Permanenti dwar id-Djalogu fost iċ-Ċivilizzazzjonijiet u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Barra minn hekk, fil-bidu tal-2008, il-Kumitati Permanenti tal-Assemblea waqqfu għadd ta' gruppi ta' ħidma fil-forma ta' kumitati *ad hoc* u *task forces* speċjali.

Permezz tal-Mozzjoni Nru 27 tad-29 ta' April 2013 u tal-Mozzjoni Nru 212 tat-2 ta' Frar 2015, id-delegazzjoni parlamentari għall-Assemblea Parlamentari tal-Mediterran hija komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Membri** | Onor. Justyne Caruana, Kap tad-Delegazzjoni<br>Onor. Tonio Fenech<br>Onor. Joseph M. Sammut<br>Onor. Silvio Schembri<br>Onor. Stephen Spiteri |
| **Membri Sostituti** | Onor. Etienne Grech<br>Onor. Clyde Puli |

Id-dettalji tal-parteċipazzjoni tad-delegazzjoni fil-laqgħat tal-APM huma kif jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Frar | L-Onor. Justyne Caruana mexxiet delegazzjoni magħmula mill-Onor. Clyde Puli, l-Onor. Tonio Fenech, l-Onor. Etienne Grech u l-Onor. Joseph M. Sammut għas-*26 laqgħa tal-Bureau tal-APM,* għad-*Disa' Laqgħa tal-Kumitati Permanenti* u għad-*Disa' Sessjoni Plenarja tal-APM* li kollha saru f'Monako bejn it-2 u l-4 ta' Frar |
| Ġunju | L-Onor. Joseph M. Sammut ipparteċipa f'*laqgħa tat-Tieni Kumitat Permanenti* dwar *il-Kooperazzjoni Ekonomika, Soċjali u Ambjentali: Xjenza, Teknoloġija u Ambjent – Immaniġġar ta' Skart u Sigurtà tal-Ikel,* li saret f'Milan fil-11 u t-12 ta' Ġunju |
| Ottubru | L-Onor. Clyde Puli u l-Onor. Joseph M. Sammut attendew *Workshop reġjonali konġunt tal-UNODC/APM* dwar *Challenges posed by a preventive criminal justice response to terrorism and to foreign terrorist fighters*, li saret f'Bukarest fit-8 u d-9 ta' Ottubru<br><br>Fit-2 ta' Ottubru, l-Onor. Justyne Caruana f'isem l-APM, indirizzat it-*Tielet laqgħa tal-Grupp ta' Esperti Ewro-Mediterranju* bit-tema *A frame for a comprehensive understanding for water-energy-food nexus*, li saret f'Malta. |

### *3.2.5 L-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran*

L-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, li qabel kienet magħrufa bħala l-Assemblea Parlamentari Ewro-Mediterranja (APEM), hi magħmula minn 280 membru: 132 Membru mill-Unjoni Ewropea (83 Membru mit-28 parlament nazzjonali tal-Istati Membri

tal-Unjoni Ewropea – tlieta minn kull parlament apparti l-Ingilterra li għandha żewġ Membri – u 49 Membru mill-Parlament Ewropew), tmien Membri mill-pajjiżi sħab tal-Mediterran (tnejn minn kull delegazzjoni mill-Albanija, Bosnja Ħerżegovina, Monako u l-Montenegro), 130 Membru mill-għaxar pajjiżi fundaturi li jagħtu fuq il-kosta tal-Lvant u tan-Nofsinhar tal-Mediterran (l-Alġerija, l-Eġittu, il-Ġordan, l-Iżrael, il-Lebanon, il-Marokk, l-Awtorità Palestinjana, is-Sirja, it-Tuneżija u t-Turkija), u għaxar Membri mill-Parlament tal-Mawritanja.

L-Assemblea għandha ħames kumitati parlamentari li huma responsabbli għall-monitoraġġ ta' dawn l-aspetti tas-sħubija Ewro-Mediterranja:

- Il-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem
- Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, Affarijiet Soċjali u l-Edukazzjoni
- Il-Kumitat dwar it-Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja, Skambji bejn Soċjetajiet Ċivili u l-Kultura
- Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa fil-Pajjiżi Ewro-Mediterranji
- Il-Kumitat dwar l-Enerġija, l-Ambjent u l-Ilma.

L-Assemblea tista' tistabbilixxi gruppi ta' ħidma li l-membri u s-setgħat tagħhom jiġu determinati mill-*Bureau*.

L-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran hija istituzzjoni konsultattiva. Ir-riżoluzzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha jiffukaw fuq l-għanijiet u l-oqsma ta' kooperazzjoni tas-sħubija iżda ma jorbtux legalment. Fil-preżent, l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran hija d-dimensjoni parlamentari ewlenija tal-Unjoni għall-Mediterran, li assorbiet il-Proċess ta' Barċellona u ġiet imnedija uffiċjalment fis-*Summit* tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern ta' 43 pajjiż li sar f'Pariġi fit-13 ta' Lulju 2008.

Fit-28 ta' April 2010, il-Parlament Ewropew adotta l-Mozzjoni 2009/2215(INI) dwar l-Unjoni għall-Mediterran, li l-klawsola 37 tagħha 'tisħaq li l-għan tal-APEM huwa li ssir l-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran, li tiggarantixxi l-leġittimità demokratika tagħha, u tappoġġja l-proposta tas-Sitt Sessjoni Plenarja tal-APEM li saret f'Amman fit-13 u l-14 ta' Marzu 2010 u li l-isem tal-APEM għandu jinbidel f'Assemblea Parlamentari - Unjoni għall-Mediterran.'

Permezz tal-Mozzjoni Nru 29 tad-29 ta' April 2013, id-delegazzjoni parlamentari għall-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran kienet komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Membri** | Onor. Michael Falzon, Kap tad-Delegazzjoni<br>Onor. Ċensu Galea<br>Onor. Silvio Parnis |
| **Membri Sostituti** | Onor. Luciano Busuttil<br>Onor. Albert Fenech<br>Onor. Silvio Schembri |

| | |
|---|---|
| Jannar | L-Onor. Ċensu Galea attenda *laqgħa tal-Kumitat dwar it-Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja, Skambji bejn Soċjetajiet Ċivili u l-Kultura* li saret f'Barċellona fit-23 ta' Jannar<br><br>Fit-30 ta' Jannar, l-Onor. Michael Falzon attenda *laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Politiċi, is-Sigurtà u d-Drittijiet tal-Bniedem* li saret f'Barċellona |
| Mejju | L-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Ċensu Galea u l-Onor. Silvio Parnis, attendew il-*11-il Sessjoni Plenarja tal-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran* li nżammet f'Lisbona fit-12 ta' Mejju |

| | |
|---|---|
| Novembru | Fil-5 u s-6 ta' Novembru, l-Onor. Ċensu Galea pparteċipa f'*laqgħa tal-Kumitat dwar it-Titjib tal-Kwalità tal-Ħajja, Skambji bejn Soċjetajiet Ċivili u l-Kultura*, organizzata f'Ruma. |

### *3.2.6 L-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth*

L-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth (APC) hija assoċjazzjoni ta' Membri Parlamentari mill-pajjiżi tal-Commonwealth magħquda fl-interess komuni tagħhom, ir-rispett għall-istat tad-dritt u d-drittijiet u l-libertajiet individwali, u l-promozzjoni tal-ideali pożittivi tad-demokrazija parlamentari. L-APC taħdem fl-oqsma ta' governanza tajba, tad-demokrazija u l-elezzjonijiet, kif ukoll tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali lill-għarfien tal-ugwaljanza tas-sessi (għalhekk ġiet imwaqqfa l-fergħa tal-Commonwealth Women Parliamentarians) u tippromwovi l-għarfien dwar id-demokrazija parlamentari fost iż-żgħażagħ tal-Commonwealth. Din l-assoċjazzjoni ġiet imwaqqfa fl-1911 bħala l-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Imperu.

Il-missjoni tal-APC hija li tippromwovi l-avvanz tad-demokrazija parlamentari billi ssaħħaħ l-għarfien dwar gvernar demokratiku. L-APC tfittex li tibni komunità parlamentari infurmata, kapaċi li tapprofondixxi l-impenn demokratiku tal-Commonwealth u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-parlamenti tagħha.

Matul l-2015, Membri Parlamentari Maltin ħadu sehem f'dawn il-laqgħat tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth:

| | |
|---|---|
| Jannar | L-Onor. Tonio Fenech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Assoċjazzjoni tal-Kumitati tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth* (CAPAC) li saret f'Londra fid-19 u l-20 ta' Jannar |
| Frar | Bejn is-6 u t-8 ta' Frar, l-Onor. Justyne Caruana, l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Marlene Farrugia pparteċipaw f'*konferenza ta' Parlamentari Nisa tal-Commonwealth fil-Gżejjer Brittaniċi u r-Reġjun tal-Mediterran* li saret f'Ġibiltà. |
| April | L-Onor. Godfrey Farrugia attenda *laqgħa dwar il-Media u l-Parlament* li saret fl-Indja bejn is-7 u l-11 ta' April |
| | Bejn il-11 u s-27 ta' April, l-Onor. Mario Galea pparteċipa fil-*Missjoni ta' Osservazzjoni tal-APC tal-elezzjoni f'Anguilla* |
| Mejju | L-Onor. Carmelo Abela pparteċipa fil-*laqgħa ta' nofs is-sena tal-Kumitat Eżekuttiv tal-APC* li saret fil-Malasja bejn is-27 ta' April u t-3 ta' Mejju |
| | Bejn it-2 u l-10 ta' Mejju, l-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Toni Bezzina pparteċipaw fl-*Evalwazzjoni tal-Elezzjonijiet Ġenerali tar-Renju Unit* organizzat mill-fergħa tar-Renju Unit tal-APC f'Londra |
| | Bejn l-24 u s-27 ta' Mejju, l-Onor. Carmelo Abela, l-Onor. David Agius, l-Onor. Toni Bezzina, l-Onor. Justyne Caruana u l-Onor. Silvio Parnis ipparteċipaw fil-*45 Konferenza tal-Gżejjer Brittaniċi u r-Reġjun tal-Mediterran fi ħdan l-APC*, li saret f'Limassol |
| Ġunju | Bejn l-1 u l-4 ta' Ġunju, l-Onor. Tonio Fenech, l-Onor. Charles Mangion u l-Onor. Silvio Schembri pparteċipaw fil-Ħames Westminister Workshop bit-tema *Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi Effettivi, Indipendenti u Trasparenti għal Superviżjoni Finanzjarja Pubblika Robusta* li sar f'Malta |

| | |
|---|---|
| Ottubru | L-Onor. Carmelo Abela pparteċipa f'*laqgħa tal-Kumitat Eżekuttiv* li saret f'Londra bejn it-2 u l-5 ta' Ottubru<br><br>Fl-20 ta' Ottubru, l-Onor. Tonio Fenech ipparteċipa fil-*laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Assoċjazzjoni tal-Kumitati tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth* li saret f'Londra<br><br>Fit-22 ta' Ottubru, l-Onor. Justyne Caruana pparteċipat fil-*laqgħa tal-Kumitat ta' Tmexxija ta' Parlamentari Nisa tal-Commonwealth fil-Gżejjer Brittaniċi u r-Reġjun tal-Mediterran* li saret f'Londra |
| Novembru | Bejn it-30 ta' Novembru u l-4 ta' Diċembru, l-Onor. Antoine Borg ipparteċipa fl-*64 Seminar ta' Westminster dwar Prattiċi u Proċeduri Parlamentari* li sar f'Londra. |

### *3.2.7 L-Unjoni Interparlamentari*

L-Unjoni Interparlamentari (UIP) hija organizzazzjoni internazzjonali li ġiet imwaqqfa fl-1889 bħala forum li jiffaċilita n-negozjati multilaterali politiċi. Għal dan il-għan, din l-organizzazzjoni:

- trawwem il-kuntatti, il-koordinazzjoni u l-iskambju ta' esperjenzi bejn parlamenti u Parlamentari tal-pajjiżi kollha;
- tikkunsidra kwistjonijiet ta' interess u ta' tħassib internazzjonali u tesprimi l-fehmiet tagħha dwar tali kwistjonijiet sabiex tittieħed azzjoni mill-parlamenti u l-Membri Parlamentari;
- tikkontribwixxi għad-difiża u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem - fattur essenzjali tad-demokrazija u l-iżvilupp parlamentari; u
- tikkontribwixxi għal għarfien aħjar fil-ħidma tal-istituzzjonijiet rappreżentattivi u għat-tisħiħ u l-iżvilupp tal-mezzi ta' azzjoni tagħhom.

Il-Parlament Malti, flimkien mal-parlamenti ta' 165 pajjiż ieħor, huwa membru tal-UIP. L-UIP tappoġġja l-isforzi ta' u taħdem f'kooperazzjoni stretta man-Nazzjonijiet Magħquda u għandha status ta' Osservatur Permanenti fin-Nazzjonijiet Magħquda.

Wieħed mill-organi tal-UIP huwa l-Assemblea Parlamentari li hija magħmula minn deputati nominati bħala delegati mill-parlamenti tal-pajjiżi membri tal-Unjoni. L-Assemblea tiltaqa' darbtejn fis-sena u hija assistita minn numru ta' kumitati permanenti li ġeneralment jippreparaw rapporti u abbozzi ta' riżoluzzjonijiet.

F'Ottubru tal-2011, l-UIP adottat l-*Istrateġija għall-2012-2017 - Parlamenti aħjar, demokrazija aktar b'saħħitha*.

Permezz tal-Mozzjoni Nru 26 tad-29 ta' April 2013 u tal-Mozzjoni Nru 215 tad-9 ta' Frar 2015, id-delegazzjoni parlamentari għall-Unjoni Interparlamentari kienet komposta kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Membri** | Onor. Godfrey Farrugia, Kap tad-Delegazzjoni<br>Onor. Michael Gonzi |
| **Membri Sostituti** | Onor. Joseph M. Sammut<br>Onor. Stephen Spiteri |

Matul l-2015, l-Onor. Godfrey Farrugia u l-Onor. Francis Zammit Dimech ipparteċipaw fil-132 Laqgħa tal-Unjoni Interparlamentari li saret f'Hanoi, Vjetnam, bejn it-28 ta' Marzu u l-1 ta' April.

### *3.2.8 L-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa*

L-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE PA) kienet imwaqqfa wara deċiżjoni tal-Konferenza għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa meħuda fil-Kunsill Ministerjali ġewwa Berlin fl-1991. L-ewwel sessjoni formali tal-Assemblea Parlamentari kienet f'Budapest f'Lulju tal-1992. Fil-preżent, l-Assemblea Parlamentari tal-OSCE hija magħmula minn 323 membru ġejjin minn 56 parlament, inkluż il-Parlament Malti.

L-għan tal-Assemblea Parlamentari tal-OSCE huwa li tiffaċilita d-djalogu interparlamentari li huwa aspett importanti tal-isforz ġenerali biex jingħelbu l-isfidi tad-demokrazija madwar iż-żona tal-OSCE. L-Assemblea Parlamentari tal-OSCE toffri forum għal negozjati politiċi u teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma ta' twissija bikrija, prevenzjoni ta' konflitti, maniġġar ta' kriżijiet u riabilitazzjoni ta' wara kunflitt, u tpoġġi r-rieda politika tal-istati membri tagħha fil-prattika permezz ta' netwerk uniku ta' missjonijiet tal-OSCE.

Permezz tal-Mozzjoni Nru 28 approvata mill-Kamra fid-29 ta' April 2013, tal-Mozzjoni Nru 131 tas-7 ta' Mejju 2014 u tal-Mozzjoni Nru 213 tat-2 ta' Frar 2015, il-Parlament Malti kien rappreżentat fl-Assemblea Parlamentari tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa kif ġej:

| | |
|---|---|
| **Membri** | Onor. Godfrey Farrugia, Kap tad-Delegazzjoni<br>Onor. Frederick Azzopardi<br>Onor. Emanuel Mallia |
| **Membri Sostituti** | Onor. Jason Azzopardi<br>Onor. Luciano Busuttil<br>Onor. Michael Falzon |

Il-Membri tad-delegazzjoni Maltijia għall-Assemblea Parlamentari tal-OSCE pparteċipaw f'dawn il-laqgħat:

| | |
|---|---|
| Frar | L-Onor. Godfrey Farrugia mexxa delegazzjoni magħmula mill-Onor. Frederick Azzopardi u l-Onor. Marlene Farrugia għal-*Laqgħa tax-Xitwa tal-Assemblea Parlamentari tal-OSCE* li saret bejn it-18 u l-20 ta' Frar fi Vjenna |
| Lulju | L-Onor. Godfrey Farrugia mexxa delegazzjoni magħmula mill-Onor. Anthony Agius Decelis u l-Onor. Frederick Azzopardi għall-*24 Sessjoni Annwali tal-Assemblea Parlamentari tal-OSCE* li saret bejn il-5 u d-9 ta' Lulju f'Ħelsinki |
| Settembru | Bejn il-15 u t-18 ta' Settembru, l-Onor. Michael Falzon mexxa delegazzjoni magħmula mill-Onor. Frederick Azzopardi u l-Onor. Franco Mercieca għal-*Laqgħa tal-Ħarifa tal-Assemblea Parlamentari tal-OSCE*, li saret f'Ulaanbaatar, il-Mongolja. |

### *3.2.9 Laqgħat Oħra*

| | |
|---|---|
| April | L-Onor. Joseph M. Sammut attenda l-*Forum Globali kontra d-Delitt tal-Ġenoċidju*, organizzat f'Jerevan, l-Armenja, bejn il-21 u l-24 ta' April |
| Settembru | L-Onor. Francis Zammit Dimech attenda l-*25 Forum Ekonomiku* organizzat mill-Istitut għall-Istudji tal-Lvant ġewwa l-Polonja bejn it-8 u l-10 ta' Settembru |

| | |
|---|---|
| Ottubru | Bejn is-27 u d-29 ta' Ottubru, l-Onor. Tonio Fenech ipparteċipa fid-Disa' Konferenza u Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Assoċjazzjoni tal-Afrika tal-Lvant tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi li saret f'Khartoum, is-Sudan. |

## *3.3 Żjarat u Konferenzi organizzati mill-Parlament ta' Malta*

### *3.3.1 Żjara minn Delegazzjoni Parlamentari tar-Repubblika tal-Korea*

Fis-16 ta' Marzu, l-Ispeaker Anġlu Farrugia laqa' delegazzjoni mill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Korea, magħmula minn erba' Membri Parlamentari li jifformaw parti mill-Grupp Konġunt ta' Ħbiberija Parlamentari bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta li kienet Malta fuq żjara uffiċjali.

Iż-żewġ partijiet iddiskutew kwestjonijiet ta' interess komuni, inkluż, *inter alia*, it-tisħiħ tar-relazzjonijiet bilaterali u l-attività ekonomika bejn iż-żewġ pajjiżi. Għamlu wkoll referenza għall-possibilità li studenti Koreani jiġu jistudjaw fil-MEDAC fl-Università ta' Malta. Iż-żewġ naħat tkellmu dwar l-assistenza reċiproka li ngħatat is-sena li għaddiet matul il-kriżi tal-Libja u ddiskutew il-bżonn ta' aktar kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali. Għamlu wkoll referenza għall-preparamenti li kienu għaddejjin relatati maċ-ċelebrazzjonijiet maħsuba għall-50 anniversarju minn mindu bdew ir-relazzjonijiet diplomatiċi bejn Malta u r-Repubblika tal-Korea fit-30 ta' April tal-1965.

L-Ispeaker tkellem dwar il-parteċipazzjoni tiegħu fil-laqgħat tal-Koalizzjoni ta' Membri Parlamentari Internazzjonali għar-Refuġjati tal-Korea ta' Fuq u Drittijiet Umani mmexxija minn Membri tal-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika tal-Korea, liema laqgħat saru f'Varsavja, il-Polonja, f'Awwissu 2013 u f'Bukarest, ir-Rumanija, f'Awwissu 2014.

Id-delegazzjoni parlamentari tar-Repubblika tal-Korea kienet magħmulna mis-Sinj. Myeong Sook Han, is-Sinj. Mi-Kyoung Chung, is-Sur Chul Ho Hong, is-Sur Sung Ju Kim u s-Sur Dong Chan Kim. Is-Sur Sung Hwan Moon, *Counsellor* fl-Ambaxxata tar-Repubblika tal-Korea f'Ruma, kien qiegħed jakkumpanja d-delegazzjoni. L-Onor. Silvio Parnis, l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. David Agius, l-Onor. George Pullicino u l-Onor. Francis Zammit Dimech, li jifformaw parti mill-Grupp Konġunt ta' Ħbiberija Parlamentari bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta, u l-Onor. Luciano Busuttil, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej, kienu preżenti għal din il-laqgħa. Kienu preżenti wkoll l-ET Mark Spiteri, l-Ambaxxatur ta' Malta għar-Repubblika tal-Korea, u s-Sur Matthew E. Sullivan, Konslu Onorarju tar-Repubblika tal-Korea għal Malta.

### *3.3.2 Żjara minn delegazzjoni mill-Kunsill Leġiżlattiv tal-Istat ta' Victoria, l-Awstralja*

Fid-29 ta' April, l-Ispeaker Anġlu Farrugia, il-*Whip* tal-Gvern l-Onor. Godfrey Farrugia, il-*Whip* tal-Oppożizzjoni l-Onor. David Agius, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Joseph Cassar u l-Onor. George Pullicino, Membri tal-Grupp Konġunt ta' Ħbiberija Parlamentari bejn Malta u l-Awstralja, irċevew żjara ta' korteżija mill-Onor. Bruce Atkinson, President tal-Kunsill Leġiżlattiv tal-Istat ta' Victoria fl-Awstralja, u l-Onor. Wendy Lovell MLC, *Whip* tal-Oppożizzjoni fi ħdan il-Kunsill.

F'din il-laqgħa ġew sottolineati r-relazzjonijiet eċċellenti u r-rabtiet mill-qrib li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi. Saret ukoll referenza għal-laqgħat bilaterali li saru mill-bidu ta' din il-Leġiżlatura, inkluż żjara ta' korteżija mill-Grupp Konġunt ta' Ħbiberija Parlamentari f'Lulju tal-2013 u ż-żjarat fl-Awstralja tal-Ispeaker Anġlu Farrugia f'Settembru 2013 u f'Jannar 2014. Il-membri preżenti għamlu wkoll referenza għall-Ħames Westminster Workshop tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth li nżamm f'Malta f'Ġunju 2015 u għal-laqgħa tal-Kapijiet tal-Gvernijiet tal-Commonwealth (CHOGM) li kellha ssir f'Malta f'Novembru 2015.

Il-Membri ddiskutew diversi kwestjonijiet oħra relatati mal-immigrazzjoni; l-użu tat-tekonoloġija u l-*media* sabiex jiġu mtejba r-rabtiet bejn iż-żewġ pajjiżi; kollaborazzjoni fil-qasam tal-isport; liġi Awstraljana reċenti li potenzjalment jista' jkollha impatt negattiv fuq il-pensjonanti Awstraljani li jgħixu f'Malta u li jistgħu jiddeċiedu li jmorru lura fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom għal perjodu twil; kif ukoll l-importanza li Malta tiġi promossa bħala pjattaforma fejn il-kumpaniji Awstraljani jistgħu jistabbilixxu l-operat tagħhom fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

### *3.3.3 Żjara mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati tar-Rumanija*

Fid-29 ta' April, l-Ispeaker Anġlu Farrugia laqa' delegazzjoni mill-Kamra tad-Deputati tar-Rumanija, immexxija mill-President Valeriu Ștefan Zgonea u magħmula mid-Deputat Mihai Diaconu, id-Deputat Gliga Vasile, is-Senatur Rozalia Biro u d-Direttur Ġenerali tal-Kabinett tal-Ispeaker, is-Sinj. Adelina Palade. Iż-żewġ partijiet irrimarkaw li Malta u r-Rumanija jgawdu relazzjonijiet bilaterali eċċellenti, b'mod partikolari mit-twaqqif tar-relazzjonijiet diplomatiċi fl-1968 li mbagħad komplew jissaħħu bis-sħubija ta' Malta u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea.

L-Ispeaker Farrugia qal li l-momentum li nkiseb fil-kummerċ bilaterali jista' jkompli jitjieb u li ż-żewġ partijiet jistgħu jesploraw modi ta' kollaborazzjoni fi kwestjonijet relatati mal-edukazzjoni u t-turiżmu. Iż-żewġ partijiet qablu li għandu jitħejja *Memorandum of Understanding* bejn il-parlamenti ta' Malta, tar-Rumanija u ta' pajjiż Balkan tal-Punent, possibbilment l-Albanija. L-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li Malta lesta li tagħti l-assistenza teknika kollha neċessarja lir-Rumanija fl-isforzi tagħha sabiex tikkwalifika għas-sħubija fiż-Żona Schengen filwaqt li l-President Stefan Zgonea qal li r-Rumanija se tkun ta' appoġġ għall-isforzi ta' Malta biex jiġu indirizzati l-problemi tal-immigrazzjoni irregolari u t-traffikar tal-bnedmin fil-Mediterran.

### *3.3.4 Żjara mill-Ispeaker tal-Parlament tal-Georgia*

Fl-20 ta' Mejju, l-Ispeaker Anġlu Farrugia rċieva żjara ta' korteżija mill-President tal-Parlament tal-Georgia David Usupashvili. Iż-żewġ dinjitarji tkellmu dwar ir-relazzjonijiet eċċellenti bejn Malta u l-Georgia, bl-Ispeaker Farrugia jinnota li Malta kienet fost l-ewwel pajjiżi li rratifikat il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni tal-Georgia mal-Unjoni Ewropea. Innota wkoll kemm huwa importanti li jkun hemm kollaborazzjoni bejn stati żgħar bħal Malta u l-Georgia, u żied jgħid li Malta lesta li taqsam l-esperjenza li gwadanjat fl-aħħar għaxar snin mis-sħubija tagħha fl-Unjoni Ewropea. L-Onor. David Usupashvili rrimarka li l-iskambji fuq livell parlamentari dwar kwestjonijiet ta' interess reċiproku huma ideali biex tingħata iżjed spinta lill-ħidma mwettqa mill-Eżekuttiv fuq tali kwestjonijiet. Iż-żewġ partijiet qablu li f'dan l-istadju, il-pass li jmiss huwa li jitwaqqaf grupp ta' ħbiberija parlamentari bejn Malta u l-Georgia biex iż-żewġ naħat ikollhom pożizzjoni komuni fuq kwestjonijiet ta' interess komuni, b'mod partikolari issa li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Unjoni Ewropea ġie ratifikat.

### *3.3.5 Żjara minn Delegazzjoni tal-Kungress Popolari Nazzjonali taċ-Ċina*

L-Ispeaker Anġlu Farrugia laqa' delegazzjoni mill-Kungress Popolari Nazzjonali taċ-Ċina, immexxija mill-Viċi President tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-President tal-Grupp ta' Ħbiberija bejn il-Kungress Popolari Nazzjonali taċ-Ċina u l-Parlament Ewropew. Matul din il-laqgħa, id-delegati ddiskutew ir-relazzjonijiet tajba li jeżistu bejn iż-żewġ pajjiżi li jmorru lura għall-1972. Iż-żewġ partijiet iddiskutew kwestjonijiet ta' interessi komuni, inkluż il-Pjan ta' Kooperazzjoni kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn il-parlamenti taż-żewġ pajjiżi. L-istess delegazzjoni ltaqgħet mad-Deputy Speaker l-Onor. Ċensu Galea, akkumpanjat mid-Deputy Whip tal-Gvern l-Onor. Deborah Schembri u l-Iskrivan tal-Kamra s-Sur Raymond Scicluna.

### 3.3.6 Żjara mill-Grupp ta’ Ombudsman għas-Settur Pubbliku

Fil-5 ta’ Novembru, l-Ispeaker Anġlu Farrugia ppresjeda laqgħa tal-Grupp ta’ Ombudsmen għas-Settur Pubbliku li nżammet fil-bini tal-Parlament. Fid-diskors tal-ftuħ, l-Ispeaker enfasizza l-importanza tar-responsabilità u t-trasparenza li għandhom rwol importanti fil-ħajja ta’ kull amministratur, b’mod partikolari ta’ dawk li r-responsabilità ewlenija tagħhom hija li jiddefendu liċ-ċittadin mill-abbuż ta’ poter u amministrazzjoni ħażina. Għal din ir-raġuni, l-Ombudsmen, fost affarijiet oħra, huma imprezzabbli għall-parlamenti rispettivi tagħhom fl-iskrutinju tal-Eżekuttiv.

### 3.3.7 Żjara ta’ Korteżija mis-Segretarju Ġenerali tal-OSCE

Fid-9 ta’ Novembru, l-Ispeaker Anġlu Farrugia rċieva żjara ta’ korteżija mis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE) Lamberto Zannier. Iż-żewġ dinjitarji enfasizzaw il-kontribuzzjoni ta’ Malta fi ħdan l-OSCE minn minnu twaqqfet, b’mod partikolari fit-Taqsima dwar il-Mediterran fl-Att Finali ta’ Ħelsinki fl-1975. Qalu wkoll li huwa importanti li jiġi maħtur Rappreżentant Speċjali għall-Mediterran fid-dawl tal-avvenimenti reċenti fir-reġjun tan-Nofsinhar. Kwestjonijiet oħra ta’ interess komuni li ġew diskussi kienu l-problema tal-migrazzjoni, it-terroriżmu u d-drittijiet umani. Is-Sur Zannier, li kien maħtur Segretarju Ġenerali tal-OSCE fl-1 ta’ Lulju 2011, kien akkumpanjat mis-Sur Emiliano Alessandri mit-Taqsima tal-Kooperazzjoni Esterna fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll l-Ambaxxatur ta’ Malta għall-OSCE, is-Sur Keith Azzopardi.

## 4. ASSOĊJAZZJONI TA' MEMBRI PARLAMENTARI ANZJANI (*EX-*MEMBRI)

Matul l-2015, l-Assoċjazzjoni ta' Membri Parlamentari Anzjani tal-Kamra tad-Deputati ltaqgħet diversi drabi. Din l-Assoċjazzjoni Maltija hija wkoll membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Membri Parlamentari Anzjani tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa sa mill-2006.

L-għan prinċipali tal-Assoċjazzjoni Ewropea huwa li tippromwovi l-ideal Ewropew mibni fuq libertajiet individwali u politiċi, is-supremazija tal-liġi tad-demokrazija vera, kif ukoll li tikkontribwixxi fil-kostruzzjoni Ewropea. Biex jintlaħaq dan il-għan, l-Assoċjazzjoni taħdem sabiex il-pubbliku inġenerali jifhem aħjar ix-xogħol tal-istituzzjonijiet Ewropej filwaqt li torganizza laqgħat u djalogi sabiex ikunu eżaminati l-problemi ewlenin tas-soċjetà. Ir-rapporti ta' kull kollokju tal-Assoċjazzjoni Ewropea jiġu mgħoddija lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-istituzzjonijiet Ewropej.

Fl-20 ta' Marzu, is-Sur Lino Debono u Dr Manuel Borda attendew għal laqgħa tal-*Bureau* u tal-Assemblea Ġenerali tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Membri Parlamentari Anzjani tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa li saret f'Pariġi. Id-delegazzjoni pparteċipat b'mod attiv fid-diskussjoni u ressqet riżoluzzjoni ta' denunzja kontra l-attakki terroristiċi li saru fi Brussell, Copenhagen, Pariġi u Tunis. Id-diskussjoni ffokat fuq kwestjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-libertà tad-drittjiet u d-dmirijiet.

Bejn il-11 u l-14 ta' Ġunju, is-Sur Lino Debono u Dr Noel Buttigieg Scicluna pparteċipaw f'laqgħa tal-*Bureau* li saret f'Madeira fejn urew is-sapport tagħhom għall-proposta tal-Ġermanja dwar *Immigration as a challenge for European solidarity and enlightened self-interest*.

Bejn it-8 u l-10 ta' Ottubru, is-Sur Lino Debono u Dr Francis Agius ipparteċipaw f'seminar u laqgħa tal-*Bureau* tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Membri Parlamentari Anzjani fi Vjenna. L-aġenda kienet tiffoka fuq l-irwol tas-sistema politika awtonoma tal-Madeira u tal-Azores fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Fil-25 ta' Novembru, l-Assoċjazzjoni Maltija ta' Membri Parlamentari Anzjani nnominat lis-Sur Lino Debono, Segretarju Onorarju tal-istess Assoċjazzjoni, bħala kandidat għall-presidenza tal-Assoċjazzjoni Ewropea ta' Membri Parlamentari Anzjani tal-Istati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa. L-elezzjoni għal din il-kariga għandha ssir fil-bidu tal-2016.

## 5. ATTIVITAJIET OĦRA

### *5.1 Task Force Internazzjonali tal-Forum taż-Żgħażagħ tal-Commonwealth*

Fis-17 ta' Marzu l-Ispeaker Anġlu Farrugia laqa' numru ta' delegati mit-*Task Force* Internazzjonali responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Forum taż-Żgħażagħ tal-Commonwealth (CHOGM) li jiġi organizzat fil-marġini tal-Laqgħa tal-Kapijiet tal-Gvern ta' pajjiżi fil-Commonwealth, li kien organizzat f'Malta mis-27 sad-29 ta' Novembru ta' din is-sena.

Matul il-laqgħa, id-diskussjoni kienet iffukata fuq kif Membri Parlamentari żgħażagħ jistgħu jkunu involuti fil-Forum taż-Żgħażagħ tal-Commonwealth.

Għal din il-laqgħa li nżammet fil-Parlament, minbarra s-Segretarju Parlamentari għar-Riċerka, l-Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, l-Onor. Chris Agius, ipparteċipaw ukoll numru ta' Membri Parlamentari.

### *5.2 Ftuħ uffiċjali tal-bini l-ġdid tal-Parlament*

Iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-bini l-ġdid tal-Parlament seħħet fl-4 ta' Mejju quddiem il-binja tal-Parlament, fl-entratura tal-Belt Valletta. L-attività bdiet billi l-Ispeaker Anġlu Farrugia, flimkien mal-Membri Parlamentari, inġabru fis-Sala fil-Palazz tal-Gran Mastri li serviet bħala l-post fejn kienet tiltaqa' l-Kamra tad-Deputati sa mill-1976, u flimkien imxew tul Triq ir-Repubblika lejn il-binja l-ġdida tal-Parlament, akkumpanjati mill-banda tal-Pulizija.

F'ċerimonja simbolika quddiem il-binja l-ġdida tal-Parlament, ir-responsabilità għas-sigurtà tal-Parlament għaddiet mingħand il-Forzi Armati ta' Malta għal għand il-Korp tal-Pulizija. Fid-daħla tal-binja, l-Ispeaker Anġlu Farrugia u l-President ta' Malta, l-ET Marie Louise Coleiro Preca, kixfu plakka kommemorattiva. Fid-diskors tal-okkażjoni, l-Ispeaker Farrugia qal li din kienet l-ewwel darba fl-istorja ta' pajjiżna li l-Parlament kellu l-bini tiegħu stess li minnu seta' jwettaq ix-xogħol tiegħu, u ddeskriva dan l-avveniment bħala pass importanti lejn l-awtonomija sħiħa tal-Parlament. Il-President Coleiro Preca tenniet li "din l-inawgurazzjoni tissimbolizza mument storiku fl-istorja tal-Parlament Malti". Waqt li enfasizzat il-ħtieġa għal rispett bejn il-Membri Parlamentari, hija qalet li l-Parlament għandu jkun il-vuċi ta' kulħadd, inkluż tal-gruppi ta' minoranza.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ kienet segwita minn seduta parlamentari li ġiet *video-streamed live* fuq il-websajt tal-Parlament u għall-ewwel darba ġiet imxandra fuq il-kanal tat-televiżjoni tal-Parlament. Minn dakinhar, is-seduti kollha parlamentari bdew jiġu trasmessi b'mod dirett fuq stazzjon dedikat għall-Parlament. Il-laqgħat tal-kumitati parlamentari huma wkoll imxandra, iżda mhux b'mod dirett, fuq il-kanal tat-televiżjoni tal-parlament.

### *5.3 EkoSkola*

Fis-27 ta' Mejju, aktar minn 150 student minn skejjel differenti ħadu sehem fil-ħdax-il sessjoni parlamentari ta' EkoSkola li nżammet fis-Sala tal-Parlament. Din is-sessjoni kienet ippreseduta mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onor. Anġlu Farrugia. B'għarfien sħiħ li l-miri deċiżi mill-mexxejja dinjija kienu marbuta biż-żmien u li kienu waslu biex jagħlqu, l-istudenti qajmu tħassib dwar l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju. L-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb, l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-eradikazzjoni tal-faqar estrem u l-ġuħ kienu fost is-suġġetti li ġew diskussi. L-istudenti ħeġġew lill-Membri

Parlamentari preżenti sabiex jieħdu l-passi neċessarji ħalli titjieb il-kwalità tal-ħajja tan-nies madwar id-dinja, b'mod partikolari dik tat-tfal.

L-Ispeaker Farrugia qal li l-ħidma favur il-paċi għandha tkun il-pedament jekk verament nemmnu li rridu nindirizzaw il-problemi u l-kriżijiet li qed jiffaċċjaw diversi persuni madwar id-dinja, l-aktar dawk li qed isofru l-faqar. Numru ta' membri parlamentari pparteċipaw f'din l-attività annwali.

## *5.4 Rapport tal-Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq id-Dijabete*

Fis-27 ta' Mejju l-Grupp ta' Ħidma Parlamentari fuq id-Dijabete ppreżenta rapport eżekuttiv bl-isem *'Prevention and Healthy Living with Diabetes'* bħala kontribut lejn il-Politika Nazzjonali dwar id-Dijabete. Ir-rapport huwa b'żieda mar-rapport '*Health Choices'* ippubblikat mill-istess Grupp ta' Ħidma f'Ottubru 2014 u huwa r-riżultat ta' proċess konsultattiv li sar ma' diversi partijiet interessati, inkluż akkademiċi, professjonisti mediċi, il-komunità kummerċjali u persuni dijabetiċi stess matul it-tlettax-il laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma.

Il-Grupp ta' Ħidma jemmen li għandu jkun hemm politika li taħseb għall-prevenzjoni tad-dijabete għal persuni li jistgħu jbatu minn din il-kundizzjoni; għandu jingħata trattament f'waqtu lil kull pazjent; li għandu jkun hemm approċċ koordinat bejn il-professjonisti tas-saħħa; u li jiġi żgurat il-potenzjal sħiħ tal-ispejjeż għat-trattament sabiex itejbu l-ħajja ta' persuni dijabetiċi. Ir-rapport jipproponi suġġerimenti maħsuba biex jottimizzaw inizjattivi li jipprovdu appoġġ ħolistiku permezz ta' sistema ta' kura tas-saħħa li qed tevolvi, iggwidata mill-aħjar prattiki.

## *5.5 Westminster Workshop tal-Kumitati dwar il-Kontijiet Pubbliċi*

Fl-1 ta' Ġunju, l-Ispeaker Anġlu Farrugia fetaħ il-Ħames *Westminster Workshop* dwar l-iskrutinju finanzjarju tal-infiq pubbliku, li kien organizzat f'Malta mill-Fergħa tar-Renju Unit tal-Assoċjazzjoni Parlamentari tal-Commonwealth (CPA) u l-Parlament ta' Malta. Din kienet l-ewwel darba li tali laqgħa nżammet barra mir-Renju Unit.

CAPAC hu ddiżinjat sabiex joffri sapport lejn ix-xogħol tal-kumitati tal-kontijiet pubbliċi, li jippromwovi l-governanza tajba u jimplimenta d-dikjarazzjoni fi ħdan dawn il-kumitati li tinsab fil-*communiqué* tal-Laqgħa tal-Kapijiet tal-Pajjiżi tal-Commonwealth (CHOGM) f'Novembru tal-2013: "Il-Kapijiet tal-Gvern komplew jikkonfermaw li s-sorveljanza parlamentari b'saħħitha u indipendenti għandha rwol importanti fil-preservazzjoni tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-integrità tal-gvern, permezz tal-kumitati tal-kontijiet pubbliċi li huma effettivi, indipendenti u trasparenti."

Il-parteċipanti fil-*Workshop* ħadu sehem f'sessjonijiet differenti dwar ix-xogħol tal-kumitati tal-kontijiet pubbliċi u approvaw ukoll il-Kostituzzjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kumitati tal-Kontijiet Pubbliċi tal-Commonwealth (CAPAC). L-Onor. Tonio Fenech, Chairperson tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-Parlament Malti, kien elett l-ewwel President tal-Kumitat Eżekuttiv tal-CAPAC. Is-sessjoni tal-għeluq ta' dan il-*Workshop* inżammet fis-sala plenarja tal-Parlament Malti.

## *5.6 Kommemorazzjoni tas-Sette Giugno*

Bħal kull sena, il-Parlament ta' Malta ċċelebra l-ġrajjiet tas-*Sette Giugno* b'ċerimonja li din is-sena nżammet fil-5 ta' Ġunju, quddiem il-monument tas-*Sette Giugno* li jinsab fil-ġonna ta'

Hastings. Waqt id-diskors tiegħu, l-Ispeaker Anġlu Farrugia tkellem dwar ir-rabta bejn l-avvenimenti li seħħew fl-1919 u l-istorja tal-Parlament Malti u esprima l-fehma tiegħu li l-monument tas-*Sette Giugno* għandu jiġi rilokat eqreb lejn il-bini tal-Parlament.

L-Ispeaker ta rendikont tal-avvenimenti li seħħew fis-7 ta' Ġunju 1919, kif ġew irrapportati fid-diversi inkjesti li kienu saru dak iż-żmien, u l-mod ta' kif, riżultat tagħhom, żvolġiet l-istorja politika f'Malta. Waqt li saħaq li l-poplu Malti ma kienx jistħoqqlu jgħaddi minn dawk l-affarijiet, qal li l-istorja għandha tgħallimna kif nistgħu mmexxu aħjar, b'iktar trasparenza u kontabilità. L-Ispeaker qal li jinsab sodisfatt bl-avvanz li għamel il-Parlament Malti f'din l-aħħar sena, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll fuq dak internazzjonali u temm jgħid li kull min jiġi elett fil-Parlament Malti jew jaħdem f'din l-istituzzjoni, jenħtieġ li jkompli jagħmel ħiltu biex jintlaħqu t-tamiet u l-aspettattivi tal-poplu Malti.

### *5.7 Open days fil-Parlament*

Is-Sibt, 6 ta' Ġunju u l-Ħadd, 7 ta' Ġunju, il-Parlament kien miftuħ għall-pubbliku li xtaq iżur il-binja l-ġdida tal-Parlament biex jara mill-qrib il-faċilitajiet li toffri, u jsir jaf iktar dwar il-ħidma li ssir f'din l-Istituzzjoni. F'dawn il-jumejn, il-pubbliku kellu wkoll l-opportunità jara l-wirja ta' xogħlijiet magħmula minn residenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Fis-6 ta' Ġunju, l-Ispeaker nieda wkoll ktieb bl-isem *Winning People's Hearts*, xogħol ta' Paul A. Bartolo, li jittratta d-demokrazija f'Malta u li jinkludi analiżi tal-kampanja elettorali li wasslet għall-elezzjoni ġenerali tal-2013.

### *5.8 Konferenza tal-MaltMUN 2015*

Bejn it-18 u l-20 ta' Settembru nżammet f'Malta l-ewwel konferenza internazzjonali tas-Soċjetà MaltMUN. L-iskop tal-MaltMUN huwa li torganizza laqgħat bħal dawk tan-Nazzjonijiet Magħquda li fihom jieħdu sehem studenti tal-Università. Din is-sena, it-tema tal-Konferenza kienet *"Lives Adrift: Fighting the Exploitation of Irregular Immigrants*" li ntlaqgħet tajjeb mid-delegati li għalihom kienet sfida, kif ukoll katalista tajba għal sessjoni li qanqlet il-ħsieb u pprovdiet diskussjoni stimulanti. Fost it-temi diskussi kienu l-problemi li jiffaċċjaw immigranti, id-dilemmi tal-mexxejja, u l-bini ta' pontijiet bejn kulturi differenti. Il-laqgħat tal-kumitati ta' din il-Konferenza nżammu fil-binja tal-Parlament.

L-Ispeaker indirizza l-parteċipanti ta' din il-Konferenza waqt iċ-ċerimonja tal-għeluq fejn għamel referenza għall-prinċipji li tippromwovi n-Nazzjonijiet Magħquda. L-Ispeaker tkellem dwar il-problema tal-immigrazzjoni u saħaq dwar l-importanza tar-rwol tal-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati. Fi tmiem il-konferenza, id-delegati ppreżentaw lill-Ispeaker ir-riżoluzzjonijiet li ġew adottati fiż-żewġ kumitati. Min-naħa tiegħu, l-Ispeaker qal illi huwa kien ser jgħaddi dawn ir-riżoluzzjonijiet lill-Membri Parlamentari.

### *5.9 Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ*

Fit-22 ta' Settembru ġiet organizzata l-edizzjoni annwali tal-2015 tal-Parlament Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Din hija attività organizzata mill-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ li issa għandha post fil-kalendarju tal-Parlament, fejn żgħażagħ ta' bejn it-13 u l-35 sena jkollhom l-opportunità li jiddibattu numru ta' temi magħżula mill-parteċipanti stess. Fis-sessjoni għal żgħażagħ ta' bejn it-13 u t-18-il sena, it-temi li ġew magħżula għal din is-sena kienu l-ugwaljanza, Viżjoni Għawdex u mezzi alternattivi ta' trasport, filwaqt li l-immigrazzjoni, l-apatija fost iż-żgħażagħ u d-dritt tal-ħajja ġew magħżula miż-żgħażagħ ta' bejn id-19 u l-35 sena.

Is-sessjoni tal-2015 tal-Parlament taż-Żgħażagħ, li nżammet fis-sala tal-Parlament, kienet ippreseduta mid-Deputy Speaker, l-Onor. Ċensu Galea. Il-Prim Ministru u diversi Membri Parlamentari miż-żewġ naħat tal-Kamra, ħadu sehem f'din l-attività.

## *5.10 Forum dwar il-futur tas-setturi kulturali u kreattivi*

Nhar it-28 ta' Settembru ġie organizzat l-ewwel forum kulturali mill-Kunsill Malti għall-Arti, liema forum nżamm fil-binja tal-Parlament. Wara li saret sejħa pubblika, 13-il organizzazzjoni laqgħu l-istedina tal-Kunsill Malti għall-Arti biex jiddiskutu l-viżjoni tagħhom għas-setturi kulturali u kreattivi sas-sena 2020. Dan il-forum kien ippresedut mill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, l-Onor. Anġlu Farrugia, u pparteċipaw ukoll Membri miż-żewġ naħat tal-Kamra.

Għal dan il-forum attendew għaqdiet u assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw setturi differenti fl-oqsma tal-wirt kulturali, l-arti, il-*media* u s-servizzi kreattivi, bħad-disinn u l-arkitettura. Il-forum iddiskuta erba' temi li dwarhom l-għaqdiet magħżula ngħataw l-opportunità li jippreżentaw il-ħsibijiet u l-viżjoni tagħhom. It-temi li ġew diskussi kienu: il-kultura fil-qalba tal-komunità; id-diversità u l-aċċess kulturali; l-edukazzjoni kreattiva; u l-professjonalizzazzjoni tal-oqsma kulturali u kreattivi.

Fid-diskors tal-għeluq tiegħu, l-Ispeaker Farrugia tkellem dwar iċ-ċentralità tal-attivitajiet kulturali u kreattivi fil-ħajja tagħna ta' kuljum u l-importanza li dawn is-setturi għandhom ukoll għall-ekonomija Maltija. L-Ispeaker irrefera wkoll għall-Kapitali Ewropea tal-Kultura 2018 li għandha sservi bħala espressjoni viżibbli tal-kultura Maltija.

## *5.11 Notte Bianca*

Fil-lejla tat-3 ta' Ottubru, il-bibien tal-Parlament infetħu għall-pubbliku bħala parti mill-attivitajiet tan-*Notte Bianca* meta l-Belt Valletta tinxtegħel għal ċelebrazzjoni ta' nies, kultura u arti. Din kienet l-ewwel sena li l-binja l-ġdida tal-Parlament kienet miftuħa għall-pubbliku għall-attività tan-*Notte Bianca* u iktar minn 6,000 persuna żaru l-post fi spazju ta' seba' sigħat.

Il-viżitaturi setgħu jaraw il-wirja dwar il-proġett ta' Bieb il-Belt li ġiet imtella' mill-uffiċċju tal-Perit Renzo Piano li kien responsabbli għad-diżinn tal-proġett ta' Bieb il-Belt, inkluż il-binja l-ġdida tal-Parlament. Din il-wirja inkludiet numru ta' ritratti kif ukoll mudelli li juru fażijiet differenti tal-proġett. Wirja oħra li ttellgħet fl-istess ħin kienet *Science in the House* bħala parti mir-raba' edizzjoni ta' *Science in the City,* li l-għan tagħha hu li sservi ta' pont bejn ir-riċerkaturi u l-Membri Parlamentari.

Il-viżitaturi ġew milqugħa minn uffiċjali tal-Parlament li spjegaw il-funzjonijiet tal-Parlament u anke kif inhu mqassam il-Parlament, fuq żewġ binjiet, binja għas-Sala tal-Parlament u oħra għall-amministrazzjoni, inkluz l-uffiċċju tal-Ispeaker, l-uffiċċji tal-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-uffiċċji tal-Ministri u l-uffiċċji tal-membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni. Il-viżitaturi kellhom ukoll l-opportunità jiġu mdawra mal-binja tal-parlament minn membri tal-istaff stess.

### *5.12 Dibattitu nazzjonali dwar is-saħħa sesswali u t-tnaqqis tal-età tal-kunsens sesswali*

Fit-22 ta' Ottubru l-Ispeaker indirizza numru ta' studenti universitarji li pparteċipaw f'dibattitu nazzjonali organizzat mill-Kunsill tal-Istudenti Universitarji li nżamm fis-sala tal-Parlament. Id-diskussjoni ttrattat is-saħħa sesswali u t-tnaqqis tal-età tal-kunsens sesswali.

L-Ispeaker fakkar liż-żgħażagħ li hija l-istituzzjoni tal-parlament li tgħaddi l-liġijiet tal-pajjiż u hija din l-istess istituzzjoni li hija responsabbli mill-iskrutinju tal-gvern fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni li tkun għaddiet mill-Parlament.

L-Ispeaker fakkar ukoll li iktar kmieni din is-sena, il-kumitati permanenti dwar is-saħħa, l-affarijiet soċjali u tal-familja, ingħaqdu flimkien biex jisimgħu l-opinjonijiet ta' diversi esperti f'dan il-qasam. Il-kumitati huma mistennija jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom fil-bidu tal-2016.

Fost il-kelliema li indirizzaw lil dawk preżenti, kien hemm l-Onor. Claudette Buttigieg, l-Onor. Godfrey Farrugia, l-Onor. Deborah Schembri u l-Kummissarju tat-Tfal, is-Sinjura Helen D'Amato.

### *5.13 Indirizz lill-Parlament mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew*

L-ET Martin Schulz, President tal-Parlament Ewropew, u l-ET Donald Tusk, President tal-Kunsill Ewropew, żaru lill-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati fl-10 ta' Novembru. Fil-laqgħa bejn l-Ispeaker Farrugia u l-President Schulz, iż-żewġ naħat tennew l-importanza li jiġi msaħħaħ ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-Ispeaker spjega l-proposta tiegħu ta' proġett pilota bejn tlieta u ħames parlamenti nazzjonali żgħar, bil-għan li jiġi msaħħaħ ir-rwol ta' parlamenti nazzjonali lil hinn minn dak li hu definit fit-Trattat ta' Liżbona. Matul il-laqgħa mal-President Tusk, iż-żewġ dinjitarji ddiskutew il-fenomenu tal-migrazzjoni, wieħed mis-suġġetti fuq l-aġenda tal-Valletta Summit li kellu jinżamm fil-ġranet ta' wara. Huma esprimew it-tama li tinstab soluzzjoni dejjiema bejn il-pajjiżi membri tal-UE u l-pajjiżi Afrikani għal din il-kwistjoni.

Fil-ftuħ tas-seduta speċjali li matulha ż-żewġ Presidenti indirizzaw il-Kamra, l-Ispeaker Farrugia qal li l-Ewropa hi mdawra b'pajjiżi maħkuma minn gwerer li kienu qed iwasslu għal instabilità u li kienu qed iġiegħlu liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi jfittxu rifuġju fl-Ewropa. Hu qal li l-influss ta' immigranti ma kienx jidher li se jonqos fiż-żmien li ġej u żied jgħid li l-Valletta Summit qed jiġi organizzat fi żmien meta l-Mediterran kien qed jesperjenza l-agħar traġedji umani li qatt ra.

Il-President tal-Parlament Ewropew Martin Schulz, il-President tal-Kunsill Ewropew Donald Tusk, il-Prim Ministru l-Onor. Joseph Muscat u l-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil indirizzaw il-Kamra waqt din is-seduta speċjali li kienet l-ewwel seduta ta' dan it-tip li nżammet fil-binja l-ġdida tal-Parlament.

### *5.14 Commonwealth People's Forum 2015: Djalogu bejn il-kandidati għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth u s-soċjetà ċivili*

Fil-25 ta' Novembru l-Ispeaker Anġlu Farrugia ppreseda djalogu bejn il-kandidati għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth u s-soċjetà ċivili fi ħdan il-Commonwealth People's Forum 2015.

Din hija l-ewwel darba li kandidati li kienu qed jikkompetu għall-kariga ta' Segretarju Ġenerali tal-Commonwealth ingħaqdu f'dibattitu mas-socjetà ċivili u hija wkoll l-ewwel darba li sar djalogu bejn kandidati għal din il-kariga, bil-parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn 150 delegat.

Ir-rwol ta' Segretarju Ġenerali jinkludi responsabilitajiet li huma aktar estiżi mit-tmexxija tas-Segretarjat tal-Commonwealth. Is-Segretarju Ġenerali huwa l-kelliem u promotur ewlieni tal-Commonwealth u għalhekk għandu jkollu għarfien sod tal-kontribuzzjoni li s-soċjetà ċivili tista' tagħti fil-ħidma tal-Commonwealth.

Dan id-djalogu serva ta' opportunità għal kull kandidat sabiex jaqsam il-perspettivi tiegħu fir-rigward tar-rwol tas-soċjetà ċivili f'Commonwealth kontemporanja. L-għan kien li jpoġġi l-parteċipazzjoni attiva tal-istess soċjetà ċivili f'kull aspett tax-xogħol tal-Commonwealth fuq l-aġenda tal-kandidat li kien ser jiġi magħżul bħala Segretarju Ġenerali.

Fost il-parteċipanti li attendew u kkontribwixxew ukoll għad-diskussjoni kien hemm l-Onor. Carmelo Abela, Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali u membru tal-Kumitat Eżekuttiv tas-CPA, kif ukoll l-Onor. Tonio Fenech, President tal-CAPAC, l-Assoċjazzjoni tal-Kumitati tal-Kontijiet Pubbliċi tal-pajjiżi fil-Commonwealth.

### *5.15 Parlament għal Persuni b'Diżabilità*

"Kull vjaġġ jibda b'pass wieħed. Flimkien nistgħu naħdmu lejn futur fl-aħjar interess għalija, għalik u għal kull persuna umana, hija min hija, huma fejn huma, u irrispettivament tal-istat tagħhom." Dan kien il-kumment li għamel l-Ispeaker Anġlu Farrugia fil-ftuħ tat-12-il sessjoni parlamentari ddedikata għal persuni b'diżabilità li nżammet fl-10 ta' Diċembru.

L-Ispeaker tenna li din it-tnax-il sessjoni kienet ser tkun waħda memorabbli għax kienet l-ewwel waħda li ġiet organizzata fis-sala tal-Parlament grazzi għall-aċċessibilità tal-binja l-ġdida tal-Parlament. Huwa żied, li bħala l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, il-Parlament għandu jiżgura li kull sforz qed isir sabiex il-Parlament jirrispetta l-prinċipji ta' imparzjalità u ugwaljanza.

### *5.16 Konferenza dwar l-irwoli tal-Parlamenti Nazzjonali u tal-Parlament Ewropew fl-arkitettura Ewropea*

Fil-11 ta' Diċembru, il-Parlament ta' Malta ospita konferenza dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali u tal-Parlament Ewropew fl-arkitettura Ewropea. Il-Konferenza kienet organizzata mill-Kamra tad-Deputati u l-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta. Fil-ftuħ tal-konferenza, l-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li hemm lok ta' aktar kooperazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-Parlament Ewropew, b'enfasi lejn il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-rigward tal-inizjattiva tal-'kartuna ħadra'.

L-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li l-parlamenti nazzjonali għandhom mingħajr iktar dewmien jaħdmu flimkien sabiex jimtela l-vojt li jista' jiġi identifikat fir-relazzjoni bejn il-parlamenti nazzjonali u l-istituzzjonijiet tal-UE. L-Ispeaker enfasizza li dan hu neċessarju sabiex il-parlamenti nazzjonali jindirizzaw id-defiċit demokratiku u jibqgħu relevanti għaċ-ċittadini.

Il-konferenza kienet indirizzata wkoll mis-Sinjura Christine Verger, Direttriċi għar-Relazzjonijiet mal-Parlamenti Nazzjonali fil-Parlament Ewropew; l-Onor. Luciano Busuttil, President tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej; Dr Peter Agius, Kap tal-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew f'Malta; u s-Sur Kenneth Curmi, Rappreżentant tal-Parlament Malti fil-Parlament Ewropew.

### 5.17 Preżentazzjoni tal-ktieb "Iċ-Ċirasa"

Nhar l-24 ta' Ottubru, l-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati, Anġlu Farrugia indirizza t-tnedija tal-ktieb *"Iċ-Ċirasa*" miktub mid-Deputat Nazzjonalista Mario Galea, liema tnedija nżammet fid-Daħla tal-Parlament.

L-Ispeaker faħħar ix-xogħol tal-awtur u tal-pubblikaturi u nnota li din kienet it-tielet tnedija ta' kotba differenti taħt l-awspiċju tiegħu fil-Parlament. Huwa tenna li dan huwa messaġġ ċar li l-Parlament huwa Parlament ħaj u miftuħ għall-poplu.

### 5.18 Wirjiet

Fil-*foyer* tal-binja amministrattiva tal-Parlament, hemm spazju ddedikat għal wirjiet, temporanji u permanenti, għall-pubbliku li jkunu jistgħu jarawhom mingħajr ħlas.

Numru ta' wirjiet temporanji diġà ġew organizzati mill-ftuħ tal-binja l-ġdid tal-Parlament.

#### 5.18.1 Wirja ta' xogħlijiet minn priġunieri

Bejn l-1 u t-13 ta' Ġunju nżammet l-ewwel wirja fil-binja tal-Parlament li kienet tikkonsisti f'għaxar settijiet ta' purtieri, bit-tema *'Imħabba, Tama u Maħfra',* magħmula mir-residenti tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

Fil-messaġġ tal-ftuħ lil dawk preżenti, l-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li din il-wirja hija l-ewwel waħda tax-xorta tagħha f'Malta għaliex saret minn persuni li ma setgħux igawdu l-libertà. Hu enfasizza l-importanza li jqattgħu ż-żmien li kellhom fil-faċilità b'mod siewi waqt li jkunu qed jippreparaw sabiex jerġgħu jintegraw fis-soċjetà. Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali l-Onor. Carmelo Abela, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali l-Onor. Michael Farrugia, u s-Sja Michelle Muscat kienu wkoll preżenti għall-ftuħ ta' din il-wirja.

#### 5.18.2 Wirja ta' skulturi mill-artist Philippe Agius

It-tieni wirja li ttellgħet fil-binja tal-Parlament kienet dik tal-artist Philippe Agius u kienet tikkonsisti f'biċċiet ta' arti skulturati *(artefacts)*, li ħafna minnhom huma ispirati minn postijiet storiċi f'Malta, fosthom il-Palazz tal-Inkwiżitur, it-Tempji ta' Ħaġar Qim, l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni, it-Tempji Neolitiċi u l-Katakombi tar-Rabat.

Fil-messaġġ tiegħu fil-ftuħ tal-wirja, l-Ispeaker Anġlu Farrugia qal li mhux importanti li tkun famuż jew persuna importanti fil-ħajja iżda l-importanti huwa li l-messaġġ li trid twassal jasal għand min għandu jasal kif preċiżament għandu jasal, u dan kien proprju l-messaġġ tal-artist Philippe Agius lil dawk neqsin mid-dawl, li lejhom kienet indirizzata din il-wirja. Il-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku bejn it-22 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju.

#### 5.18.3 Wirja dwar l-40 anniversarju mid-Dikjarazzjoni ta' Ħelsinki

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia inawgura wirja li tfakkar l-40 sena mid-Dikjarazzjoni ta' Ħelsinki li minnha nħolqot l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Fid-diskors tiegħu, l-Ispeaker saħaq dwar l-importanza tar-rwol li kellha Malta sabiex pajjiżi fil-Mediterran jingħataw il-vuċi mistħoqqa f'din l-organizzazzjoni. L-Ispeaker għamel referenza wkoll għad-diskors li kien għamel il-Perit Duminku Mintoff bħala Prim Ministru ta' Malta 40 sena qabel proprju waqt il-laqgħa ta' Ħelsinki, liema diskors iddeskrivih bħala wieħed li għadu rilevanti u importanti sal-ġurnata tal-lum. Il-wirja kienet miftuħa għall-pubbliku bejn it-8 u l-20 ta' Lulju.

### *5.18.4 Wirja dwar il-Proġett tad-Daħla tal-Belt Valletta*

Nhar l-1 ta' Awwissu l-Ispeaker fetaħ wirja dwar il-proġett tad-Daħla tal-Belt Valletta mtella' mill-uffiċċju tal-Perit Renzo Piano li kien responsabbli mid-disinn tal-binja l-ġdida tal-Parlament.

Għall-ftuħ ta' din il-wirja kien hemm preżenti l-Perit Renzo Piano kif ukoll it-tim tiegħu li ħadem fuq dan il-proġett. Din kienet l-ewwel okkażjoni għall-Perit Renzo Piano li jżur il-binja tal-Parlament minn meta ġiet inawgurata uffiċjalment fl-4 ta' Mejju ta' din is-sena.

Fl-indirizz tiegħu, l-Ispeaker stqarr li t-tibdil li ġab dan il-proġett fid-daħla tal-Belt kapitali huwa wieħed sinifikanti. Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, il-Parlament għandu l-binja tiegħu minn fejn jista' jwettaq il-ħidma parlamentari tiegħu. Għall-ewwel darba, il-Parlament Malti mhux qed jaqsam il-post minn fejn jaħdem. Dan huwa pass fid-direzzjoni t-tajba sabiex il-Parlament Malti jsir tassew awtonomu.

Il-wirja baqgħet miftuħa sal-aħħar ta' Settembru.

### *5.18.5 Wirja 'Science in the House'*

Fil-25 ta' Settembru, id-Deputat *Whip* tal-Gvern, l-Onor. Deborah Schembri, fetħet il-wirja mtella' fil-binja tal-Parlament bħala parti mill-attivitajiet *Science in the City*. Il-wirja *'Science in the House'* teżebixxi riċerka mmexxija mill-Università ta' Malta, fost oħrajn, u għandha l-għan illi sservi ta' pont bejn ir-riċerkaturi u l-Membri Parlamentari. Din l-attività annwali hija organizzata b'mod konġunt bejn il-Kamra Maltija tax-Xjentisti, ir-*Research, Innovation and Development Trust* (RIDT) tal-Università ta' Malta u l-konsorzju *Science in the City, Researchers' Night*, b'kollaborazzjoni mal-Parlament ta' Malta.

Ir-raba' edizzjoni ta' din il-wirja ġabret 12-il studju li sar Malta, ippreżentati f'forma ta' *posters,* b'temi li jinkludu fosthom il-bini ta' teleskopji bil-għan li jiġu solvuti problemi astrofiżiċi, *radars* bi frekwenza għolja sabiex ikunu protetti r-riżorsi kostali Maltin, l-ewwel sekwenzar tal-ġenoma ta' mikroorganiżmu Malti *(genome sequencing of a Maltese micro-organism)* u strateġiji ġodda sabiex tiġi trattata l-epilessija.

### *5.18.6 Wirja dwar il-Commonwealth u l-popli tagħha: Dijaspora, Identità u Memorji*

Fis-27 ta' Novembru l-Ispeaker Anġlu Farrugia nieda l-wirja *"Il-Commonwealth u l-Popli Tagħha; Dijaspora, Identità u Memorji - Tluq, Identità, Memorja, Nostalġija u Ritorn."* Waqt li introduċa l-wirja, l-Ispeaker Farrugia qal li l-Commonwealth aċċellerat il-moviment ta' popli bis-saħħa ta' opportunitajiet ġodda u li bil-mod tagħha, il-Commonwealth tat sehemha fl-iżvilupp tal-identità nazzjonali u personali tagħna. Huwa żied li numru ta' Maltin emigraw lejn pajjiżi oħrajn, sewwa sew kif għamlu oħrajn li immigraw lejn Malta għall-istess raġunijiet.

Il-wirja li ttellgħet fil-*foyer* tal-binja tal-Parlament kienet miftuħa għall-pubbliku sat-8 ta' Diċembru.

## 6. KONDOLJANZI

Matul l-2015 il-Kamra wriet is-sobgħa tagħha għat-telfa ta' dawn il-persuni:

- fil-11 ta' Frar fakkret lis-Sur Michael Parnis, missier l-Onor. Silvio Parnis, li ġie nieqes fit-2 ta' Frar;

- fis-17 ta' Frar fakkret lil Dr Michael Refalo, ex Membru Parlamentari u Ministru, li ġie nieqes fit-3 ta' Frar;

- fl-4 ta' Marzu fakkret lis-Sur Emmanuel Scicluna, missier l-Onor. Edward Scicluna, li ġie nieqes fit-18 ta' Frar;

- fis-16 ta' Marzu fakkret lis-Sur Victor Galea Pace, ex Membru Parlamentari, li ġie nieqes fis-6 ta' Marzu;

- fil-5 ta' Ottubru fakkret lis-Sinj. Lina Galea, omm l-Onor. Mario Galea, li ġiet nieqsa fis-7 ta' Awwissu; u

- fit-18 ta' Novembru fakkret lis-Sur Gontran Borg, ex Membru Parlamentari, li ġie nieqes fid-9 ta' Novembru.

Fit-12 ta' Jannar, il-Kamra osservat mument ta' silenzju wara l-attakki terroristiċi fuq il-kwartieri ġenerali tar-rivista Charlie Hebdo, f'Pariġi, li seħħew fis-7 ta' Jannar.

Fit-23 ta' Jannar, l-Ispeaker Anġlu Farrugia kiteb lill-kontroparti tiegħu fl-Għarabja Sawdita Abdullah Bin Mohammed Bin Ibrahim Al-Sheikh, Chairman tal-Majlis ash-Shura (Consultative Assembly), biex jesprimi n-niket tal-Kamra tad-Deputati għat-telfa tar-Rè Abdullah bin Abdulaziz Al Saud.

Fis-26 ta' Jannar, il-Kamra kkommemorat il-vittmi tal-Olokawst u osservat minuta ta' silenzju.

Fl-24 ta' Marzu l-Kamra osservat mument ta' silenzju bħala sinjal ta' rispett għall-vittmi fuq it-titjira tal-Germanwings fuq l-Alpi Franċiżi.

Fl-24 ta' April, fid-dawl ta' avvenimenti traġiċi li seħħew f'dak il-perjodu, il-Kamra osservat mument ta' silenzju sabiex tfakkar l-immigranti li tilfu ħajjithom fil-Baħar Mediterran huma u jaqsmu lejn l-Ewropa.

Fit-30 ta' Ġunju l-Kamra osservat mument ta' silenzju bħala sinjal ta' rispett għall-vittmi tal-attakki terroristiċi li seħħew fit-Tuneżija, il-Kuwajt u Franza kif ukoll għall-attakki traġiċi oħra fis-Sirja u fis-Somalja.

Fis-16 ta' Novembru, l-Ispeaker Farrugia kiteb lill-Ispeaker tal-Assemblea Nazzjonali ta' Franza, is-Sur Claude Bartolone, u lill-Ispeaker tas-Senat Franċiż, is-Sur Gérard Larcher, biex jersprimi sobgħa għall-attakki terroristiċi li seħħew f'Pariġi fit-13 ta' Novembru. Dakinhar ukoll, il-Kamra osservat mument ta' silenzju bħala turija ta' rispett lejn il-vittmi ta' dawn l-attakki.